SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla)

23 ta' Lulju 2025 *

"Kompetizzjoni – Akkordji – Settur tat-tranżazzjonijiet ta' kambju spot (Forex) tal-muniti G10 – Applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE – Skambju ta' informazzjoni – Ftehimiet jew prattiki miftiehma li jirrigwardaw l-attivitajiet ta' kambju ta' muniti G10 – Restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan – Ksur uniku u kontinwu – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Drittijiet tad-difiża – Multi – Ammont bażiku – Valur ta' sostituzzjoni tal-valur tal-bejgħ – Artikolu 23(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 – Ġurisdizzjoni sħiħa"

Fil-Kawża T-84/22,

UBS Group AG, aventi kawża ta' Credit Suisse Group AG, stabbilita f'Zürich (l-Isvizzera),

UBS AG, aventi kawża ta' Credit Suisse AG, stabbilita fi Zürich,

Credit Suisse Securities (Europe) Ltd, stabbilita f'Londra (ir-Renju Unit),

irrappreżentati minn R. Wesseling u F. Brouwer, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn A. Boitos, C. Zois u T. Franchoo, bħala aġenti,

konvenuta,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla),

komposta minn K. Kowalik-Bańczyk, Presidenta, E. Buttigieg (Relatur) u B. Ricziová, imħallfin,

Reġistratur: I. Kurme, amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tas-7 ta' Marzu 2024,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħhom ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, UBS Group AG, aventi kawża ta' Credit Suisse Group AG, UBS AG (iktar 'il quddiem "UBS"), aventi kawża ta' Credit Suisse AG, u Credit Suisse Securities (Europe) Ltd, jitolbu, minn naħa, l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 8612 final, tat-2 ta' Diċembru 2021, li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.40135 – FOREX (Sterling Lads)) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") u, min-naħa l-oħra, it-tnaqqis tal-ammont tal-multa li, f'din id-deċiżjoni, ġiet imposta *in solidum* fuq Credit Suisse Group, Credit Suisse u Credit Suisse Securities (Europe) (iktar 'il quddiem, flimkien, "Credit Suisse").

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

A. Fuq il-proċedura li tat lok għad-deċiżjoni kkontestata

2 Il-proċedura nfetħet wara talba għall-għoti ta' marker skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-Immunità minn multi u tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell (ĠU 2006, C 298, p. 17, iktar 'il quddiem l-"Avviż dwar il-Kooperazzjoni"), imressqa fis-27 ta' Settembru 2013 minn UBS. F'din it-talba, UBS informat lill-Kummissjoni Ewropea bl-eżistenza ta' ksur preżunt fis-settur tat-tranżazzjonijiet ta' kambju spot tal-muniti G10.

3 Wara din it-talba, UBS għamlet dikjarazzjonijiet orali u pproduċiet provi dokumentali. Fit-2 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni akkordat lil UBS immunità kundizzjonali mill-multa skont il-punt 8(a) tal-Avviż dwar il-Kooperazzjoni.

4 Fil-11 ta' Ottubru 2013, fl-14 ta' Ottubru 2013 u fis-17 ta' Lulju 2015, Barclays plc, Barclays Execution Services Limited u Barclays Bank PLC (iktar 'il quddiem, flimkien, "Barclays"), HSBC Holdings plc u HSBC Bank plc (iktar 'il quddiem, flimkien, "HSBC") u NatWest Group plc u NatWest Markets Plc (iktar 'il quddiem, flimkien, "RBS") ressqu rispettivament talbiet għal tnaqqis tal-multi skont l-Avviż dwar il-Kooperazzjoni. Wara dawn it-talbiet, huma għamlu dikjarazzjonijiet orali u pproduċew provi dokumentali.

5 Fil-25 ta' Lulju 2014, fl-1 ta' Marzu u fid-29 ta' April 2016, il-Kummissjoni bagħtet talbiet għal informazzjoni lil Credit Suisse u lill-impriżi kollha msemmija fil-punti 3 u 4 iktar 'il fuq.

6 Fis-27 ta' Ottubru 2016, skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 u 102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), il-Kummissjoni fetħet proċedura ta' ksur kontra Credit Suisse u l-impriżi kollha msemmija fil-punti 3 u 4 iktar 'il fuq billi talbithom juru l-interess tagħhom li jipparteċipaw fi proċedura ta' riżolviment skont l-Artikolu 10a tar-Regolament (KE) Nru 773/2004 tagħha tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu [101 sal-Artikolu 102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81), kif emendat.

7 Credit Suisse u l-impriżi kollha msemmija fil-punti 3 u 4 iktar 'il fuq iddeċidew li jipparteċipaw fi proċedura ta' riżolviment u f'laqgħat mal-Kummissjoni fid-9 ta' Novembru 2016 u fis-7 ta' Frar 2018. Fid-19 ta' Frar 2018, Credit Suisse informat lill-Kummissjoni li hija kienet ser ittemm il-parteċipazzjoni tagħha fl-imsemmija proċedura. Il-Kummissjoni għalhekk marret lura għall-proċedura ordinarja fir-rigward ta' din tal-aħħar b'applikazzjoni tal-punt 19 tal-Avviż

tagħha dwar il-mod ta' proċedimenti ta' riżolviment ta' tilwim bil-għan li jiġu adottati Deċiżjonijiet skond l-Artikolu 7 u l-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 fil-każijiet tal-kartelli (ĠU 2008, C 167, p. 1).

8 Fl-24 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni bagħtet lil Credit Suisse dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fil-proċedura ordinarja. Wara li kisbet aċċess għall-fajl, Credit Suisse ippreżentat l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha bi tweġiba għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u esprimiet ruħha waqt is-seduta li nżammet fis-7 ta' Diċembru 2018.

9 Fit-18 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali lil Credit Suisse.

10 Wara li kellha aċċess għall-fajl, Credit Suisse ippreżentat l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha bi tweġiba għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali fit-termini mogħtija. It-tieni smigħ seħħ fit-8 ta' Ġunju 2021.

11 Fil-25 ta' Ġunju 2021, Credit Suisse wieġbet għat-talba għal informazzjoni mressqa waqt it-tieni smigħ.

12 Fit-2 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata, li kienet indirizzata biss lil Credit Suisse.

13 Fl-istess jum, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C(2021) 8613 final li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.40135 – FOREX (Sterling Lads)) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' riżolviment"), li d-destinatarji tagħha kienu l-partijiet li kienu aċċettaw li jipparteċipaw fil-proċedura ta' riżolviment u kienu ppreżentaw proposta ta' riżolviment, jiġifieri Barclays, HSBC, RBS u UBS.

B. Id-deċiżjoni kkontestata

1. Prodotti inkwistjoni u s-settur ikkonċernat

14 L-aġir imsemmi fid-deċiżjoni kkontestata jikkonċerna s-settur tat-tranżazzjonijiet ta' kambju spot tal-muniti G10, jiġifieri l-euro (EUR), id-dollaru Awstraljan (AUD), id-dollaru Kanadiż (CAD), il-frank Svizzeru (CHF), il-kroner Daniż (DKK), il-lira sterlina (GBP), il-jen (JPY), il-krona Norveġiża (NOK), id-dollaru tan-New Zealand (NZD), il-krone Svediża (SEK) u d-dollaru tal-Istati Uniti (USD).

15 L-attività ta' negozjar għat-tip ta' tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt 14 iktar 'il fuq ġiet iddefinita fid-deċiżjoni kkontestata bħala ftehim bejn żewġ partijiet għall-kambju ta' żewġ muniti, jiġifieri li jinxtara ċertu ammont (l-"ammont nozzjonali") ta' munita kontra l-ekwivalenti tagħha f'munita oħra għall-valur fil-mument tal-ftehim (ir-"rata tal-kambju"). Ir-rata tal-kambju ta' munita hija kkwotata fir-rigward tal-ammont ta' munita oħra li magħha tista' tiġi kambjata. Għalhekk, il-muniti dejjem jiġu nnegozjati f'pari u għalhekk kull wieħed ikollu valur relattiv. Ir-rati tal-kambju jvarjaw skont l-informazzjoni dwar il-valur fundamentali tagħhom. Fuq terminu qasir, dawn huma prinċipalment iddeterminati mill-flussi tal-ordnijiet tat-traders, filwaqt li l-prinċipji fundamentali tas-suq jiddeterminaw ir-rati tal-kambju iktar fit-tul.

16 Peress li l-attività ta' kummerċ elettroniku (fis-sens tat-tranżazzjonijiet li huma awtomatikament irriżervati jew eżegwiti jew mill-pjattaformi elettroniċi ta' negozjar f'isem il-bank ikkonċernat stess, jew permezz ta' algoritmi informatiċi) hija eskluża mill-kamp ta' analiżi, f'dan il-każ, hija biss l-attività tat-"negozjar bil-vuċi" li hija kkonċernata mid-deċiżjoni kkontestata.

17 It-tranżazzjonijiet ta' kambju spot huma konklużi fis-suq over-the-counter, b'tali mod li jibqgħu ddeċentralizzati b'livell għoli ta' likwidità u kambji kostanti. Dawn it-tranżazzjonijiet ġeneralment jiġu skattati meta istituzzjoni finanzjarja tiġi kkuntattjata minn klijent finali, jiġifieri, b'mod partikolari, istituzzjonijiet finanzjarji, ikkunsidrati bħala klijenti informati meta, fid-dawl tal-iskala tat-tranżazzjonijiet tagħhom, huma jkollhom inċentiv qawwi sabiex jiksbu informazzjoni li tista' tinfluwenza l-evoluzzjoni tar-rati tal-kambju. Dawn l-istituzzjonijiet finanzjarji jistabbilixxu uffiċċji tal-bejgħ speċifiċi li jistgħu jservu bħala interface bejn il-klijenti finali u t-traders użati mis-sensara biex jinnegozjaw il-muniti. Il-klijenti finali jistgħu wkoll jikkuntattjaw lit-traders direttament.

18 Il-banek, li t-traders tagħhom kienu involuti fil-kambji kkonċernati f'dan il-każ, jaġixxu bħala ġeneraturi tas-suq fis-suq tal-kambji spot u jżommu ruħhom lesti li jikkonkludu tranżazzjonijiet mal-klijenti tagħhom fi kwalunkwe mument sabiex jiżguraw il-likwidità tas-suq.

19 It-tipi ta' tranżazzjonijiet mibdija mill-klijenti jikkonċernaw b'mod partikolari:

– l-ordnijiet immedjati (li jippermettu dħul immedjat fis-suq għal ċertu ammont ta' munita abbażi tar-rata fis-seħħ fis-suq, li s-saldu tiegħu normalment iseħħ fi żmien jumejn mill-konklużjoni tat-tranżazzjoni);

– l-ordnijiet kundizzjonali (li s-saldu tagħhom iseħħ biss jekk ikunu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet tas-suq, pereżempju jekk il-valur ta' munita jilħaq ċertu livell);

– l-ordnijiet li għandhom jiġu eżegwiti bir-rata tal-"fixing" li, f'dan il-każ, kienu jikkonċernaw biss ir-rati ta' riferiment WM/Reuters Closing Spot Rates u r-rati ta' riferiment tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (li l-saldu tagħhom iseħħ b'rata ta' riferiment speċifika).

20 It-traders ġeneralment joffru prezzijiet bidirezzjonali (prezz tax-xiri jew prezz tal-offerta, u prezz tal-bejgħ jew prezz tat-talba), skont id-daqs tat-tranżazzjoni u l-muniti nnegozjati. Id-dħul iġġenerat mit-tranżazzjonijiet tal-kambju jiddependi fuq id-daqs tal-volum ta' muniti kambjati kif ukoll fuq id-differenza bejn il-prezz tal-offerta u l-prezz tat-talba tal-istess munita (iktar 'il quddiem id-"differenzjal bejn it-talba u l-offerta"). Id-differenzjal bejn it-talba u l-offerta huwa l-kumpens li jirċievi t-trader għall-immedjatezza tas-servizz ipprovdut kif ukoll għar-riskju li huwa jġarrab sussegwentement billi jkollu ammont nozzjonali ta' munita partikolari fil-portafoll tiegħu.

21 Fil-fatt, wara tranżazzjoni ta' xiri ta' munita inkambju għal oħra, trader isib ruħu f'"pożizzjoni twila", fis-sens li jżomm ammont nozzjonali pożittiv ta' munita fil-portafoll tiegħu, sakemm "jagħlaq" din il-pożizzjoni, jiġifieri jerġa' jbiegħ din il-munita. Wara tranżazzjoni ta' bejgħ ta' munita inkambju għal oħra, it-trader isib ruħu f'"pożizzjoni qasira", fis-sens li jżomm ammont nozzjonali negattiv ta' munita fil-portafoll tiegħu, sakemm "jagħlaq" din il-pożizzjoni, jiġifieri jerġa' jixtri din il-munita. Għalhekk, "pożizzjoni ta' riskju" tibqa' miftuħa sakemm iseħħ kambju oppost. Issa, dawn il-pożizzjonijiet, minħabba l-varjazzjonijiet rapidi fir-rati tal-kambju fis-suq, huma ta' riskju għat-traders, b'tali mod li, f'dan is-suq, it-traders jikkompetu ma' xulxin fir-rigward tal-ġestjoni esperta tar-riskji marbuta ma' dawn il-pożizzjonijiet.

22 It-traders jiddeterminaw l-istrateġija tagħhom u, b'mod partikolari, l-iffissar tad-differenzjali bejn it-talba u l-offerta, jew saħansitra tal-prezzijiet, skont, b'mod partikolari, il-portafoll tagħhom u l-informazzjoni li huma jkollhom. Minn naħa, mill-atti tal-proċess jirriżulta li l-ġeneraturi tas-suq għandhom jadattaw b'mod attiv il-prezzijiet fid-dawl tal-portafolli billi jibdlu l-prezzijiet u mhux sempliċement id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta, bl-għan li jinkiseb dħul mill-bejgħ rapidu tal-portafoll u li ma jakkumulawx pożizzjonijiet sinjifikattivi f'aspett tas-suq. Min-naħa l-oħra, l-aċċess għall-informazzjoni fuq is-suq għandu importanza għat-teħid ta' deċiżjoni mit-traders. Fil-fatt, iċ-ċaqliq tar-rati tal-kambju huwa influwenzat, fit-tul, mill-varjabbli makroekonomiċi u, fuq terminu qasir, mill-flussi tal-ordnijiet tal-klijenti jew, fi kliem ieħor, mill-varjabbli mikroekonomiċi. F'dak li jirrigwarda dawn l-aħħar varjabbli, il-partijiet jaqblu wkoll fuq il-fatt li l-ordnijiet ġejjin mill-klijenti informati, jiġifieri minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra, jindikaw lit-traders id-direzzjoni li fiha s-suq jista' jevolvi, b'tali mod li jinkoraġixxu lit-traders li jkollhom din l-informazzjoni sabiex jinnegozjaw fl-istess direzzjoni bħall-klijent informat. L-informazzjoni dwar il-flussi tal-ordnijiet tal-klijenti hija, bħala prinċipju, kunfidenzjali.

23 Barra minn hekk, it-traders jistgħu jkunu lesti wkoll li joħolqu, iżommu jew iżidu l-pożizzjonijiet tagħhom (ta' riskju miftuħ) fil-portafoll tan-negozjar għan-nom proprju. In-negozjar għan-nom proprju jseħħ meta t-traders jinvolvu ruħhom prinċipalment f'attivitajiet ta' negozjar bil-flus tal-banek stess minflok f'isem il-klijenti tagħhom, u jfittxu li jieħdu vantaġġ kompetittiv fis-suq billi jibnu pożizzjonijiet ta' riskju miftuħa li jippermettulhom jiksbu redditi ikbar.

24 Fl-aħħar nett, meta t-traders ma jirċevux ordnijiet deħlin mill-klijenti finali fil-kapaċità tagħhom ta' ġeneraturi tas-suq, huma ġeneralment jinnegozjaw bejniethom fis-suq imsejjaħ "interdealer", jiġifieri struttura tas-suq tal-kambji spot irriżervata esklużivament għall-istituzzjonijiet finanzjarji ("dealers"), sabiex jaġġustaw il-pożizzjonijiet tal-portafoll tagħhom stess jew jieħdu pożizzjoni għall-finijiet tal-attivitajiet ta' trading għan-nom proprju. F'dan il-każ, it-traders huma l-kontropartijiet ta' xulxin. Huma jistgħu jikkomunikaw direttament (bilateralment) ġeneralment permezz ta' sistema elettronika. Il-prezzijiet huma indikati fuq il-bażi ta' offerta finali li tħalli għażla bejn sempliċi aċċettazzjoni jew rifjut tal-offerta. Huma jistgħu jikkomunikaw ukoll permezz ta' sistema ta' sensara li jħabbru l-aħjar differenzjali bejn it-talba u l-offerta fuq skrins u jagħmlu l-informazzjoni disponibbli fuq il-pjattaformi tagħhom.

2. Aġir allegat fil-konfront ta' Credit Suisse

25 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni semmiet tliet tipi ta' aġir li seħħew fuq forum ta' diskussjoni privata u multilaterali fuq l-internet, jiġifieri Sterling Lads (iktar 'il quddiem il-"forum ta' diskussjoni inkwistjoni"), bejn ħames impriżi attivi fis-settur bankarju u finanzjarju, jiġifieri Barclays, Credit Suisse, HSBC, RBS u UBS. Dawn it-tipi ta' aġir kienu jikkonċernaw, skont il-kliem użat fid-deċiżjoni kkontestata, l-ewwel nett, ftehim sottostanti, it-tieni nett, skambji ta' informazzjoni u, it-tielet nett, każijiet okkażjonali ta' koordinazzjoni. Skont id-deċiżjoni kkontestata, id-diskussjonijiet fuq dan il-forum relatati ma' dan l-aġir seħħew mill-25 ta' Mejju 2011 sat-12 ta' Lulju 2012 u Credit Suisse pparteċipat fid-diskussjonijiet fl-imsemmi forum mis-7 ta' Frar sat-12 ta' Lulju 2012 (iktar 'il quddiem il-"perijodu rilevanti").

26 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-ftehim sottostanti, il-Kummissjoni qieset li l-parteċipazzjoni fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni kienet timplika li wieħed jaġixxi f'ċirku ta' fiduċja, aspettattivi u vantaġġi reċiproċi u għalhekk li tiġi osservata sensiela ta' regoli taċiti li jistgħu jinġabru fil-qosor, essenzjalment, kif ġej: i) it-traders kienu jiltaqgħu fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni sabiex jiskambjaw informazzjoni matul il-ġurnata kollha; ii) l-informazzjoni skambjata fl-imsemmi

forum ma kinitx żvelata mid-destinatarji lil traders kompetituri oħra; iii) l-informazzjoni skambjata setgħet tintuża favur it-traders parteċipi, u (iv) din l-informazzjoni ma kellhiex tintuża kontra l-persuni li kienu qasmu l-informazzjoni. Hija qieset li dan l-aġir kien jikkostitwixxi ftehim, li hija kklassifikat bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE minħabba, essenzjalment, li dan tal-aħħar kien jimplika aspettattivi razzjonali *ex ante* intiżi sabiex jitneħħew l-inċertezzi inerenti għas-suq inkwistjoni għall-vantaġġ komuni tat-traders u kien, għaldaqstant, ta' livell suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni.

27 Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-iskambji ta' informazzjoni, il-Kummissjoni semmiet diversi kuntatti bejn it-traders tal-banek ikkonċernati. Skont il-Kummissjoni, dawn il-kuntatti kienu jinvolvu, b'mod rikorrenti u estensiv, skambji ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva, attwali jew prospettiva dwar l-attivitajiet ta' negozjar tagħhom li kienu jippermettu lill-banek ikkonċernati jkunu informati, waqt it-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom fis-suq, dwar il-pożizzjonijiet, l-intenzjonijiet u r-restrizzjonijiet tal-kompetituri tagħhom, u dan kien jgħinhom fid-deċiżjonijiet sussegwenti tagħhom.

28 F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni qieset li l-għan ġenerali tal-iskambji ta' informazzjoni kien li jiġu influwenzati żewġ parametri essenzjali tal-kompetizzjoni fil-qasam tal-attivitajiet ta' negozjar spot fis-suq inkwistjoni, jiġifieri l-prezz u l-ġestjoni esperta tar-riskji, bit-tneħħija tal-inċertezzi inerenti għall-imsemmi suq. Issa, b'dan il-mod, it-traders parteċipi intenzjonalment issostitwixxew kooperazzjoni prattika bejniethom għar-riskji tal-kompetizzjoni awtonoma fuq dawn il-parametri, għad-detriment tal-atturi l-oħra tas-suq, b'livell suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni. Għaldaqstant, hija kklassifikat dawn l-iskambji ta' informazzjoni bħala ftehimiet u/jew prattiki miftiehma li jirrestrinġu l-kompetizzjoni "minħabba l-għan" fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.

29 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-każijiet okkażjonali ta' koordinazzjoni, il-Kummissjoni qieset li l-iskambji ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva ppermettew lit-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni jidentifikaw sitwazzjonijiet li fihom kienu jirriskjaw li jinterferixxu mal-interessi tal-oħrajn, b'tali mod li ffaċilitaw il-possibbiltà għalihom li jikkoordinaw okkażjonalment l-azzjonijiet tagħhom fil-forma ta' "standing down". Dan l-aġir allegatament naqqas ir-riskju li t-traders ma jiksbux ir-riżultat mixtieq u evita li jinnegozjaw simultanjament f'direzzjonijiet opposti. Hija qieset li dan l-istess aġir kien jikkostitwixxi ftehim u/jew prattika miftiehma, li hija kklassifikat bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE għar-raġuni, essenzjalment, li dan tal-aħħar kien jippermetti li jitnaqqsu l-inċertezzi normali inerenti għas-suq inkwistjoni, sa fejn l-impriżi involuti fil-fatti setgħu jidentifikaw sitwazzjonijiet fejn waħda minnhom setgħet tikseb profitt meta l-oħrajn kienu jżommu lura milli jinnegozjaw sabiex ma jinterferixxux fl-istrateġija ta' trading tagħha u, għaldaqstant, kienu ta' livell suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni.

30 Fir-raba' lok, il-Kummissjoni qieset ukoll li t-tliet restrizzjonijiet għall-kompetizzjoni msemmija iktar 'il fuq kienu jikkostitwixxu flimkien ksur uniku u kontinwu minħabba li kellhom għan komuni li jikkonsisti fit-tnaqqis tal-inċertezzi normali inerenti għas-suq tat-tranżazzjonijiet ta' kambju spot sabiex jitnaqqas ir-riskju u jingħata serħan il-moħħ lill-impriżi parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni (iktar 'il quddiem l-"impriżi parteċipi") dwar id-deċiżjonijiet tagħhom ta' ffissar tal-prezzijiet u ta' ġestjoni tar-riskji, u dan sabiex ma jikkompetux b'mod awtonomu. Hija qieset li t-tipi ta' aġir differenti ċċitati iktar 'il fuq kienu jagħmlu parti minn "pjan globali" peress li kienu implimentati skont l-istess *modus operandi* permezz tal-forum ta' diskussjoni inkwistjoni, li jimplika l-kontinwità tal-parteċipanti tiegħu.

31 Minn naħa, il-Kummissjoni qieset li Credit Suisse kienet uriet intenzjoni li tikkontribwixxi għall-għan komuni mfittex konsistenti fir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq tat-tranżazzjonijiet ta' kambju spot tal-muniti G10. Min-naħa l-oħra, hija qieset li Credit Suisse kienet taf bil-ftehim sottostanti u bl-iskambji ta' informazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-każijiet okkażjonali ta' koordinazzjoni li seħħew qabel il-perijodu rilevanti. Sussegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li Credit Suisse kienet responsabbli għall-iskambji ta' informazzjoni li kienu jagħmlu parti mill-ksur uniku u kontinwu iżda eskludiet ir-responsabbiltà tagħha, minn naħa, għall-ftehim sottostanti u, min-naħa l-oħra, għall-każijiet okkażjonali ta' koordinazzjoni.

32 Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata li Credit Suisse kienet kisret l-Artikolu 101(1) TFUE billi pparteċipat, matul il-perijodu rilevanti, fi skambji ta' informazzjoni "attwali jew prospettivi u kummerċjalment sensittivi li jikkostitwixxu ftehimiet u/jew prattiki miftiehma (li jagħmlu parti minn ksur uniku u kontinwu) li għandhom bħala għan ir-restrizzjoni u/jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-settur tat-tranżazzjonijiet ta' kambju spot tal-muniti G10 li kienu jestendu għaż-ŻEE kollha".

3. Multa

33 Il-Kummissjoni indikat li ddeterminat l-ammont tal-multa imposta fuq Credit Suisse skont il-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2; iktar 'il quddiem il-"Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi ").

a) Ammont bażiku tal-multa

34 Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ammont bażiku tal-multa, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tas-settur tal-kambji spot u, b'mod partikolari, tal-fatt li l-attivitajiet ta' kambju spot tal-muniti G10 ma jiġġenerawx bejgħ fis-sens abitwali tal-kelma, il-Kummissjoni kkalkolat il-valur tal-bejgħ tal-impriżi li pparteċipaw fil-ksur inkwistjoni permezz ta' "valur ta' sostituzzjoni tal-valur tal-bejgħ" (iktar 'il quddiem il-"valur ta' sostituzzjoni").

35 Sussegwentement, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni fattur ta' gravità ta' 16 % sa fejn il-ksur kien jifforma parti min-natura tiegħu stess mir-restrizzjonijiet l-iktar gravi u t-tul ta' dan l-istess ksur permezz ta' koeffiċjent multiplikatur ta' 0.42 sena.

36 Fl-aħħar nett, wara li żiedet ammont addizzjonali ta' 16 % tal-valur tal-bejgħ, għall-finijiet ta' dissważjoni ta' parteċipazzjoni f'tali prattiki, indipendentement mit-tul tal-ksur, il-Kummissjoni ffissat l-ammont bażiku tal-multa għal EUR 86 765 000.

b) Ammont finali tal-multa

37 Fir-rigward tal-iffissar tal-ammont finali tal-multa, il-Kummissjoni qieset li Credit Suisse kienet responsabbli għall-iskambji ta' informazzjoni biss li jagħmlu parti mill-ksur uniku u kontinwu u naqqset 4 % mit-total tal-ammont bażiku tal-multa minħabba ċ-ċirkustanzi attenwanti għan-nuqqas tar-responsabbiltà tagħha, minn naħa, għall-ftehim sottostanti u, min-naħa l-oħra, għall-każijiet okkażjonali ta' koordinazzjoni, b'rata ta' 2 % għal kull waħda minn dawn iċ-ċirkustanzi.

38 Għalhekk, hija imponiet fuq Credit Suisse, fl-Artikolu 2(a) tad-deċiżjoni kkontestata, multa ta' EUR 83 294 000.

II. It-talbiet tal-partijiet

39 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– sussidjarjament, tannulla parzjalment l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata u tnaqqas il-multa imposta fl-Artikolu 2;

– fi kwalunkwe każ, tnaqqas l-ammont tal-multa imposta fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż jew, sussidjarjament, għal parti xierqa mill-ispejjeż tagħhom.

40 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors fl-intier tiegħu;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

III. Id-dritt

41 Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi. L-ewwel tliet motivi, ibbażati fuq il-ksur tal-Artikolu 101 TFUE kif ukoll fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, u l-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-drittijiet tad-difiża, huma intiżi, essenzjalment, sabiex jikkontestaw il-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li tinsab fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata li tipprovdi li Credit Suisse kisret l-Artikolu 101 TFUE. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003, tal-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi, tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-obbligu ta' motivazzjoni, huwa intiż li jikkontesta l-multa imposta mill-Kummissjoni fuq Credit Suisse fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata.

A. Fuq l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata

1. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 101 TFUE u fuq motivazzjoni insuffiċjenti fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni online bħala ftehimiet u/jew prattiki miftiehma antikompetittivi

42 Permezz tal-ewwel motiv tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-iskambji ta' informazzjoni li seħħew bejn it-traders fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni ma jikkostitwixxux ftehimiet u/jew prattiki miftiehma antikompetittivi, u dan irrispettivament minn jekk jitqisux b'mod iżolat jew flimkien mal-ftehim sottostanti. Dan l-ewwel motiv huwa maqsum f'żewġ partijiet.

43 Fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel motiv tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma wrietx l-eżistenza ta' ftehim sottostanti u li konsegwentement l-iskambji ta' informazzjoni online jikkostitwixxu ftehim antikompetittiv u/jew prattika miftiehma.

44 Fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel motiv tagħhom, huma jsostnu li l-Kummissjoni ma pproduċietx il-provi meħtieġa sabiex tistabbilixxi li l-iskambji ta' informazzjoni online jikkostitwixxu ftehimiet awtonomi u/jew prattiki miftiehma.

a) Osservazzjonijiet preliminari

45 Għandu jitfakkar li l-kriterji ta' koordinazzjoni u ta' kooperazzjoni li jsawru prattika miftiehma għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-kunċett inerenti tad-dispożizzjonijiet tat-TFUE li jikkonċernaw il-kompetizzjoni, li jipprovdu li kull operatur ekonomiku għandu jiddetermina awtonomament il-politika li huwa għandu l-intenzjoni jadotta fis-suq (ara ara s-sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 119 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Filwaqt li huwa minnu li dan ir-rekwiżit ta' awtonomija ma jipprekludix lill-operaturi ekonomiċi milli jadattaw ruħhom b'mod għaqli għall-aġir ikkonstatat jew prevedibbli tal-kompetituri tagħhom, huwa madankollu jipprekludi rigorożament kull kuntatt dirett jew indirett bejn tali operaturi li jista' jinfluwenza l-aġir fis-suq ta' kompetituri attwali jew potenzjali, jew jiżvela lil tali kompetitur l-aġir tagħhom fis-suq jew l-aġir li għandhom l-intenzjoni jadottaw fis-suq, meta dan il-kuntatt ikollu bħala għan jew effett li jwassal għal kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni li ma jikkorrispondux għall-kundizzjonijiet normali tas-suq inkwistjoni, b'kunsiderazzjoni għan-natura tal-prodotti jew tas-servizzi pprovduti, għad-daqs u għan-numru ta' impriżi involuti u għall-volum tal-imsemmi suq (ara ara s-sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 120 u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-iskambju ta' informazzjoni bejn kompetituri seta' jikser ir-regoli tal-kompetizzjoni meta jnaqqas jew jelimina l-grad ta' inċertezza fir-rigward tal-funzjonament tas-suq inkwistjoni, bil-konsegwenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni bejn impriżi (ara s-sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 121 u l-ġurisprudenza ċċitata).

b) Fuq l-ewwel parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma pproduċietx prova tal-eżistenza ta' ftehim sottostanti u konsegwentement li l-iskambji ta' informazzjoni online jikkostitwixxu ftehim antikompetittiv u/jew prattika miftiehma

48 Ir-rikorrenti jinvokaw tliet ilmenti. Permezz tal-ewwel ilment, huma jsostnu li d-deċiżjoni kkontestata hija bbażata fuq il-premessa li l-ftehim sottostanti jikkostitwixxi kundizzjoni preliminari għall-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni bħala ftehimiet u/jew prattiki miftiehma antikompetittivi fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE. Permezz tat-tieni lment, huma jsostnu li l-Kummissjoni ma pproduċietx prova li ġiet skambjata informazzjoni fuq il-forum ta' diskussjoni inkwistjoni skont dan il-ftehim. Insostenn ta' dan l-ilment, huma jikkontestaw l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni tal-provi kontemporanji, jiġifieri tad-diskussjonijiet online bejn it-traders, u jsostnu li la dawn id-diskussjonijiet, la l-proposti ta' riżolviment u lanqas l-indizji konkomitanti ma juru l-eżistenza tal-imsemmi ftehim. Permezz tat-tielet ilment, huma jsostnu li l-Kummissjoni ma tistax tneħħi l-ftehim sottostanti mill-istħarriġ ġudizzjarju minħabba li Credit Suisse ma nżammitx responsabbli għal dan il-ftehim, sa fejn dan huwa element essenzjali tal-argument tal-Kummissjoni kontra Credit Suisse.

49 Fir-rigward tal-ewwel ilment invokat mir-rikorrenti, għandu jiġi rrilevat li mill-qari globali tad-deċiżjoni kkontestata u, b'mod partikolari, mill-premessi 337 sa 341, 344, 345, 347 sa 349, moqrija flimkien mal-premessi 394 sa 405 u 411 sa 417 tagħha, jirriżulta li l-Kummissjoni wettqet klassifikazzjonijiet legali distinti, minn naħa, tal-ftehim sottostanti bħala ftehim li jirrestrinġi l-kompetizzjoni u, min-naħa l-oħra, tal-iskambju ta' informazzjoni bħala ftehimiet u/jew prattiki miftiehma li jirrestrinġu l-kompetizzjoni. Fil-premessi 487, 489 u 491 sa 499 ta' din id-deċiżjoni, hija kklassifikat ukoll dawn iż-żewġ tipi ta' aġir bħala elementi kostituttivi distinti tal-ksur uniku u kontinwu (ara l-punti 26 sa 31 iktar 'il fuq). Sussegwentement, għandu jitfakkar li Credit Suisse nżammet responsabbli biss għall-ksur ikkostitwit mill-aġir relatat mal-iskambji ta' informazzjoni.

50 Għandu jiġi rrilevat ukoll li għalkemm l-iskambji ta' informazzjoni li jirrigwardaw lil Credit Suisse seħħew fuq forum ta' diskussjoni online, din ir-rabta ma' dan l-aspett tal-ftehim sottostanti ma tistax tiġi assimilata mal-eżistenza ta' kundizzjoni preliminari, li jinvokaw ir-rikorrenti, ta' natura li tinfluwenza l-klassifikazzjonijiet legali distinti tal-ftehim sottostanti u tal-iskambji ta' informazzjoni.

51 B'mod iktar partikolari, kif jirriżulta mill-premessi 337 sa 341 tad-deċiżjoni kkontestata, il-klassifikazzjoni legali tal-iskambji ta' informazzjoni bħala ftehimiet u/jew prattiki miftiehma antikompetittivi, imwettqa mill-Kummissjoni f'din id-deċiżjoni, la hija bbażata fuq ir-regoli tal-ftehim sottostanti, u lanqas fuq l-aċċettazzjoni taċita ta' tali regoli mit-traders parteċipi f'dawn l-iskambji ta' informazzjoni (iktar 'il quddiem it-"traders inkwistjoni"). Kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, id-deċiżjoni kkontestata ma tistax għalhekk tiġi interpretata bħala li tistabbilixxi l-ftehim sottostanti bħala kundizzjoni preliminari għall-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni.

52 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi invalidata mill-kontenut tal-premessi 346 u 369 sa 371 tad-deċiżjoni kkontestata, iċċitati mir-rikorrenti insostenn tal-argumenti tagħhom.

53 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, fir-rigward tal-premessa 346 tad-deċiżjoni kkontestata, li tirrigwarda l-klassifikazzjoni tal-ftehim bħala ftehim sottostanti, għandu jiġi kkonstatat li dan il-ftehim, ċertament, jiddikjara, essenzjalment, li l-iskambji ta' informazzjoni kienu jippermettu lit-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni jikkontrollaw id-devjazzjonijiet possibbli mir-regoli. Madankollu, ma jagħmel ebda riferiment għall-klassifikazzjoni legali adottata fl-imsemmija deċiżjoni f'dak li jirrigwarda l-iskambji ta' informazzjoni.

54 It-tieni nett, mill-premessi 369 sa 371 tad-deċiżjoni kkontestata, li għandhom biss l-għan li jindirizzaw l-argumenti ta' Credit Suisse mressqa matul il-proċedura amministrattiva, jirriżulta li l-Kummissjoni bbażat l-eżistenza tal-imsemmi ftehim fuq provi indiretti, jiġifieri l-iskambji ta' informazzjoni, sa fejn il-ftehim sottostanti jikkostitwixxi "premessa loġika" tal-imsemmija skambji. Għalhekk, ir-riferiment għall-"premessa loġika" għandu jinftiehem sempliċement bħala li jintuża għal dan l-istess għan li tintwera l-eżistenza tagħha f'dan il-każ. Għalhekk, il-fatt li l-eżistenza tal-ftehim sottostanti tista' tiġi dedotta mill-iskambji ta' informazzjoni għandu jinftiehem ukoll bħala li jirreferi għall-prova tal-eżistenza tiegħu, mingħajr preġudizzju għall-klassifikazzjonijiet legali distinti tal-iskambji ta' informazzjoni, minn naħa, u tal-ftehim sottostanti, min-naħa l-oħra.

55 Barra minn hekk, kuntrarjament għall-argumenti tar-rikorrenti, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata tispjega fid-deċiżjoni kkontestata r-raġunijiet għalfejn Credit Suisse skambjat informazzjoni b'mod differenti mill-banek l-oħra involuti fil-fatti kkritikati, f'dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet inklużi fid-deċiżjoni ta' riżolviment.

56 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-proċedura ta' riżolviment u l-proċedura amministrattiva ordinarja huma distinti. Għalhekk, waqt l-adozzjoni tad-deċiżjoni fir-rigward ta' Credit Suisse wara l-proċedura amministrattiva ordinarja, minn naħa, il-Kummissjoni kienet marbuta biss bid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u, min-naħa l-oħra, hija kienet obbligata, b'osservanza tal-prinċipju ta' kontradittorju, li tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, inklużi l-informazzjoni u l-argumenti kollha mressqa minn Credit Suisse fl-okkażjoni tal-eżerċizzju tad-dritt għal smigħ tagħha, b'tali mod li hija kienet obbligata teżamina mill-ġdid dawn l-elementi fil-fajl (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Mejju 2015, Timab Industries u CFPR vs Il-Kummissjoni, T-456/10, EU:T:2015:296, punti 90, 96 u 107).

57 Fir-rigward tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda Credit Suisse wara l-proċedura amministrattiva ordinarja, għandu jiġi nnotat li mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, ikkompletata mid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali, jirriżulta li l-Kummissjoni kklassifikat il-ftehim sottostanti u l-iskambji ta' informazzjoni bħala ftehimiet u/jew prattiki miftiehma antikompetittivi b'mod distint u li Credit Suisse ma qajmitx kritika f'dan ir-rigward matul il-proċedura amministrattiva. Għalhekk, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata terġa' teżamina l-każ fir-rigward ta' dawn il-klassifikazzjonijiet legali.

58 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, fid-dawl tal-klassifikazzjonijiet legali distinti tal-iskambji ta' informazzjoni, minn naħa, u tal-ftehim sottostanti, min-naħa l-oħra, li għalihom Credit Suisse ma nżammitx responsabbli (ara l-punt 32 iktar 'il fuq), ma hemmx lok li jiġu eżaminati t-tieni u t-tielet ilment tal-ewwel parti tal-ewwel motiv li huma bbażati fuq il-premessa żbaljata li l-ftehim sottostanti huwa, fid-deċiżjoni kkontestata, kundizzjoni preliminari għall-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni bħala ftehimiet u/jew prattiki miftiehma antikompetittivi fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.

59 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, hemm lok li tiġi miċħuda l-ewwel parti tal-ewwel motiv.

60 Madankollu, sa fejn, fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti jinvokaw l-assenza ta' natura antikompetittiva tal-iskambji ta' informazzjoni, li huma awtonomi mill-ftehim sottostanti, li l-analiżi tagħhom timplika l-eżami tal-kontenut u tal-interpretazzjoni tal-imsemmija skambji, il-fatt li l-kritika tar-rikorrenti dwar il-portata u l-interpretazzjoni tal-provi kontemporanji titressaq fil-kuntest tal-argument tagħhom ibbażat fuq il-ftehim sottostanti, imressaq insostenn tal-ewwel parti tal-ewwel motiv, ma jistax jippreġudika l-analiżi tagħhom mill-Qorti Ġenerali, fil-kuntest tat-tieni parti ta' dan il-motiv, sabiex tiddetermina l-fondatezza tal-kontestazzjonijiet tagħhom tal-klassifikazzjoni ta' ftehimiet jew ta' prattiki miftiehma awtonomi tal-iskambji ta' informazzjoni.

c) Fuq it-tieni parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq l-assenza ta' provi li jistabbilixxu li l-iskambji ta' informazzjoni online kienu jikkostitwixxu ftehimiet u/jew prattiki miftiehma awtonomi

61 Din il-parti għandha tinqasam, essenzjalment, fi tliet ilmenti. Permezz tal-ewwel ilment, ir-rikorrenti jilmentaw dwar l-interpretazzjoni magħmula mill-Kummissjoni ta' ċerti provi kontemporanji, jiġifieri ta' ċerti diskussjonijiet online, li fuqhom hija bbażat ruħha sabiex tikkonkludi li l-iskambji ta' informazzjoni online kienu jikkostitwixxu ftehimiet u/jew prattiki miftiehma, filwaqt li jsostnu, b'mod partikolari, li dawn id-diskussjonijiet ma humiex ta' natura kummerċjalment sensittiva. Permezz tat-tieni lment, ir-rikorrenti jsostnu li l-iskambji ta' informazzjoni online ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala ftehimiet u/jew prattiki miftiehma

antikompetittivi billi jsostnu, essenzjalment, li l-allegata natura kummerċjalment sensittiva ta' din l-informazzjoni u t-tnaqqis tal-inċertezza fost il-kompetituri li jista' jirriżulta minnhom ma humiex suffiċjenti għall-finijiet ta' tali klassifikazzjoni. Permezz tat-tielet ilment, huma jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li l-ispjegazzjoni leġittima tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni pprovduta minn Credit Suisse kienet irrilevanti.

62 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ppreżentat u interpretat il-kontenut ta' iktar minn mitt diskussjoni. Għalhekk, l-iskambji ta' informazzjoni analizzati f'din id-deċiżjoni inqasmu f'erba' kategoriji skont is-suġġetti diskussi, jiġifieri (i) id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta (premessi 245 sa 251), (ii) l-ordnijiet tal-klijenti (premessi 183 sa 228), (iii) il-pożizzjonijiet ta' riskju miftuħa (premessi 234 sa 238) u (iv) l-attivitajiet ta' negozjar attwali jew ippjanati (premessi 258 sa 285). Il-Kummissjoni qieset, essenzjalment, li dawn l-iskambji kollha kienu jirrigwardaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva, attwali jew prospettiva dwar l-attivitajiet ta' negozjar tat-traders involuti li kienu jippermettu lill-banek ikkonċernati jibqgħu informati bil-pożizzjonijiet, bl-intenzjonijiet u bir-restrizzjonijiet tal-kompetituri tagħhom, u dan kien jgħinhom fid-deċiżjonijiet sussegwenti tagħhom. Abbażi ta' din l-analiżi, il-Kummissjoni kkonkludiet, fil-premessi 337 sa 341 tad-deċiżjoni kkontestata, li dawn l-iskambji ta' informazzjoni kienu jikkostitwixxu prattika miftiehma antikompetittiva fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.

63 L-ewwel żewġ ilmenti għandhom jiġu eżaminati flimkien.

1) Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq l-interpretazzjoni żbaljata ta' ċerti provi kontemporanji mill-Kummissjoni u t-tieni lment, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-iskambji ta' informazzjoni online ma jikkostitwixxux ftehimiet u/jew prattiki miftiehma antikompetittivi

i) Fuq l-ammissibbiltà ta' ċerti argumenti u provi tar-rikorrenti

64 Il-Kummissjoni tikkontesta l-ammissibbiltà, minn naħa, tal-argument tar-rikorrenti dwar l-interpretazzjoni żbaljata ta' ċerti skambji ta' informazzjoni u tal-Anness A.8 tar-rikors li fuqu hija tibbaża ruħha u, min-naħa l-oħra, tal-argumentazzjoni relatata mal-assenza tan-natura ta' ksur tal-iskambji ta' informazzjoni, tal-Anness A.9 tar-rikors u tal-Annessi C.2 u C.3 tar-replika, li fuqhom huwa bbażat l-imsemmi argument.

65 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, kull rikors għandu jindika s-suġġett tal-kawża u għandu jkollu espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati. Skont ġurisprudenza stabbilita sew, din l-indikazzjoni għandha tkun ċara u preċiża biżżejjed sabiex tippermetti lill-konvenut jipprepara d-difiża tiegħu u lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi dwar ir-rikors (sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, United Parcel Service vs Il-Kummissjoni, T-194/13, EU:T:2017:144, punt 191).

66 Għandu jitfakkar ukoll li huwa neċessarju, sabiex rikors quddiem il-Qorti Ġenerali jkun ammissibbli, li l-punti essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom jibbaża ruħu rikorrent jirriżultaw, minn tal-inqas fil-qosor, b'mod koerenti u li jinftiehem, mit-test tar-rikors innifsu. Għalkemm huwa minnu li t-test tar-rikors jista' jiġi ssostanzjat u kkompletat, fir-rigward ta' punti speċifiċi, permezz ta' riferimenti għal siltiet speċifiċi minn dokumenti li huma annessi miegħu, riferiment globali għal dokumenti oħra, anki jekk annessi mar-rikors, ma jistax jikkumpensa għan-nuqqas

tal-elementi essenzjali tal-argumenti fid-dritt, li, skont id-dispożizzjonijiet imfakkra fil-punt 65 iktar ’il fuq, għandhom ikunu inklużi fir-rikors (ara s-sentenza tas-7 ta’ Marzu 2017, United Parcel Service vs Il-Kummissjoni, T-194/13, EU:T:2017:144, punt 192 u l-ġurisprudenza ċċitata).

67 Għalhekk, l-annessi jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni biss sa fejn jissostanzjaw jew jikkompletaw il-motivi jew l-argumenti espressament invokati mir-rikorrent fit-test proprju tas-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu u sa fejn ikun possibbli li jiġi identifikat bi preċiżjoni liema huma l-elementi li dan l-anness jinkludi li jissostanzjaw jew jikkompletaw dawn il-motivi jew argumenti (ara s-sentenza tad-9 ta’ Settembru 2015, Samsung SDI *et* vs Il-Kummissjoni, T-84/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:611, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, ma huwiex il-kompitu tal-Qorti Ġenerali li tfittex u tidentifika, fl-annessi, il-motivi u l-argumenti li tista’ tqis li jikkostitwixxu l-bażi tar-rikors, peress li l-annessi għandhom funzjoni purament probatorja u strumentali (ara s-sentenza tas-17 ta’ Settembru 2007, Microsoft vs Il-Kummissjoni, T-201/04, EU:T:2007:289, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata).

68 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-ammissibbiltà, ikkontestata, essenzjalment, mill-Kummissjoni, tal-argument tar-rikorrenti dwar l-interpretazzjoni żbaljata ta’ ċerti skambji ta’ informazzjoni analizzati fid-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi kkonstatat li, kif jirriżulta mir-rikors, insostenn tal-argument tagħhom li “[il-Kummissjoni] tkompli tifhem ħażin il-lingwaġġ tat-tranżazzjonijiet u l-funzjonament tas-suq tal-kambji spot”, ir-rikorrenti jagħmlu riferiment għall-Anness A.8 mehmuż mar-rikors, li huwa rapport ta’ espert ta’ ex President tad-Diviżjoni Interbankarja tal-Global FX Committee, u jiċċitaw tliet eżempji minn dan ir-rapport sabiex jissostanzjaw l-argument tagħhom.

69 Fl-istadju tar-replika, bi tweġiba għall-argumenti tal-Kummissjoni dwar l-inammissibbiltà, ir-rikorrenti jtennu l-argument imsemmi iktar ’il fuq u jżidu sussegwentement li l-Anness A.8 juri wkoll, minn naħa, li “l-eżistenza ta’ pjan globali antikompetittiv jew ta’ għan ta’ restrizzjoni tal-kompetizzjoni ma tistax tiġi dedotta faċilment jew direttament mill-provi dokumentali” u, min-naħa l-oħra, li l-Kummissjoni kienet iddeduċiet, abbażi tal-interpretazzjonijiet tagħha biss, “l-eżistenza ta’ ftehim sottostanti”. Huma jaffermaw, dejjem fl-istadju tar-replika, li l-fatt li l-Kummissjoni ma kinitx f’pożizzjoni li tiddistingwi l-ordnijiet magħmula jew l-ordnijiet futuri “jikkostitwixxi fattur li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni għaliex jitfa’ dubju fuq id-diliġenza u [ir-]robustezza tal-investigazzjoni tagħha”. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jinvokaw l-importanza u l-ispeċifiċità tal-argument tagħhom b’riferiment għall-punti 18, 69 u 78 tar-rikors. Dawn jirrigwardaw l-allegata natura favur il-kompetizzjoni tal-iskambji ta’ informazzjoni, kif ġie rrikonoxxut fit-talbiet għal klemenza (punt 18), l-interpretazzjoni żbaljata jew il-fehim żbaljat mill-Kummissjoni tal-lingwaġġ tat-tranżazzjonijiet u tal-funzjonament tas-suq tal-kambji spot (punt 69) u, essenzjalment, l-erba’ regoli tal-ftehim sottostanti (punt 78).

70 Waqt is-seduta, bi tweġiba għall-mistoqsija magħmula mill-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti żammew il-pożizzjoni tagħhom li l-argumenti tagħhom huma fformulati b’mod ċar u speċifiku fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom.

71 F’dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti jressqu argument, kif espost fil-punti 68 u 69 iktar ’il fuq, li huwa limitat għal affermazzjonijiet ġenerali u mhux issostanzjati ta’ spiss ifformulati f’sentenza waħda jew tnejn u li jagħmlu biss sempliċi riferiment ġenerali għall-Anness A.8, mingħajr ma jindikaw b’mod koerenti u li jinftiehem l-effett li dan l-argument, u wisq inqas ir-rapport ta’ espert li fuqu huwa bbażat, għandu fuq il-fondatezza tal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata. F’dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument ma jissodisfax ir-rekwiżiti ċċitati fil-punti 65 sa 67 iktar ’il fuq.

72 Konsegwentement, hemm lok li jiġi miċħud bħala inammissibbli l-argument tar-rikorrenti dwar, essenzjalment, l-interpretazzjoni żbaljata ta' ċerti skambji ta' informazzjoni analizzati fid-deċiżjoni kkontestata li fiha dawn tal-aħħar jagħmlu riferiment għall-Anness A.8 u, fid-dawl tar-riferiment ġenerali għal dan l-anness, li ma jitteħidx inkunsiderazzjoni l-imsemmi anness.

73 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-argument relatat mal-assenza ta' natura antikompetittiva tal-iskambji ta' informazzjoni, li huwa bbażat fuq riferiment għall-Anness A.9 tar-rikors u għall-Annessi C.2 u C.3 tar-replika, għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, l-imsemmi argument għandu jitqies li huwa suffiċjentement ċar u preċiż. Fil-fatt, mis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali jirriżulta b'mod ċar, anki jekk b'mod sommarju biss, li, permezz tal-kategorizzazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni maqsuma bejn (i) id-diskussjonijiet ġenerali li ma jistgħux jitqiesu bħala "kummerċjalment sensittivi" fis-suq tal-kambji spot, (ii) id-diskussjonijiet (iktar) preċiżi jew prospettivi li jittrattaw volumi ta' skambji relattivament dgħajfa u li ma setgħux jipprovdu informazzjoni rilevanti dwar l-evoluzzjoni mistennija tar-rati tal-kambju allegati u (iii) id-diskussjonijiet li jirrigwardaw volumi ta' skambji iktar sinjifikattivi iżda li seta' jkollhom għan antikompetittiv wieħed ipotetiku li jikkonsisti fl-użu tagħhom mit-trader li rċevihom biex jagħmel profitt qabel it-trader li jkun bagħat din l-informazzjoni, ir-rikorrenti għandhom l-intenzjoni li jikkontestaw il-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar in-natura antikompetittiva tal-iskambji ta' informazzjoni online fid-dawl tal-kontenut tagħhom, tas-suġġett tagħhom jew il-kapaċità tagħhom li "joħolqu distorsjoni" tal-kompetizzjoni. Għalhekk, għandu jitqies li dan l-argument tar-rikorrenti huwa konformi mar-rekwiżiti ġurisprudenzjali ċċitati fil-punti 65 u 66 iktar 'il fuq u li għalhekk huwa ammissibbli.

74 Barra minn hekk, fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 67 iktar 'il fuq, huwa biss sa fejn l-Annessi A.9, C.2 u C.3 jissostanzjaw jew jikkompletaw l-argument espressament imressaq mir-rikorrenti fin-noti tagħhom li dawn ser jittieħdu inkunsiderazzjoni.

ii) Fuq in-natura antikompetittiva tad-diskussjonijiet speċifikament ikkontestati mir-rikorrenti

75 Ir-rikorrenti jikkontestaw speċifikament l-interpretazzjoni magħmula mill-Kummissjoni tad-diskussjonijiet li huma kklassifikaw fl-ewwel kategorija (ara l-punt 73 iktar 'il fuq), jiġifieri d-diskussjonijiet tal-14 ta' Ġunju, tal-5 ta' Awwissu u tal-4 ta' Ottubru 2011, tas-7 ta' Frar u tal-1 ta' Ġunju 2012, tal-14 ta' Mejju 2012, tal-11 ta' April 2012, tat-13 ta' April 2012, tad-9 ta' Mejju 2012, tal-5 ta' Ġunju 2012, tal-25 ta' April 2012, tal-10 ta' Frar 2012, kif ukoll tal-25 ta' April, tad-19 ta' Ġunju, tat-3 u tal-4 ta' Lulju 2012, minħabba li l-informazzjoni skambjata matul dawn id-diskussjonijiet hija "informazzjoni dwar is-suq" u mhux informazzjoni kummerċjalment sensittiva u li ma hijiex ta' natura antikompetittiva.

76 Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-Kummissjoni kinitx qieset ġustament li t-traders skambjaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva, ta' natura antikompetittiva, għandha tiġi evalwata n-natura tal-imsemmija skambji. B'mod iktar partikolari, għandu jiġi analizzat jekk dawn l-iskambji kinux jirrigwardaw informazzjoni mhux pubblika li t-traders ma setax ikollhom għarfien tagħha, possibbilment aggregata kif ukoll anonimizzata, u għandhom jiġu eżaminati, b'mod partikolari, il-preċiżjoni u l-għan tal-iskambju tagħha.

– Fuq id-diskussjonijiet tal-14 ta' Ġunju, tal-5 ta' Awwissu u tal-4 ta' Ottubru 2011 u tas-7 ta' Frar u tal-1 ta' Ġunju 2012

77 Id-diskussjonijiet tal-14 ta' Ġunju, tal-5 ta' Awwissu u tal-4 ta' Ottubru 2011 u tas-7 ta' Frar u tal-1 ta' Ġunju 2012 li jinsabu fil-premessi 107, 111, 122, 139, 150 u 504 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-interpretazzjoni tagħhom magħmula mill-Kummissjoni hija kkontestata mir-rikorrenti, ma ġewx ikkunsidrati mill-Kummissjoni bħala li huma ta' natura kummerċjalment sensittiva.

78 Fil-fatt, fir-rigward, fl-ewwel lok, tad-diskussjonijiet tal-14 ta' Ġunju, tal-5 ta' Awwissu u tal-4 ta' Ottubru 2011 u tas-7 ta' Frar u tal-1 ta' Ġunju 2012 li jinsabu fil-premessi 107, 111, 122, 139 u 150 tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni qieset li dawn kienu juru, essenzjalment, li l-aċċess għall-forum ta' diskussjoni inkwistjoni kien ibbażat fuq il-fiduċja reċiproka bejn it-traders parteċipi u li dawn l-istess traders kienu jaġixxu f'ċirku magħluq intiż sabiex jiffavorixxi l-interessi tagħhom stess. Skont il-Kummissjoni, l-iskambji li jinsabu fil-premessi 139 u 150 tal-imsemmija deċiżjoni kienu juru wkoll li t-trader ta' Credit Suisse li kien jipparteċipa fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni qabel ma ġie impjegat minn Credit Suisse kien ingħaqad ma' dan il-forum bħala impjegat b'għarfien perfett tal-funzjonament tiegħu u ta' dak li kienet timplika l-parteċipazzjoni tiegħu.

79 Fir-rigward, fit-tieni lok, tad-diskussjoni tal-5 ta' Awwissu 2011 li tinsab fil-premessa 504 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li din kienet turi li t-trader ta' Credit Suisse, mingħajr ma pparteċipa attivament fl-iskambji, kien jaf bihom.

80 Għaldaqstant, l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq il-klassifikazzjoni żbaljata tad-diskussjonijiet imsemmija fil-punt 77 iktar 'il fuq, ikkunsidrati bħala kummerċjalment sensittivi, huwa infondat fil-fatt u għalhekk għandu jiġi miċħud.

– Fuq id-diskussjoni tal-14 ta' Mejju 2012

81 Fir-rigward tad-diskussjoni tal-14 ta' Mejju 2012 riprodotta fil-premessa 209 tad-deċiżjoni kkontestata, moqrija flimkien mal-premessi 196 sa 202 u 337 sa 341, il-Kummissjoni qieset li, waqt din id-diskussjoni, it-traders qasmu informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet tagħhom, lil hinn mill-kuntest tat-tranżazzjonijiet potenzjali bejniethom, kif ukoll dwar l-ispekulazzjonijiet fuq il-prezz ta' par muniti GBP/USD. Minn dan hija kkonkludiet li tali informazzjoni, li kienet tikkonċerna l-ordnijiet tal-klijenti, kienet kummerċjalment sensittiva u ta' natura li tikkontribwixxi għan-natura antikompetittiva tal-iskambji kollha ta' informazzjoni li kienu seħħew fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni.

82 Ir-rikorrenti jikkontestaw l-interpretazzjoni ta' din id-diskussjoni mill-Kummissjoni billi jsostnu li din tirrigwarda informazzjoni ġenerali, ma tinkludix informazzjoni dwar l-ordnijiet prospettivi jew il-pożizzjonijiet tat-traders u tikkorrispondi għalhekk għall-komunikazzjoni tal-"informazzjoni dwar is-suq". Huma jżidu li r-referenzi għal "rhs light" u "LHS samlls cable" ma jirrigwardawx l-ammonti, il-prezzijiet jew il-klijenti u għalhekk huma anonimizzati. Huma jikkonkludu li din id-diskussjoni ma tippermettix li jiġi stabbilit li l-informazzjoni skambjata fuq il-forum ta' diskussjoni inkwistjoni hija antikompetittiva.

83 Il-Kummissjoni tikkontesta l-interpretazzjoni tad-diskussjoni inkwistjoni, kif imressqa mir-rikorrenti.

84 Għandu jiġi kkonstatat li, kif jirriżulta mill-estratt tad-diskussjoni inkwistjoni, it-trader ta' Credit Suisse kien preżenti fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni f'din il-ġurnata u li, fl-14:50 u 48 sekonda, huwa indika lill-parteċipanti l-oħra li huwa kellu ordnijiet ta' bejgħ ta' kwantità żgħira ta' par muniti indeterminat li kellhom jiġu eżegwiti bir-rata tal-"fixing" ("rhs lights"). Fl-14:52 u 57 sekonda, trader ieħor bagħtlu mistoqsija sabiex ikun jaf jekk kienx par muniti GBP/USD ("[c]able?? ") u, fl-14:55 u 51 sekonda, bagħat l-informazzjoni dwar l-ordnijiet tal-klijenti tiegħu, jiġifieri l-ordnijiet tal-bejgħ ta' kwantità żgħira għal par muniti GBP/USD li kellhom jiġu eżegwiti bir-rata tal-"fixing" ("LHS samlls cable"). Fl-istess konverżazzjoni, trader ieħor esprima l-fehma tiegħu dwar iż-żieda fil-valur tal-par muniti GBP/USD ("feels like its just being put higher wsith sof eur/gbp and eur/usd running into some bids..."), filwaqt li speċifika li ma kellux ordnijiet għal dan il-par muniti.

85 Kif jirriżulta mit-traskrizzjoni tad-diskussjoni inkwistjoni, it-traders skambjaw informazzjoni li ma kinitx pubblika u kienet tirrigwarda ordnijiet speċifiċi li huma kellhom, filwaqt li ppreċiżaw it-tip tagħhom (ordni ta' bejgħ li kellu jiġi eżegwit bir-rata tal-"fixing"), il-par muniti kkonċernat (GBP/USD) u l-kwantità tagħhom. Din id-diskussjoni għalhekk tirrifletti kummenti f'ħin reali tal-attivitajiet tat-traders li taw lok għal skambju ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

86 Anki jekk jitqies li l-informazzjoni skambjata hija, kif isostnu r-rikorrenti, anonimizzata, dan il-fatt ma jipprekludix il-klassifikazzjoni tagħha bħala informazzjoni kummerċjalment sensittiva sa fejn din l-informazzjoni, minħabba l-għan u l-livell ta' preċiżjoni tagħha u l-fatt li ma hijiex aċċessibbli għall-kompetituri mhux preżenti fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni, tagħti vantaġġ kummerċjali lid-destinatarji tagħha.

87 Issa, tali informazzjoni tista', għal traders speċjalizzati fil-qasam, tinformahom dwar iċ-ċaqliq fis-suq relatat mal-par muniti GBP/USD li jippreċedi l-"fixing", b'teħid inkunsiderazzjoni tal-fatt li l-ordnijiet ta' bejgħ ta' daqs iżgħar li għandhom jiġu eżegwiti bir-rata tal-"fixing" huma inqas kapaċi jinfluwenzaw il-movimenti tar-rata tal-kambju b'mod sinjifikattiv. Għalhekk, il-komunikazzjoni ta' tali informazzjoni tippermetti lit-traders jadattaw l-istrateġiji ta' trading tagħhom abbażi ta' dan u jnaqqsu l-inċertezzi inerenti għas-suq tal-kambji spot.

88 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ġustament qieset li d-diskussjoni tal-14 ta' Mejju 2012 kienet tirrigwarda informazzjoni kummerċjalment sensittiva li tista' tikkontribwixxi għan-natura antikompetittiva tal-iskambji ta' informazzjoni li kienu seħħew fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni.

– *Fuq id-diskussjoni tal-11 ta' April 2012*

89 Fir-rigward tad-diskussjoni tal-11 ta' April 2012 riprodotta fil-premessa 223 tad-deċiżjoni kkontestata, moqrija flimkien mal-premessi 214 sa 221 u 337 sa 341, il-Kummissjoni qieset li din kienet tirrigwarda ordni immedjata ta' klijent speċifiku u li l-iżvelar ta' din l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva kien ineħħi ċerti inċertezzi inerenti għas-suq tal-kambji spot, b'tali mod li jippermetti lit-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni jantiċipaw aħjar iċ-ċaqliq tas-suq u jadattaw l-istrateġiji tagħhom sabiex jibbenefikaw mill-informazzjoni żvelata u miż-żieda fit-trasparenza tas-suq li tirriżulta minnha u, għaldaqstant, setgħu jikkontribwixxu għan-natura antikompetittiva tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni.

90 Ir-rikorrenti jsostnu li d-diskussjoni tal-11 ta' April 2012 tikkonċerna informazzjoni ġenerali li ma tinkludix ordnijiet prospettivi jew pożizzjonijiet tat-traders. Huma jżidu li l-kumment "lost some X" li jinsab f'din id-diskussjoni ma jindikax ammonti jew prezz u li diversi klijenti kienu jduru

fis-suq, li ma kienx jippermetti li tiġi dedotta informazzjoni speċifika dwar klijent. Huma jikkonkludu li din l-istess diskussjoni tikkonċerna informazzjoni fuq is-suq li ma għandhiex portata antikompetittiva.

91 Il-Kummissjoni tikkontesta l-interpretazzjoni tad-diskussjoni inkwistjoni proposta mir-rikorrenti.

92 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-estratt tad-diskussjoni tal-11 ta' April 2012, li jinsab fil-premessa 223 tad-deċiżjoni kkontestata, jikkonferma li, fis-6:50 u 23 sekonda, trader ta' UBS informa lit-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni li kien għadu kemm ikkonkluda tranżazzjoni ta' biegħ ta' euros kontra liri sterlini ("lost some X", jiġifieri par muniti EUR/GBP), billi ppreċiża, fis-6:50 u 23 sekonda, li din tal-aħħar kienet tikkonċerna kontroparti li ġeneralment idur minn trader għal ieħor ("usual geezer who does the rounds"). Uħud mill-parteċipanti fl-imsemmi forum ta' diskussjoni, fosthom b'mod partikolari t-trader ta' Credit Suisse, irringrazzjawh għal din l-informazzjoni ("ta").

93 Għandu jitqies li din id-diskussjoni tiżvela skambju ta' informazzjoni preċiża, attwali u kunfidenzjali, sa fejn din tiżvela lit-traders l-oħra parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni t-tip ta' ordni kkonċernat (immedjat), il-mument (attwali) tat-twettiq tiegħu, il-par muniti kkonċernat (EUR/GBP) u riferiment għal tip ta' klijent għat-tranżazzjoni li kienet għadha kif ġiet konkluża.

94 Fir-rigward ta' dan l-aħħar riferiment għal tip ta' klijent, ir-rikorrenti ma jistgħux jingħataw raġun meta jsostnu li dan ma jippermettix li tiġi dedotta informazzjoni speċifika dwar klijent. Fil-fatt, ir-riferiment tat-trader ta' UBS għal kontroparti li "[j]dur minn trader għal ieħor" għandu jinftiehem, fil-kuntest tal-imsemmi skambju, bħala suffiċjentement speċifiku għall-finijiet tal-identifikazzjoni tiegħu minn dawn l-istess traders, professjonisti fil-qasam, li jippermettilhom jieħdu inkunsiderazzjoni n-natura tiegħu, b'mod partikolari informat jew le. Tali konklużjoni tapplika fid-dawl, minn naħa, tal-preċiżazzjoni li dan kien kontroparti abitwali ("usual geezer") u, min-naħa l-oħra, tal-fatt li ebda wieħed mit-traders li rringrazzjawh għal din l-informazzjoni ma talab preċiżazzjonijiet dwar ir-riferiment għal dan il-klijent. Issa, kif qieset il-Kummissjoni fil-premessa 40(b) tad-deċiżjoni kkontestata, moqrija flimkien man-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 381, mingħajr ma dan ġie kkontestat mir-rikorrenti, it-tqegħid għad-dispożizzjoni lil traders oħra tal-informazzjoni dwar in-natura informata jew le tal-klijent ikkonċernat għandu jitqies li jista' jippermetti lid-destinatarji ta' din l-informazzjoni jantiċipaw eventwali ċaqliq fis-suq.

95 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-informazzjoni kondiviża waqt id-diskussjoni inkwistjoni ma tistax titqies bħala ġenerali għas-sempliċi raġuni li ma kinitx tispeċifika ammonti skambjati, livelli tar-rata tal-kambju jew ma kinitx tirrigwarda ordnijiet prospettivi. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-"informazzjoni dwar is-suq" tikkonsisti, essenzjalment, f'osservazzjonijiet dwar l-istat tas-suq ta' natura ġenerali u anonimizzata, filwaqt li l-informazzjoni kif ġiet ikkomunikata waqt id-diskussjoni inkwistjoni kienet manifestament differenti.

96 Għaldaqstant, għandu jitqies li l-informazzjoni skambjata inkwistjoni kienet ta' natura kummerċjalment sensittiva, attwali u preċiża, li setgħet tneħħi ċerti inċertezzi inerenti għas-suq tal-kambji spot. Għaldaqstant, dawn kienu jippermettu lit-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni jantiċipaw aħjar iċ-ċaqliq tas-suq għall-par muniti EUR/GBP u jadattaw l-istrateġiji tagħhom sabiex japprofittaw mill-informazzjoni żvelata u, għaldaqstant, setgħu jikkontribwixxu għan-natura antikompetittiva tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni.

97 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ġustament qieset li d-diskussjoni tal-11 ta' April 2012 kienet tirrigwarda informazzjoni kummerċjalment sensittiva li tista' tikkontribwixxi għan-natura antikompetittiva tal-iskambji ta' informazzjoni li kienu seħħew fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni.

– *Fuq id-diskussjoni tat-13 ta' April 2012*

98 F'dak li jirrigwarda d-diskussjoni tat-13 ta' April 2012 indikata fil-premessa 224 tad-deċiżjoni kkontestata, moqrija flimkien mal-premessi 214 sa 221 u 337 sa 341, il-Kummissjoni qieset li din kienet tikkonċerna informazzjoni attwali jew prospettiva kummerċjalment sensittiva marbuta mal-ordnijiet immedjati tal-klijenti, billi kkomunikat fuq il-forum ta' diskussjoni inkwistjoni l-volum jew id-direzzjoni ta' ordni speċifika u mhux aggregata jew it-tip ta' klijent, b'tali mod li neħħiet ċerti inċertezzi inerenti għan-negozjar fis-suq tal-kambji spot u żiedet il-livell ta' trasparenza tal-evoluzzjoni tar-rata tal-kambju tal-par muniti kkonċernat. Minn dan hija kkonkludiet li din id-diskussjoni setgħet tikkontribwixxi għan-natura antikompetittiva tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni.

99 Ir-rikorrenti jsostnu li l-iskambju ta' informazzjoni li seħħ waqt id-diskussjoni tat-13 ta' April 2012 jikkonċerna "informazzjoni dwar is-suq", peress li dan ma jirrigwardax ordnijiet prospettivi jew pożizzjonijiet tat-traders. Għalhekk, l-espressjoni "lose more cable" użata mit-trader ta' Credit Suisse hija anonimizzata, tirrigwarda ammonti approssimattivi, mingħajr indikazzjoni tal-prezz jew informazzjoni dwar il-klijenti. Skont ir-rikorrenti, il-kelma "corp" hija kelma ġenerika li tindika impriża, u għalhekk ma tippermettix li jiġi identifikat klijent.

100 Il-Kummissjoni tikkontesta l-interpretazzjoni tad-diskussjoni inkwistjoni proposta mir-rikorrenti.

101 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-estratt tad-diskussjoni tat-13 ta' April 2012, riprodott fil-premessa 224 tad-deċiżjoni kkontestata, jikkonferma li, fid-9:56 u 42 sekonda, it-trader ta' Credit Suisse ikkomunika lil trader ieħor preżenti fil-forum ta' diskussjoni l-informazzjoni dwar it-tranżazzjoni attwali tiegħu ta' bejgħ ta' 40 miljun f'par muniti GBP/USD ma' impriża kbira ("lose more cable 40 odd corp"), għal liema informazzjoni dan it-trader l-ieħor irringrazzjah ("tks ratty").

102 Għalhekk, id-diskussjoni inkwistjoni turi b'mod ċar skambju ta' informazzjoni preċiża, attwali u eskluża mid-dominju pubbliku, magħrufa biss mill-partijiet għat-tranżazzjoni, jiġifieri mit-trader u mill-klijent tiegħu. Fil-fatt, l-informazzjoni dwar it-tranżazzjoni pprovduta mit-trader ta' Credit Suisse kienet tindika l-ammont speċifiku (40 miljun), il-par muniti kkonċernat (GBP/USD), id-direzzjoni ta' din it-tranżazzjoni (bejgħ) u riferiment għal tip ta' klijent (impriża kbira).

103 F'dan ir-rigward, ma jistax jintlaqa' l-argument tar-rikorrenti li jgħid li l-kelma "corp", li għaliha għamel riferiment it-trader ta' Credit Suisse waqt id-diskussjoni inkwistjoni, ma tippermettix li tiġi stabbilita l-identità speċifika ta' klijent ikkonċernat. Fil-fatt, dan jindika madankollu t-tip ta' klijent, jiġifieri, b'mod partikolari, li huwa impriża kbira. Issa, għandu jiġi rrilevat li l-informazzjoni dwar il-fluss tal-ordnijiet ta' ċerti impriżi kbar u impriżi internazzjonali tista' tiġi kkunsidrata bħala informattiva, peress li din tippermetti lit-traders li jkollhom din l-informazzjoni jantiċipaw iċ-ċaqliq tar-rata tal-kambju għal par muniti kkonċernati, b'tali mod li jitneħħew ċerti inċertezzi inerenti għas-suq tal-kambji spot u tiżdied t-trasparenza fl-imsemmi suq għall-benefiċċju biss tad-destinatarji ta' din l-informazzjoni.

104 Barra minn hekk, l-utilità tal-indikazzjoni dwar tip ta' klijent, f'dan il-każ "corp", hija kkorroborata minn skambji oħra ċċitati fid-deċiżjoni kkontestata (ara, b'mod partikolari, il-premessi 278 sa 280 tal-imsemmija deċiżjoni) li minnhom jirriżulta li din l-indikazzjoni ġiet evalwata mit-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni.

105 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-informazzjoni kondiviża mit-traders matul id-diskussjoni tat-13 ta' April 2012 ma tistax titqies li tikkostitwixxi "informazzjoni dwar is-suq" minħabba s-sempliċi fatt li ma tirrigwardax ordnijiet prospettivi.

106 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ġustament qieset li d-diskussjoni tat-13 ta' April 2012 kienet tirrigwarda informazzjoni kummerċjalment sensittiva ta' natura li tikkontribwixxi għan-natura antikompetittiva tal-iskambji ta' informazzjoni li kienu seħħew fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni.

– *Fuq id-diskussjoni tad-9 ta' Mejju 2012*

107 Fir-rigward tad-diskussjoni tad-9 ta' Mejju 2012 indikata fil-premessa 276 tad-deċiżjoni kkontestata, moqrija flimkien mal-premessi 252 sa 257 u 337 sa 341, il-Kummissjoni qieset li, matul din id-diskussjoni, it-trader ta' Barclays staqsa lit-trader ta' Credit Suisse dwar (il-konklużjoni ta') l-istrateġija tat-trading tiegħu, u t-trader ta' Credit Suisse wieġeb fl-affermattiv filwaqt li pprovda dettalji addizzjonali dwar il-livelli nnegozjati. Skont il-Kummissjoni, taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, it-trader ta' Barclays ma kellu l-ebda raġuni u l-ebda mezz li jkun fil-pussess tal-informazzjoni li t-trader ta' Credit Suisse kien reċentement "eżegwixxa l-offerti tiegħu" ("cleared his bids"). Issa, l-iskambju ta' din l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva kien ta vantaġġ kompetittiv lit-trader ta' Barclays, sa fejn dan seta' jkollu effett fuq l-aġir sussegwenti tiegħu fil-qasam tal-prezzijiet, li jippermettilu jadatta l-offerti tiegħu ("bids") għal livell inqas kompetittiv, bl-għarfien li t-trader ta' Credit Suisse seta' jeżegwixxi l-offerti kollha tiegħu.

108 Ir-rikorrenti jsostnu li d-diskussjoni tad-9 ta' Mejju 2012 tirrigwarda kunsiderazzjonijiet ġenerali, fid-dawl tal-fatt li r-riferimenti għall-ordnijiet ma jinkludux l-ammonti, il-prezzijiet jew informazzjoni dwar il-klijenti kkonċernati u għalhekk huma anonimizzati. Din id-diskussjoni lanqas ma tirrigwarda l-ordnijiet prospettivi jew il-pożizzjonijiet tat-traders.

109 Barra minn hekk, bi tweġiba għal mistoqsija magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, ir-rikorrenti sostnew li d-diskussjoni inkwistjoni seta' kellha l-għan li tesplora l-possibbiltà ta' konklużjoni ta' tranżazzjoni bejn it-traders parteċipi f'din id-diskussjoni, filwaqt li madankollu affermaw li ma kinux f'pożizzjoni li jikkonfermaw definittivament din l-interpretazzjoni. Huma tennew, sussidjarjament, il-pożizzjoni tagħhom li d-diskussjoni inkwistjoni kellha l-għan li taqsam "informazzjoni dwar is-suq" sabiex tiffaċilita l-għarfien tas-suq minn dawn l-istess traders. Fi kwalunkwe każ, l-informazzjoni skambjata, anki li kieku kellu jitqies li kienet kummerċjalment sensittiva, hija ġenerali, anonima, storika u mhux speċifika sabiex tagħti lok għal aġir antikompetittiv.

110 Il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni kondiviża waqt id-diskussjoni inkwistjoni tikkostitwixxi informazzjoni kummerċjalment sensittiva li tmur lil hinn minn "informazzjoni dwar is-suq", sa fejn din tikkonċerna, essenzjalment, il-livelli speċifiċi u attwali ta' trading.

111 Bi tweġiba għal mistoqsija magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-kuntest ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, il-Kummissjoni tenniet il-pożizzjoni tagħha li d-diskussjoni inkwistjoni kienet tikkonċerna l-iskambju ta' informazzjoni mhux pubblika u konkreta, li tippermetti lid-destinatarju tagħha jadatta l-prezz li kien joffri lill-klijenti tiegħu stess, filwaqt li jipprova saħansitra jżidu, fl-għarfien li huwa ftit probabbli li, wara li tkun ġiet konkluża l-istrateġija ta' trading tiegħu, il-kompetitur tiegħu jkompli jinnegozja l-par muniti inkwistjoni. Hija żiedet li l-indikazzjoni, mit-trader ta' Credit Suisse, tat-tnaqqis ta' livell tar-rata tal-kambju ma kienx ikollha sens li kieku t-trader ta' Barclays ma kienx jaf f'liema par muniti l-offerti tat-trader ta' Credit Suisse kienu għadhom kif ġew eżegwiti.

112 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li, waqt id-diskussjoni inkwistjoni, it-trader ta' Credit Suisse kkomunika, ċertament, l-informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' trading tiegħu, billi ppreċiża l-livelli ta' negozjati, li hija, min-natura tagħha stess, ta' natura kummerċjalment sensittiva ("yeh all filled"; "feels like its dropped 200 pips its only 40"). Madankollu, l-estratt iċċitat iktar 'il fuq tad-diskussjoni ma jippermettix, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, li jiġi konkluż li l-iskambju ta' din l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva kien ta vantaġġ kompetittiv lit-trader ta' Barclays, sa fejn dan seta' jkollu effett fuq l-aġir sussegwenti tiegħu f'dak li jirrigwarda l-prezzijiet peress li jippermettilu jadatta l-offerti tiegħu.

113 Minn naħa, l-affermazzjoni tal-Kummissjoni, fis-sens li l-indikazzjoni dwar il-livelli tar-rata tal-kambju "ma kinitx tkun tagħmel sens li kieku ż-żewġ [traders] kienu qegħdin jiddiskutu dwar l-eżekuzzjoni tal-offerti tagħhom b'mod ġenerali, mingħajr ma jirreferu għal par muniti partikolari", hija, fid-dawl tal-kontenut tal-imsemmija diskussjoni, ta' natura spekulattiva. Fil-fatt, ebda data fid-diskussjoni, jew f'ebda diskussjoni oħra ċċitata fid-deċiżjoni kkontestata, ma tippermetti li jiġi konkluż li t-traders kienu qegħdin jiddiskutu l-eżekuzzjoni tal-offerti f'livelli msemmija mit-trader ta' Credit Suisse għal par muniti speċifiku.

114 Min-naħa l-oħra, ebda data tad-diskussjoni inkwistjoni ma tippermetti li tiġi kkorroborata l-affermazzjoni tal-Kummissjoni fis-sens li t-trader li rċieva l-informazzjoni kondiviża mit-trader ta' Credit Suisse seta' jkun jaf li ftit kien probabbli li l-kompetitur tiegħu jkompli jinnegozja l-par muniti inkwistjoni. Din l-affermazzjoni hija għalhekk ukoll ta' natura spekulattiva.

115 Issa, tali spekulazzjonijiet ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' prova imposti fuq il-Kummissjoni sabiex turi, b'mod suffiċjenti fid-dritt, l-eżistenza tal-fatti li jikkostitwixxu ksur (ara s-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, E.ON Energie vs Il-Kummissjoni (C-89/11 P, EU:C:2012:738, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).

116 Għalhekk, fl-assenza ta' informazzjoni iktar preċiża, ma jistax jiġi konkluż li din id-diskussjoni naqqset jew neħħiet l-inċertezza fis-suq b'tali mod li tagħti vantaġġ kompetittiv lid-destinatarju tagħha.

117 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li l-Kummissjoni ma wrietx, b'mod suffiċjenti fid-dritt, li d-diskussjoni tad-9 ta' Mejju 2012 kienet tista' tikkontribwixxi għan-natura antikompetittiva tal-aġir allegat fil-konfront ta' Credit Suisse. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ġustament isostnu li l-Kummissjoni ma setgħetx tinvokaha kontra Credit Suisse.

– *Fuq id-diskussjoni tal-5 ta' Ġunju 2012*

118 Fir-rigward tad-diskussjoni tal-5 ta' Ġunju 2012 li tinsab fil-premessa 281 tad-deċiżjoni kkontestata, moqrija flimkien mal-premessi 252 sa 257 u 337 sa 341, il-Kummissjoni qieset li din kienet tikkonċerna informazzjoni kummerċjalment sensittiva, peress li trader ta' UBS skambja informazzjoni dwar ordni reċentement eżegwita, billi kkomunika dettalji speċifiċi dwar il-par muniti, ir-rata tal-kambju u t-tip ta' klijent li, mingħajr din id-diskussjoni, it-trader ta' Credit Suisse ma kien ikollu ebda raġuni jew ebda mezz sabiex ikollu għarfien tagħhom. Issa, l-għarfien ta' tali informazzjoni jpoġġi lit-trader ta' Credit Suisse f'sitwazzjoni ta' vantaġġ kompetittiv, fil-każ li l-istess tip ta' klijent kien jitlobha twettaq tranżazzjoni fl-istess par muniti, peress li kien jaf li l-klijent kien aċċetta li jinnegozja bir-rata tal-kambju proposta preċedentement mit-trader ta' UBS. Għalhekk, l-iskambju ta' informazzjoni waqt din id-diskussjoni kien ta' natura li jikkontribwixxi għan-natura antikompetittiva tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni.

119 Ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-informazzjoni skambjata matul din id-diskussjoni tikkonċerna "informazzjoni dwar is-suq" fid-dawl tal-fatt li r-riferimenti għall-ordnijiet tal-klijenti kienu anonimizzati, ma kinux jindikaw ammonti jew informazzjoni dwar il-klijenti, iżda biss livelli tar-rata tal-kambju approssimattivi. Huma jżidu li ma huwiex ċar li r-riferiment għal "rooskies" jikkonċerna klijent speċifiku.

120 Il-Kummissjoni tikkontesta l-interpretazzjoni tad-diskussjoni inkwistjoni kif imressqa mir-rikorrenti.

121 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-estratt tad-diskussjoni inkwistjoni jikkonferma li, fit-8:38 u 40 sekonda, trader ta' UBS staqsa lit-trader ta' Credit Suisse jekk kienx irċieva ordnijiet ta' bejgħ ("are you seeing much eurusd selling Ratty"), filwaqt li ppreċiża, fit-8:44 u 28 sekonda, li tip ta' klijent kien għadu kemm xtara liri sterlini kontra dollari tal-Istati Uniti b'rata tal-kambju speċifika ("rooskies buying cable at 2530"). Bi tweġiba, fid-9:06 u 14-il-sekonda, it-trader ta' Credit Suisse indika li huwa ma kienx irċieva minnhom ("sry mate no") filwaqt li ppreċiża, fid-9:06 u 24 sekonda, li huwa kien osserva tnaqqis fir-rata tal-kambju ta' dan il-par muniti ("nothing just seen it melt 100 PIPS"). Fid-9:06 u 44 sekonda, it-trader ta' UBS irringrazzjah għal din l-informazzjoni ("tks bro").

122 Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kontenut tad-diskussjoni inkwistjoni, għandu jiġi kkonstatat li, kif jirriżulta mill-punt 121 iktar 'il fuq, l-informazzjoni skambjata kienet tirrigwarda informazzjoni preċiża, attwali u kunfidenzjali, magħrufa biss mill-partijiet għat-tranżazzjoni, jiġifieri mit-trader u mill-klijent tiegħu, sa fejn din kienet tikkonċerna t-tip ta' ordnijiet, il-kwantità tagħhom, il-par muniti kkonċernat, il-livell tar-rata tal-kambju tal-par muniti kkonċernat u tip ta' klijent għat-tranżazzjoni.

123 Ebda wieħed mill-argumenti tar-rikorrenti ma jista' jinvalida l-konklużjoni msemmija iktar 'il fuq.

124 Minn naħa, f'dak li jirrigwarda r-riferiment għar-"rooskies" li fir-rigward tiegħu ma huwiex ċert li dan jikkonċerna klijent speċifiku, għandu jitqies li l-imsemmi riferiment, indikat waqt id-diskussjoni inkwistjoni, għandu jinftiehem bħala li jidentifika tip speċifiku ta' klijent fid-dawl, minn naħa, tar-ringrazzjament tat-trader ta' UBS għal din l-informazzjoni u, min-naħa l-oħra, tal-fatt li din ma tatx lok għal mistoqsijiet addizzjonali min-naħa tat-traders l-oħra. Barra minn hekk, din il-konklużjoni hija kkorroborata mill-kuntest globali tal-iskambji ċċitati fid-deċiżjoni kkontestata, li minnu jirriżulta li r-riferiment għal dan it-tip ta' klijenti ("rooskies" jew "roosky") (ara l-premessi 263 u 272 tad-deċiżjoni kkontestata) dejjem inftiehem minn traders oħra, u

b'hekk seta' jiġi preżunt li, f'moħħhom, dan ir-riferiment kien faċilment identifikabbli bħala li jindika tip konkret ta' klijent ikkonċernat, jiġifieri informat jew le, ta' natura li jippermetti lit-traders, professjonisti fil-qasam, li jantiċipaw eventwali ċaqliq fis-suq u li jkollhom serħan il-moħħ dwar id-deċiżjonijiet strateġiċi tagħhom.

125 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-livelli tar-rata tal-kambju li, skont ir-rikorrenti, kienu indikati fid-diskussjoni inkwistjoni b'mod approssimattiv, għandu jiġi kkonstatat li l-qari tal-imsemmija diskussjoni u b'mod iktar partikolari tal-parti tagħha dwar il-par muniti GBP/USD, esposta fil-punt 121 iktar 'il fuq, jipprekludi manifestament l-interpretazzjoni ssuġġerita mir-rikorrenti peress li ċ-ċifra msemmija hija preċiża ħafna.

126 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-informazzjoni skambjata waqt id-diskussjoni inkwistjoni ma tistax titqies li hija ġenerali jew li tirrigwarda l-"informazzjoni dwar is-suq", minħabba s-sempliċi fatt li ma kinitx tikkonċerna ordnijiet prospettivi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ġustament qieset li d-diskussjoni tal-5 ta' Ġunju 2012 kienet tirrigwarda informazzjoni kummerċjalment sensittiva li tista' tikkontribwixxi għan-natura antikompetittiva tal-iskambji ta' informazzjoni li kienu seħħew fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni.

– *Fuq id-diskussjoni tal-25 ta' April 2012*

127 Fir-rigward tad-diskussjoni tal-25 ta' April 2012 imsemmija fil-premessa 195 tad-deċiżjoni kkontestata, moqrija flimkien mal-premessi 176 sa 182 u 337 sa 341, il-Kummissjoni qieset li, waqt din tal-aħħar, it-trader ta' Credit Suisse ma kkomunika ebda informazzjoni. Madankollu, huwa kien preżenti fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni fil-mument meta din id-diskussjoni dwar informazzjoni kummerċjalment sensittiva seħħet, jew kellu aċċess għall-imsemmija diskussjoni waqt konnessjoni sussegwenti. Issa, l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva dwar l-ordnijiet kundizzjonali skambjati f'din il-ġurnata fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni setgħet iżżid il-livell ta' fiduċja tat-trader ta' Credit Suisse dwar evoluzzjoni potenzjali tal-prezz tas-suq għal par muniti GBP/AUD, billi kienet tippermettilu għalhekk jieħu deċiżjonijiet iktar informati dwar l-istrateġija kummerċjali tiegħu u billi seta' japprofitta għalhekk minn dan il-livell ta' informazzjoni privileġġata u, għaldaqstant, antikompetittiva.

128 Ir-rikorrenti jsostnu li d-diskussjoni inkwistjoni tirrigwarda "informazzjoni dwar is-suq", fid-dawl tal-fatt li hija ma tinkludix informazzjoni dwar l-ordnijiet prospettivi jew il-pożizzjonijiet tat-traders. Fil-fatt, il-parti l-kbira tal-informazzjoni kondiviża tinkludi spekulazzjonijiet dwar ċaqliq futur. Huma jżidu li r-riferiment, minn naħa, għal "hypo" ma jirrigwardax klijent, iżda kontroparti li ltaqgħu miegħu fuq pjattaformi elettroniċi li jittratta ma' diversi kontropartijiet fis-suq u, min-naħa l-oħra, ir-riferiment għal "russia selling eur" jista' jkun relatat ma' attività magħrufa pubblikament mill-Bank Ċentrali tal-Federazzjoni Russa.

129 Ir-rikorrenti jsostnu wkoll fir-rikors tagħhom u sussegwentement fir-replika tagħhom, essenzjalment, li l-Kummissjoni ma pprovdietx raġunijiet suffiċjenti għalfejn din id-diskussjoni kif ukoll oħrajn li huma analizzati fil-punti 137 sa 162 iktar 'il quddiem jippermettu li jiġu pprovati l-allegazzjonijiet tagħha dwar in-natura kummerċjalment sensittiva tagħhom u n-natura antikompetittiva tagħhom u li ma hijiex il-Qorti Ġenerali li għandha tidentifika fuq liema parti ta' silta mid-diskussjoni l-Kummissjoni tibbaża ruħha fl-assenza ta' kronogramma preċiż.

130 Il-Kummissjoni tikkontesta l-interpretazzjoni tad-diskussjoni inkwistjoni proposta mir-rikorrenti.

131 F'dan ir-rigward, sa fejn l-allegazzjoni tar-rikorrenti miġbura fil-qosor fil-punt 129 iktar 'il fuq tista' tinftiehem bħala li tikkritika lill-Kummissjoni għal insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi kkonstatat li l-premessa 195 tal-imsemmija deċiżjoni, ippreżentata, ċertament, fil-qosor, turi b'mod ċar u mhux ekwivoku r-raġunament tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda n-natura kummerċjalment sensittiva u n-natura antikompetittiva tad-diskussjoni tal-25 ta' April 2012, li silta minnha hija riprodotta fil-premessa 191 tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, mill-premessa 195 ta' din id-deċiżjoni jirriżulta li din id-diskussjoni ġiet invokata fil-konfront ta' Credit Suisse minħabba li din ippermettiet lit-trader tagħha jżid il-livell ta' fiduċja tiegħu fir-rigward tal-evoluzzjoni potenzjali tal-prezz tas-suq għall-pari ta' muniti GBP/AUD u GBP/NZD, peress li ppermettietlu jieħu deċiżjonijiet informati aħjar dwar l-istrateġija tat-trading tiegħu.

132 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-qari tat-traskrizzjoni ta' silta oħra mid-diskussjoni tal-25 ta' April 2012 ippreżentata mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali tikkonferma li t-traders skambjaw informazzjoni dwar l-"ordnijiet pendenti tagħhom għax-xiri", filwaqt li ppreċiżaw il-pari ta' muniti kkonċernati mal-livelli ta' skatt tal-eżekuzzjoni tagħhom, kif jirriżulta mill-mistoqsija ta' trader ta' UBS (fit-8:42 u 19-il sekonda: "what's the trigger point for all these gbp/aud and gbp/nzd longs to puke") u mit-tweġibiet tat-traders ta' HSBC u ta' RBS (rispettivament, fit-8:42 u 36 sekonda: "looking at 1.6040 as a bit of a lvi" u fit-8:42 u 56 sekonda: "1.5500 gpaud...").

133 L-informazzjoni kondiviża waqt id-diskussjoni inkwistjoni ma tistax, kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, titqies bħala li tikkostitwixxi "informazzjoni dwar is-suq", sa fejn tali informazzjoni tmur manifestament lil hinn mill-osservazzjonijiet dwar l-istat ġenerali tagħha.

134 Fil-fatt, id-diskussjoni inkwistjoni turi b'mod ċar skambju ta' informazzjoni preċiża ħafna, attwali u kunfidenzjali, sa fejn l-informazzjoni kondiviża tikkonċerna t-tipi ta' ordnijiet tal-klijenti, id-direzzjoni tagħhom, il-livelli ta' skatt tagħhom u l-pari ta' muniti kkonċernati, magħrufa biss mill-partijiet għat-tranżazzjoni, jiġifieri mit-trader u mill-klijent tiegħu. Għalhekk, din id-diskussjoni tirrifletti kummenti f'ħin reali tal-attivitajiet tat-traders li taw lok għal skambju ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva, ta' natura li żżid it-trasparenza bejn it-traders u li tnaqqas l-inċertezza fis-suq għall-vantaġġ tagħhom biss.

135 Din il-konklużjoni ma hijiex invalidata mis-sempliċi affermazzjoni tar-rikorrenti li ċerta informazzjoni kkomunikata waqt id-diskussjoni inkwistjoni tikkonċerna spekulazzjonijiet dwar l-iżvilupp ta' ċaqliq futur. Fil-fatt, minbarra n-natura ġenerali ta' dan l-argument, il-fatt li ċerta informazzjoni kondiviża ma titqiesx bħala kummerċjalment sensittiva ma jagħtix natura ġenerali lil din l-istess diskussjoni fl-intier tagħha. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-fatt li ma huwiex magħruf preċiżament għal xiex jagħmlu riferiment il-frażijiet "hypo" jew "russia selling eur", lanqas ma huwa ta' natura li jagħti natura ġenerali lill-imsemmi skambju, peress li huwa biżżejjed li tali referenza tippermetti li tiġi speċifikata n-natura, informat jew le (ara l-punt 94 iktar 'il fuq), ta' klijent ikkonċernat, fatt li r-rikorrenti ma jikkontestawx.

136 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ġustament qieset li d-diskussjoni tal-25 ta' April 2012 kienet tirrigwarda informazzjoni kummerċjalment sensittiva li tista' tikkontribwixxi għan-natura antikompetittiva tal-iskambji ta' informazzjoni li kienu seħħew fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni.

– *Fuq id-diskussjoni tal-10 ta' Frar 2012*

137 Fir-rigward tad-diskussjoni tal-10 ta' Frar 2012 imsemmija fil-premessa 228 tad-deċiżjoni kkontestata, moqrija flimkien mal-premessi 214 sa 221 u 337 sa 341, il-Kummissjoni qieset li, waqt din tal-aħħar, it-trader ta' Credit Suisse ma kkomunika ebda informazzjoni. Madankollu, huwa kien preżenti fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni fil-mument meta din id-diskussjoni seħħet, jew kellu aċċess għall-imsemmija diskussjoni wara. Fil-fehma tagħha, l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva dwar l-ordnijiet immedjati, skambjata f'dik il-ġurnata fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni, setgħet iżżid il-livell ta' fiduċja tat-trader ta' Credit Suisse dwar evoluzzjoni potenzjali tal-prezz tas-suq, billi kienet tippermettilu għalhekk jieħu deċiżjonijiet iktar informati dwar l-istrateġija kummerċjali tiegħu.

138 Ir-rikorrenti jsostnu li l-iskambju ta' informazzjoni inkwistjoni jirrigwarda "informazzjoni dwar is-suq", fid-dawl tal-fatt li ma tinkludix informazzjoni dwar l-ordnijiet prospettivi jew il-pożizzjonijiet tat-traders. Fil-fehma tagħhom, matul dan l-iskambju, it-traders spekulaw dwar in-negozjar futur ta' kontroparti speċifika ("JP"), mingħajr ma kellhom ebda ċertezza. Huma jżidu li r-riferiment, b'mod partikolari, għal "corp" jindika terminu ġeneriku u anonimizzat ta' korporazzjoni, mingħajr madankollu ma jista' jiġi konkluż li dan jirreferi għal klijent speċifiku.

139 Il-Kummissjoni tikkontesta l-interpretazzjoni tal-kontenut tal-iskambju inkwistjoni kif proposta mir-rikorrenti.

140 F'dan ir-rigward, preliminarjament, huwa nnotat li l-premessa 228 tad-deċiżjoni kkontestata ma tinkludix traskrizzjoni tad-diskussjoni inkwistjoni. Fl-imsemmija premessa, il-Kummissjoni ppreċiżat li din kienet tikkonċerna skambju ta' informazzjoni dwar kontroparti li kienet qegħda tipprova jikseb tranżazzjoni speċifika u kienet qiegħda tipprova tikkonkludi ordni ta' bejgħ ("exchange of information regarding JPMorgan ('JP') getting a specific trade and still trying to sell"). Din id-diskussjoni ġiet invokata fil-konfront ta' Credit Suisse minħabba li din ippermettiet lit-trader tagħha jżid il-livell ta' fiduċja tiegħu dwar l-evoluzzjoni potenzjali tal-prezz tas-suq, b'tali mod li ppermettietlu jieħu deċiżjonijiet informati aħjar dwar l-istrateġija tat-trading tiegħu.

141 Dan premess, għandu jiġi kkonstatat li l-qari tal-estratt tal-iskambju tal-10 ta' Frar 2012, prodott mir-rikorrenti, jikkonferma li, fl-10:12 u 14-il sekonda, trader ta' UBS indika li kontroparti speċifika kienet għadha kemm kisbet tranżazzjoni ("JP had the trade"). Fl-10:12 u 46 sekonda, trader ta' HSBC irringrazzjah għal din l-informazzjoni u talbu informazzjoni addizzjonali sabiex ikun jaf jekk kienx jaqbel dwar il-bejgħ ta' par muniti GBP/USD ("thx", "cable worth a sell?"), għal liema mistoqsija, bejn l-10:13 u 35 sekonda u l-10:14 u 8 sekondi, trader ta' UBS wieġeb fl-affermattiv, filwaqt li ppreċiża, barra minn hekk, li din il-kontropoarti speċifika kellha ordni immedjata għal par muniti EUR/GBP u l-livell tar-rata tal-kambju tiegħu ("yep", "urgbp held here at 57-60 pops draghi", "but i thik that plmub in JP is still rying to sell X"). Fl-aħħar nett, fl-10:15 u 32 sekonda, trader ta' Barclays informa lit-traders l-oħra preżenti fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni li kien għadu kemm biegħ EUR 100 miljun lil impriża kbira ("sold ton eur for a corp").

142 Għalhekk, id-diskussjoni li saret fl-10 ta' Frar 2012 tiżvela skambju ta' informazzjoni preċiża, attwali u kunfidenzjali, sa fejn dan kien jiżvela lill-kompetituri preżenti fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni l-ordnijiet tal-klijenti li kienu kkonkludew jew li kienu għadhom kemm ikkonkludew il-parteċipanti l-oħra, filwaqt li ppreċiża l-pari ta' muniti kkonċernati, il-livelli tar-rata tal-kambju tagħhom u kontroparti speċifika għall-imsemmija ordnijiet. Din id-diskussjoni, li għalhekk tirrifletti kummenti f'ħin reali tal-attivitajiet u tal-pożizzjonijiet tat-traders, tat lok għal skambju ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva.

143 Barra minn hekk, kif jirriżulta b'mod ċar mis-silta tad-diskussjoni ċċitata iktar 'il fuq, it-traders skambjaw il-fehmiet tagħhom dwar l-opportunità li jbigħu lira sterlina kontra dollari tal-Istati Uniti. Issa, tali skambju ta' informazzjoni, intrinsikament marbut mad-determinazzjoni tal-istrateġija tat-trading, jipprekludi min-natura tiegħu stess l-awtonomija li operatur ekonomiku għandu, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 45 iktar 'il fuq, juri fis-suq meta jiddetermina l-politika li huwa għandu l-intenzjoni jsegwi fuq dan tal-aħħar.

144 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jsostnu li r-riferiment għal "corp", allegatament anonimizzat u ġeneriku, ma huwiex speċifiku għal klijent. Fil-fatt, indipendentement mill-indikazzjoni, permezz ta' dan ir-riferiment, ta' klijent speċifiku, huwa biżżejjed li jitfakkar, kif indikat fil-punt 94 iktar 'il fuq, li tip ta' klijent, jiġifieri informat jew le, bħal f'dan il-każ impriża kbira, huwa suffiċjenti sabiex jippermetti lit-traders, professjonisti fil-qasam, janticipaw eventwali ċaqliq fis-suq u li jkollhom serħan il-moħħ dwar id-deċiżjonijiet strateġiċi tagħhom.

145 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ġustament qieset li d-diskussjoni tal-10 ta' Frar 2012 kienet tirrigwarda informazzjoni kummerċjalment sensittiva ta' natura li tikkontribwixxi għan-natura antikompetittiva tal-iskambji ta' informazzjoni li kienu seħħew fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni.

– *Fuq id-diskussjonijiet tal-25 ta' April, tad-19 ta' Ġunju, tat-3 u tal-4 ta' Lulju 2012*

146 Fir-rigward tal-iskambji tal-25 ta' April, tad-19 ta' Ġunju, tat-3 u tal-4 ta' Lulju 2012 imsemmija fil-premessa 285 tad-deċiżjoni kkontestata, moqrija flimkien mal-premessi 337 sa 341, il-Kummissjoni qieset li t-trader ta' Credit Suisse, li ma kkomunikax informazzjoni matul dawn l-iskambji, kien preżenti fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni u kellu, għaldaqstant, aċċess għal dawn tal-aħħar. Hija qieset, essenzjalment, li l-kumulu ta' skambji ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva żied il-livell ta' fiduċja ta' dan it-trader dwar id-direzzjoni potenzjali tal-prezz tas-suq tal-pari ta' muniti diskussi, b'tali mod li seta' jieħu deċiżjonijiet iktar informati dwar l-istrateġija tat-trading tiegħu. B'mod iktar partikolari, it-traders qasmu informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' trading fir-rigward ta' muniti, b'mod partikolari EUR/JPY u USD/JPY (skambju tal-25 ta' April 2012), GBP/USD (skambju tad-19 ta' Ġunju 2012), EUR, USD/JPY u GBP/USD (skambju tat-3 ta' Lulju 2012), EUR u GBP/USD (skambju tal-4 ta' Lulju 2012).

147 Ir-rikorrenti jsostnu li l-iskambji ċċitati iktar 'il fuq jikkonċernaw informazzjoni disponibbli fis-suq. Dawn huma anonimizzati u ma jikkonċernawx ordnijiet prospettivi, pożizzjonijiet ta' traders u ta' klijenti. F'dak li jirrigwarda l-iskambji tad-19 ta' Ġunju, tat-3 u tal-4 ta' Lulju 2012, dawn ma jirrigwardawx volumi skambjati jew il-prezz tagħhom. Huma jżidu li l-kliem użat f'dawn l-iskambji bħal "lev" (skambji tal-25 ta' April u tad-19 ta' Ġunju 2012) jew "models" (skambju tal-4 ta' Lulju 2012) huma, huma wkoll, anonimizzati u ġeneriċi. Huma jqisu li ma huwiex ċar li l-kliem "m/e", "rm", "rusky", "Russia", "roosides" (skambju tad-19 ta' Ġunju 2012), "rusky" (skambju tat-3 ta' Lulju 2012), "models", "range guy" u "desert" (skambju tal-4 ta' Lulju 2012) jirreferu għal klijenti speċifiċi. Fl-aħħar nett, l-espressjoni "51.3 is the nod" (skambju tal-4 ta' Lulju 2012) hija riferiment għal data ekonomika iktar milli għal prezz fis-suq.

148 Il-Kummissjoni tikkontesta l-interpretazzjoni tal-iskambji inkwistjoni proposta mir-rikorrenti.

149 L-ewwel nett, fir-rigward tad-diskussjoni tal-25 ta' April 2012, għandu jiġi kkonstatat li mill-estratt ta' din tal-aħħar, prodott mir-rikorrenti, jirriżulta li t-traders skambjaw informazzjoni preċiża u attwali dwar l-attivitajiet reċenti tat-trading tagħhom u, b'mod partikolari, l-ammonti skambjati u l-livelli tagħhom tar-rata tal-kambju (trader ta' RBS fid-9:56

u 44 sekonda: "i lost a coupel of ton around 40 earlier" u trader wieħed ta' Barclays fl-10:05 u 44 sekonda: "lost ton"), il-klijenti u par muniti kkonċernat (trader ta' UBS fl-10:03 u 25 sekonda: "lev buys usdjpy — gt track record" u trader ta' HSBC fl-10:04 u 54 sekonda: "anyone get paid there in euro"). Barra minn hekk, uħud mit-traders iddiskutew dwar strateġiji li kellhom jiġu adottati fis-suq, billi ssuġġerew, b'mod partikolari, li ma jsirux tranżazzjonijiet ta' xiri ta' munita kontra oħra (it-trader ta' RBS fid-9:57 u 11-il sekonda: "but def not right time to be long yet", it-trader ta' Barclays fid-9:57 u 24 sekonda sa 26 sekonda: "nope" u "agree") jew li tinxtara munita partikolari (trader ta' Barclays fl-10:13 u 50 sekonda: "get eur now").

150 Issa, tali informazzjoni hija, kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, kummerċjalment sensittiva, ta' natura li żżid it-trasparenza fis-suq unikament għat-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni u li tagħtihom serħan il-moħħ dwar id-deċiżjonijiet strateġiċi tagħhom. Għalhekk, l-iskambju ta' din l-istess informazzjoni jipprekludi, min-natura tiegħu stess, ir-rekwiżit ta' awtonomija li operatur ekonomiku għandu, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 45 iktar 'il fuq, juri fis-suq meta jiddetermina l-politika li huwa għandu l-intenzjoni jsegwi f'dan tal-aħħar.

151 F'dan ir-rigward, ma jistax jintlaqa' l-argument tar-rikorrenti fis-sens li l-kelma "lev" ma tippermettix li tiġi stabbilita l-identità speċifika ta' klijent. Fil-fatt, anki li kieku dan kien il-każ, din l-istess kelma tindika t-tip tiegħu, informat jew le, jiġifieri, b'mod partikolari, li dan huwa fond ta' investiment alternattiv (fondi li jużaw l-ingranaġġ), u b'hekk tippermetti lit-traders li jkollhom din l-informazzjoni li jantiċipaw iċ-ċaqliq fir-rata tal-kambju għal par muniti kkonċernat (ara l-punt 94 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, l-utilità tal-indikazzjoni dwar tip ta' klijent, f'dan il-każ "lev", hija kkorroborata minn skambji oħra ċċitati fil-premessi 264 u 268 tad-deċiżjoni kkontestata li minnhom jirriżulta li din l-indikazzjoni nftiehmet mit-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni.

152 Għaldaqstant, għandha tiġi approvata l-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar il-portata antikompetittiva tal-informazzjoni skambjata bejn it-traders fil-25 ta' April 2012.

153 It-tieni nett, fir-rigward tad-diskussjoni tad-19 ta' Ġunju 2012, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-estratt tiegħu prodott mir-rikorrenti, it-traders skambjaw informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' trading tagħhom, fosthom, b'mod partikolari, dik dwar it-tipi ta' klijenti u l-livelli ta' kambju għal pari ta' muniti speċifiċi (trader ta' UBS fis-6:42 u 12-il sekonda: "m/e sniffing in eurusd", fis-6:42 u 20 sekonda: "passes here on teh 15th price", trader ieħor tal-UBS fis-7:14 u 24 sekonda: "got cable fromrm high 80s, lively last time he dealt", trader ta' HSBC fis-7:15 u 2 sekondi: "Russia gave me a fex clips off highs too", u trader ta' Barclays fit-8:09 u 53 sekoonda: "lev guys selling eur").

154 Għalhekk, l-informazzjoni kkomunikata waqt id-diskussjoni inkwistjoni tirrigwarda tranżazzjonijiet attwali u prospettivi u tindika preċiżament pari ta' muniti u tipi ta' klijenti kkonċernati minnhom. Issa, tali informazzjoni, magħrufa bħala prinċipju mit-trader u mill-klijent tiegħu biss, hija ta' natura kummerċjalment sensittiva.

155 Kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, il-fatt li r-riferimenti għall-klijenti li jirriżultaw mid-diskussjoni inkwistjoni ma jippermettux li jiġu indikati klijenti speċifiċi ma huwiex ta' natura li jinvalida n-natura kummerċjalment sensittiva ta' din id-diskussjoni. Fil-fatt, tip ta' klijent huwa suffiċjentement rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk it-tranżazzjoni konkluża ma' dan tal-aħħar tkunx informattiva dwar iċ-ċaqliq fis-suq, u għalhekk jippermetti li jingħata vantaġġ lit-traders li jkollhom din l-informazzjoni fil-konfront tal-kompetituri tagħhom li ma jipparteċipawx fil-forum

ta' diskussjoni inkwistjoni. Barra minn hekk, ir-rilevanza tal-komunikazzjoni tat-tip ta' klijent inkwistjoni hija kkorroborata mir-ringrazzjament tat-trader ta' Credit Suisse wara li rċieva din l-informazzjoni (fis-6:42 u 25 sekonda: "ta").

156 Għaldaqstant, għandu jitqies li l-informazzjoni kkomunikata waqt id-diskussjoni tad-19 ta' Ġunju 2012, fid-dawl tan-natura kummerċjalment sensittiva tagħha, tal-preċiżjoni tagħha u tal-attwalità tagħha, ma tistax titqies bħala sempliċi informazzjoni ġenerali dwar is-suq.

157 It-tielet nett, mill-estratt tad-diskussjoni tat-3 ta' Lulju 2012 jirriżulta li t-traders ikkomunikaw lil xulxin informazzjoni dwar il-flussi tal-ordnijiet ta' klijenti f'dak li jirrigwarda pari ta' muniti u tip ta' klijenti kkonċernati ("rusky sells euro", "seeing few usdjpy sellers", "rusky sold cable"). Ċertament, l-informazzjoni skambjata ma tipprovdix l-ammonti skambjati jew il-livelli ta' kambju speċifiċi. Madankollu, dan il-fatt waħdu ma jistax jagħti natura ġenerali lill-kumplament tal-informazzjoni skambjata. Issa, l-iżvelar tal-informazzjoni relatata mal-ordnijiet, f'dan il-każ ta' bejgħ u ta' xiri, mal-par muniti kkonċernat u mat-tip ta' klijent għandu jitqies li huwa ta' natura kummerċjalment sensittiva. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma jagħtu l-ebda spjegazzjoni ta' natura li tinvalida l-utilità tat-tqassim ta' tali informazzjoni kunfidenzjali fuq il-forum ta' diskussjoni inkwistjoni minbarra dik, adottata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, marbuta mal-vantaġġ li setgħu jieħdu minnha t-traders destinatarji tagħha fuq l-istrateġiji tat-trading tagħhom.

158 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandha tiġi approvata l-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar in-natura antikompetittiva tad-diskussjoni li saret bejn it-traders fit-3 ta' Lulju 2012.

159 Ir-raba' nett, mill-estratt tal-iskambju tal-4 ta' Lulju 2012 jirriżulta li, fit-8:46 u 30 sekonda, trader ta' Barclays ikkomunika lill-parteċipanti l-oħra tal-forum ta' diskussjoni inkwistjoni informazzjoni dwar il-fatt li tip ta' klijent kien jixtri euro ("range guy buys eur") u li, fit-8:46 u 44 sekonda, trader ta' UBS, min-naħa tiegħu, indika informazzjoni relatata ma' xiri ta' GBP/USD minn tip ieħor ta' klijent ("desert buys cable"). It-trader ta' Credit Suisse rringrazzjahom għal din l-informazzjoni fil-minuti sussegwenti ("ta"). Fl-10:12, it-trader ta' Barclays staqsa lit-traders l-oħra preżenti fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni jekk kinux jafu bil-bejgħ ta' euro ("anyone seeing this eur selling"). Fl-10:25 u 39 sekonda, dan l-istess trader indika li kien jaf b'tip ta' klijent li kien għadu jbiegħ l-euro. Fit-13:08 u 19 sa 21 sekonda, trader ta' UBS ikkomunika informazzjoni dwar tip ta' klijent li kien ibiegħ lira sterlina kontra dollari tal-Istati Uniti ("models in selling on the toy here", "betty"), għal liema informazzjoni it-trader ta' Barclays wieġeb billi indika li kkonferma li għamel l-istess konstatazzjoni ("same").

160 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, ċertament, l-informazzjoni kondiviża ma tirrigwardax il-volumi jew ukoll il-livelli tal-kambju applikabbli għal dawn it-tranżazzjonijiet. Madankollu, xorta jibqa' l-fatt li l-informazzjoni ta' din in-natura kunfidenzjali ma tistax, kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, titqies bħala ġenerali u anonimizzata. Fil-fatt, huma jinformaw lit-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni dwar l-attivitajiet ta' trading tal-muniti speċifiċi mibdija ma' dawn it-traders minn tipi ta' klijenti li huma wkoll speċifiċi fir-rigward tan-natura informati jew le tagħhom, u li huma, bħala prinċipju, magħrufa biss mit-traders involuti f'tali tranżazzjonijiet.

161 Barra minn hekk, il-mistoqsija magħmula mit-trader ta' Barclays turi l-utilità tat-tqassim ta' din l-informazzjoni bejn it-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni sabiex jiġu vvantaġġjati fil-konfront tal-atturi l-oħra tas-suq li ma kellhomx aċċess għal din l-informazzjoni. Issa, f'dawn iċ-ċirkustanzi, kif qieset il-Kummissjoni, it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' din

l-informazzjoni lit-traders seta' għalhekk jippermetti lil dawn tal-aħħar, professjonisti fil-qasam, li jżidu l-livell ta' fiduċja tagħhom dwar id-direzzjoni potenzjali tal-prezz tas-suq tal-pari ta' muniti diskussi, u b'hekk ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet iktar informati dwar l-istrateġiji tat-trading tagħhom.

162 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ġustament qieset li d-diskussjonijiet tal-25 ta' April, tad-19 ta' Ġunju, tat-3 u tal-4 ta' Lulju 2012 kienu jirrigwardaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva ta' natura li tikkontribwixxi għan-natura antikompetittiva tal-iskambji ta' informazzjoni li kienu seħħew fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni.

– *Konklużjonijiet dwar id-diskussjonijiet speċifikament ikkontestati mir-rikorrenti*

163 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-argumenti tar-rikorrenti dwar l-assenza ta' natura antikompetittiva tal-iskambji ta' informazzjoni u dwar l-insuffiċjenza tal-provi kontemporanji sabiex tiġi pprovata din in-natura sa fejn dawn kienu diretti kontra d-diskussjonijiet speċifiċi msemmija fl-ewwel kategorija msemmija fil-punt 73 iktar 'il fuq għandhom jiġu miċħuda, bl-eċċezzjoni ta' dawk li jikkonċernaw l-iskambju ta' informazzjoni tad-9 ta' Mejju 2012, peress li dan, kuntrarjament għal dak li sostniet il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, ma jistax jikkorrobora n-natura antikompetittiva tal-iskambji ta' informazzjoni allegati fil-konfront ta' Credit Suisse. Fir-rigward ta' dan l-aħħar skambju, iktar 'il quddiem għandu jiġi ddeterminat jekk dan l-iżball tal-Kummissjoni huwiex ta' natura li jaffettwa l-fondatezza tal-konklużjonijiet li jikkaratterizzaw il-ksur allegat fil-konfront ta' Credit Suisse u tal-multa imposta bħala konsegwenza.

iii) Fuq in-natura antikompetittiva tad-diskussjonijiet mhux speċifikament ikkontestati

164 Ir-rikorrenti jikkontestaw b'mod ġenerali n-natura antikompetittiva tad-diskussjonijiet li huma kklassifikaw fit-tieni u fit-tielet kategorija msemmija fil-punt 73 iktar 'il fuq. Minn naħa, huma jsostnu li d-diskussjonijiet analizzati fil-premessi 126 sa 129, 142, 147, 183, 185 sa 195, 208, 210, 225 sa 228, 234 sa 238, 245 sa 250, 258 sa 275, 277 sa 280, 282 sa 285, 291 sa 295 u 473 tad-deċiżjoni kkontestata ma ppermettewx li tingħata informazzjoni dwar l-evoluzzjoni mistenni tar-rati tal-kambju fid-dawl tal-volumi kkonċernati relattivament baxxi. Min-naħa l-oħra, id-diskussjonijiet analizzati fil-premessi 113 sa 121, 184, 195, 204 sa 207, 211 sa 213 u 228 tad-deċiżjoni kkontestata seta' jkollhom biss għan antikompetittiv wieħed, jiġifieri li "jiġi antiċipat" it-trader li żvela l-informazzjoni.

165 Qabel kollox, fir-rigward tad-diskussjonijiet li jinsabu fil-premessi 126 sa 129, 142, 147 u 291 sa 295 tad-deċiżjoni kkontestata, li jaqgħu taħt it-tieni kategorija msemmija fil-punt 73 iktar 'il fuq, u tad-diskussjonijiet li jinsabu fil-premessi 113 sa 121 tad-deċiżjoni kkontestata, li jaqgħu taħt it-tielet kategorija msemmija fil-punt 73 iktar 'il fuq, dawn ma jikkostitwixxux aġir antikompetittiv ikkunsidrat mill-Kummissjoni fil-premessi 337 sa 341 tal-imsemmija deċiżjoni.

166 Fil-fatt, l-ewwel nett, il-Kummissjoni qieset, essenzjalment, li d-diskussjonijiet li jinsabu fil-premessi 126 sa 129 tad-deċiżjoni kkontestata juru li t-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni kienu jifhmu u jistennew li l-informazzjoni li huma kienu jiskambjaw kienet ser tintuża fl-interess komuni tagħhom u mhux kontra l-interessi rispettivi tagħhom. It-tieni nett, fir-rigward tad-diskussjoni li tinsab fil-premessa 142 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat fil-premessa 144 li din kienet turi li t-traders kienu jiskużaw ruħhom meta ma jaġixxux kif mistenni minnhom. It-tielet nett, skont il-Kummissjoni, id-diskussjoni li tinsab fil-premessa 147 tad-deċiżjoni kkontestata turi li l-informazzjoni kienet skambjata

fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni sabiex tiggwida lill-kompetituri tagħha. Ir-raba' nett, id-diskussjonijiet li jinsabu fil-premessi 291 sa 295 tad-deċiżjoni kkontestata jikkostitwixxu każijiet okkażjonali ta' koordinazzjoni u mhux aġir antikompetittiv invokat mill-Kummissjoni kontra Credit Suisse. Il-ħames nett, skont il-Kummissjoni, id-diskussjonijiet li jinsabu fil-premessi 113 sa 121 tad-deċiżjoni kkontestata juru, essenzjalment, li l-membri tal-forum ta' diskussjoni inkwistjoni kienu jagħmlu parti minn ċirku ta' fiduċja magħluq.

167 Sussegwentement, fir-rigward tad-diskussjonijiet li jaqgħu taħt it-tieni kategorija msemmija fil-punt 73 iktar 'il fuq u analizzati fil-premessi 183, 185 sa 195, 208, 210, 225 sa 228, 234 sa 238, 245 sa 250, 258 sa 275, 277 sa 280, 283 sa 285 u 473 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kontenut tagħhom ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti, jirriżulta li t-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni skambjaw, b'mod estensiv u ripetut, informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet attwali, inklużi dawk eżegwiti reċentement, jew prospettivi, bħall-pari ta' muniti speċifiċi, il-volumi, id-direzzjonijiet, il-kundizzjonijiet tat-trading u t-tipi ta' klijenti kkonċernati minn dawn it-tranżazzjonijiet. F'ċerti okkażjonijiet, huma talbu opinjonijiet mingħand traders oħra dwar il-mod kif jinnegozjaw kif ukoll dwar munita jew par muniti speċifiku, indikaw li tranżazzjoni partikolari ta' wieħed mit-traders parteċipi l-oħra kienet tat lok għal bidla fil-valur ta' munita speċifika li skattat l-ordnijiet tagħhom "stop", qasmu l-opinjonijiet tagħhom dwar il-mod kif jinnegozjaw u kkomunikaw il-livell li fih it-tranżazzjoni kienet ġiet eżegwita.

168 Barra minn hekk, it-traders skambjaw l-informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet ta' riskju miftuħa "qosra" jew "twal", dwar muniti speċifiċi kkonċernati minn dawn il-pożizzjonijiet u, f'ċerti okkażjonijiet, dwar l-intenzjonijiet tagħhom, jew saħansitra dwar l-istrateġiji tagħhom, jiġifieri li kienu jippreferu li ma jbigħux munita speċifika miżmuma f'pożizzjoni "twila" u jżommuha fil-portafoll tagħhom, li ma kinux ser jagħlqu l-pożizzjonijiet "qosra" tagħhom għaliex kienu jistennew li l-valur ta' munita speċifika jonqos iktar u li ma kinux ser jixtru munita speċifika kontra oħra sakemm tonqos ir-rata tal-kambju għal livell speċifiku.

169 Fir-rigward tad-diskussjonijiet li jaqgħu taħt it-tielet kategorija msemmija fil-punt 73 iktar 'il fuq u li jinsabu fil-premessi 184, 195, 204 sa 207, 211 sa 213 u 228 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-kontenut tagħhom ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti, minn dan jirriżulta li t-traders skambjaw, b'mod estensiv u ripetut, informazzjoni kummerċjalment sensittiva, attwali jew prospettiva, dwar id-diversi tipi ta' ordnijiet irċevuti mingħand il-klijenti tagħhom għal pari ta' muniti u rati tal-kambju speċifiċi, dwar il-volumi u t-tip ta' klijenti kkonċernati.

170 Issa, il-kontenut tad-diskussjonijiet li seħħew bejn it-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni, fosthom *inter alia* dawk iċċitati fil-punti 167 u 169 iktar 'il fuq, juri li dawn tal-aħħar żvelaw, spontanjament jew fuq talba, informazzjoni kummerċjalment sensittiva li setgħet tintuża mit-traders l-oħra sabiex imexxu l-attivitajiet tat-trading tagħhom jew jiddefinixxu l-istrateġija tat-trading tagħhom, billi jantiċipaw l-evoluzzjoni tar-rati tal-kambju. Għalhekk, l-iskambji ta' tali informazzjoni żiedu t-trasparenza unikament bejn il-parteċipanti fil-ksur kontenzjuż.

171 Minn dan jirriżulta li, kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, l-iskambji ta' informazzjoni, b'mod partikolari dawk li jaqgħu taħt it-tielet kategorija msemmija fil-punt 73 iktar 'il fuq, ma għandhomx għan antikompetittiv uniku ipotetiku li jikkonsisti fl-antiċipazzjoni tat-trader li qasam l-informazzjoni bil-bidla tas-suq kontra l-interess ta' dan tal-aħħar, iżda jnaqqsu l-inċertezza li kienet teżisti fis-suq għall-benefiċċju tat-traders parteċipi, għad-detriment tal-klijenti tagħhom u tal-kompetituri l-oħra.

172 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta huma jaffermaw li l-volum allegatament żgħir tat-tranżazzjonijiet diskussi fil-kuntest ta' ċerti skambji ma setax jipprovdi informazzjoni dwar l-evoluzzjoni mistennija tar-rati tal-kambju. Dan l-argument tar-rikorrenti jipprekludi l-konstatazzjoni magħmula fid-deċiżjoni kkontestata, li ma hijiex ikkontestata minn dawn tal-aħħar, li l-iskambji ta' informazzjoni invokati kontra Credit Suisse kienu jirrigwardaw tranżazzjonijiet li l-volumi tagħhom kienu kbar.

173 Fi kwalunkwe każ, it-teħid inkunsiderazzjoni tar-rilevanza biss tal-kriterju marbut mal-volum tat-tranżazzjonijiet diskussi fl-iskambji ta' informazzjoni eżaminati fid-deċiżjoni kkontestata għall-finijiet tal-evalwazzjoni tan-natura antikompetittiva tal-imsemmija skambji jkollu l-konsegwenza li ma jiġux eżaminati l-iskambji b'mod globali u li tiġi eskluża b'mod inġustifikat mill-kamp tal-ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE parti kbira minn dawn l-iskambji li, fid-dawl tan-natura tagħhom, essenzjalment, kunfidenzjali u strateġika, ma għandhomx iseħħu.

174 Għaldaqstant, in-natura antikompetittiva tad-diskussjonijiet, li l-interpretazzjoni tagħhom hija definittiva u stabbilita, ser tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-eżami tat-tieni u tat-tielet motiv, invokati mir-rikorrenti, marbuta mal-eżistenza ta' "restrizzjoni minħabba l-għan" u ta' ksur uniku u kontinwu, li ser jiġu eżaminati iktar 'il quddiem.

175 Għandu jiġi konkluż li, kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, permezz tal-kuntatti diretti, approfonditi u ripetuti tagħhom permezz ta' skambji frekwenti fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni li kienu jirrigwardaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva, attwali jew prospettiva, bħal dik eżaminata fil-punti 81 sa 106, 118 sa 162 u 167 sa 169 iktar 'il fuq, it-traders parteċipi kienu esprimew l-intenzjoni komuni tagħhom li jikkooperaw fis-suq tat-tranżazzjonijiet ta' kambju spot, billi ssostitwixxew intenzjonalment kooperazzjoni prattika bejniethom għar-riskji tal-kompetizzjoni, ta' natura li tinfluwenza l-aġir tagħhom fis-suq u li jiżvelaw l-aġir li l-kompetituri tagħhom, preżenti fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni, kellhom l-intenzjoni li jadottaw. Fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 45 sa 47 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni għalhekk qieset, ġustament, li dawn l-iskambji setgħu jiġu kklassifikati bħala ftehimiet u/jew prattiki miftiehma antikompetittivi fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE.

176 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-iskambji ta' informazzjoni setgħu jiġu kklassifikati bħala ftehimiet u/jew prattiki miftiehma antikompetittivi fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE tibqa' ġġustifikata anki fl-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tad-diskussjoni tad-9 ta' Mejju 2012, analizzata fil-premessa 276 tad-deċiżjoni kkontestata u eżaminata fil-punti 107 sa 117 iktar 'il fuq. L-iżball ta' evalwazzjoni mwettaq mill-Kummissjoni fir-rigward tan-natura tal-informazzjoni skambjata matul din id-diskussjoni huwa għalhekk mingħajr effett fuq id-deċiżjoni kkontestata.

177 Ebda wieħed mill-argumenti tar-rikorrenti ma huwa ta' natura li jinvalida l-konklużjoni msemmija fil-punt 175 iktar 'il fuq.

178 F'dan ir-rigward, għandu jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti li l-assenza ta' każijiet ta' koordinazzjoni matul il-perijodu ta' parteċipazzjoni ta' Credit Suisse fl-iskambji ta' informazzjoni fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni teskludi l-klassifikazzjoni ta' dawn l-iskambji bħala ftehimiet u/jew prattiki miftiehma fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 45 sa 47 iktar 'il fuq.

179 Fir-rigward tal-argument li t-traders ma aġixxewx f'"ċirku magħluq", ir-rikorrenti jibbażaw ruħhom fuq il-"provi li jinsabu fil-fajl tal-Kummissjoni". Madankollu, insostenn ta' dan l-argument, minn naħa, ir-rikorrenti jagħmlu riferiment għal taqsima ineżistenti tar-rikors

tagħhom u, min-naħa l-oħra, huma jillimitaw ruħhom għal riferiment ġenerali għall-imsemmija elementi tal-fajl tal-Kummissjoni. Issa, anki li kieku kellu jitqies li dawn il-provi jagħmlu parti mill-atti tal-proċess quddim il-Qorti Ġenerali, tali riferiment ġenerali ma jistax jikkumpensa għall-assenza ta' provi insostenn tal-argument tar-rikorrenti, sa fejn ma hijiex il-Qorti Ġenerali li għandha tfittex fl-elementi kollha tal-atti tal-proċess dawk li huma ta' natura li jikkorroboraw dan l-istess argument (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2006, Roquette Frères vs Il-Kummissjoni, T-322/01, EU:T:2006:267, punt 209).

180 Barra minn hekk, sa fejn ir-rikorrenti sempliċement jindikaw, fl-istadju tar-replika, li l-eżempji ta' informazzjoni li ġiet kondiviża barra mill-forum ta' diskussjoni inkwistjoni jinsabu fl-Anness A.8, għandu jitfakkar li r-riferiment ġenerali tagħhom għall-imsemmi anness ma jippermettix, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 67 iktar 'il fuq, li jiġu indikati bi preċiżjoni l-elementi ta' dan l-anness li jissostanzjaw jew jikkompletaw l-argumenti tagħhom. Għaldaqstant, din ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni insostenn tal-argument imressaq mir-rikorrenti.

181 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni qieset ġustament li l-iskambji ta' informazzjoni li hija kienet analizzat fid-deċiżjoni kkontestata kienu jippermettu li jiġi konkluż li jeżistu ftehimiet u/jew prattiki miftiehma ta' natura antikompetittiva fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE.

182 Għaldaqstant, l-ewwel u t-tieni lment tat-tieni parti tal-ewwel motiv għandhom jiġu miċħuda.

2) Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq l-iżball ta' liġi mwettaq mill-Kummissjoni meta kkonkludiet li l-ispjegazzjoni leġittima tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni pprovduta minn Credit Suisse kienet irrilevanti

183 Fil-kuntest tat-tielet ilment tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li huma taw spjegazzjonijiet leġittimi għal kull waħda mid-diskussjonijiet iċċitati fid-deċiżjoni kkontestata. Huma jagħmlu riferiment f'dan ir-rigward għall-punti tar-rikors dwar il-kategorizzazzjoni tad-diskussjonijiet inkwistjoni ppreżentata fil-punt 73 iktar 'il fuq u jsostnu li l-informazzjoni skambjata fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni kienet "informazzjoni dwar is-suq". Huma jirrilevaw ukoll li l-parti l-kbira tal-informazzjoni dwar l-ordnijiet tat-trader ta' Credit Suisse ma ġietx kondiviża fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni, fatt li jinvalida l-valur probatorju tal-provi li fuqhom tibbaża ruħha l-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma eżaminatx b'mod validu l-ispjegazzjonijiet leġittimi pprovduti mir-rikorrenti. Bħala konsegwenza ta' dan l-iżball, il-Kummissjoni qieset b'mod żbaljat, fil-punt 141 tad-deċiżjoni kkontestata, li dan it-trader kellu jiddistakka ruħu minn dan il-forum ta' diskussjoni.

184 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argument tar-rikorrenti.

185 L-ewwel nett, l-argument tar-rikorrenti li l-Kummissjoni ma eżaminatx l-ispjegazzjonijiet leġittimi tagħhom għal kull wieħed mill-iskambji u konsegwentement qieset b'mod żbaljat li t-trader ta' Credit Suisse kellu jiddistakka ruħu ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni eżaminat, b'mod partikolari fil-premessi 455 sa 480, jekk l-informazzjoni skambjata matul id-diskussjonijiet inkwistjoni kinitx "informazzjoni dwar is-suq", jiġifieri informazzjoni li setgħet leġittimament tiġi kkomunikata, kif jallegaw ir-rikorrenti, u qieset li dan ma kienx il-każ.

186 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li l-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq il-kategorizzazzjoni tagħha tad-diskussjonijiet inkwistjoni u fuq il-fatt li l-informazzjoni skambjata matul ċerti diskussjonijiet inkwistjoni hija biss "informazzjoni dwar is-suq" ġew eżaminati fil-kuntest tal-ewwel u tat-tieni lment fil-punti 75 sa 182 iktar 'il fuq u ġew miċħuda.

187 It-tieni nett, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li l-parti l-kbira tal-informazzjoni dwar l-ordnijiet tat-trader ta' Credit Suisse ma ġietx kondiviża fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni, għandu jiġi rrilevat, bħalma għamlet il-Kummissjoni, li sa fejn informazzjoni kummerċjalment sensittiva kienet regolarment kondiviża f'dan il-forum huwa irrilevanti l-fatt li l-parti l-kbira tal-informazzjoni dwar l-ordnijiet ta' dan it-trader ma ġietx kondiviża fih.

188 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, it-tielet ilment tat-tieni parti tal-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

189 Barra minn hekk, sa fejn fit-titolu ta' dan il-motiv ir-rikorrenti jinvokaw insuffiċjenza ta' motivazzjoni fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni online bħala ftehimiet u/jew prattiki miftiehma antikompetittivi u anki li kieku kellu jitqies li tali invokazzjoni, mhux issostanzjata, tista' tikkostitwixxi argument ammissibbli fis-sens tal-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma wettqet ebda ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE. Fil-fatt, mill-eżami ta' dan il-motiv jirriżulta li l-ispjegazzjonijiet ipprovduti fid-deċiżjoni kkontestata ppermettew lir-rikorrenti jifhmu r-raġunament tal-Kummissjoni dwar din il-klassifikazzjoni u lill-Qorti Ġenerali teżerċita l-istħarriġ tagħha f'dan ir-rigward, li jissodisfa r-rekwiżiti tal-imsemmija dispożizzjoni (ara s-sentenza tat-23 ta' Novembru 2023, Ryanair vs Il-Kummissjoni, C-210/21 P, EU:C:2023:908, punt 105 u l-ġurisprudenza ċċitata).

190 Konsegwentement, l-ewwel motiv ta' dan ir-rikors għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

2. Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 101 TFUE u fuq motivazzjoni insuffiċjenti fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni online bħala "restrizzjoni minħabba l-għan"

191 Permezz tat-tieni motiv tagħhom, ir-rikorrenti jikkontestaw il-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni bħala "restrizzjoni minħabba l-għan". Dan il-motiv għandu jinqasam f'żewġ partijiet. L-ewwel parti hija bbażata fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma ssodisfatx l-oneru li hija għandha skont l-Artikolu 101 TFUE li turi li l-iskambji ta' informazzjoni online kienu jirrestrinġu l-kompetizzjoni minħabba l-għan. It-tieni parti hija bbażata fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li l-ispjegazzjoni leġittima ta' aġir u l-effetti favur il-kompetizzjoni kienu irrilevanti skont l-Artikolu 101(1) TFUE.

a) Osservazzjonijiet preliminari

192 Għandu jitqies li għandu għan antikompetittiv skambju ta' informazzjoni li jista' jelimina inċertezzi f'moħħ il-persuni kkonċernati fir-rigward tad-data, tal-portata u tad-dettalji tal-adattament tal-aġir fis-suq li ser jiġi implimentat mill-impriżi kkonċernati (ara s-sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 122 u l-ġurisprudenza ċċitata).

193 Għalhekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-provvista ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva, bħall-informazzjoni dwar il-prezzijiet, dwar l-offerta u d-domanda, inkluż dwar il-prezzijiet futuri jew dwar l-offerta u d-domanda futuri, tippermetti li titnaqqas l-inċertezza fir-rigward tal-aġir tal-kompetituri fis-suq, li twassal għal kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni li ma jikkorrispondux għall-kundizzjonijiet normali tas-suq u, konsegwentement, tagħti lok għal prattika miftiehma li għandha l-għan li tirrestrinġi l-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE (sentenza tad-29 ta' Settembru 2021, Nippon Chemi-Con Corporation vs Il-Kummissjoni, T-363/18, EU:T:2021:638, punt 195 (mhux ippubblikata)).

194 Għandu jitfakkar li, sabiex taqa' taħt il-projbizzjoni ta' prinċipju stabbilita fl-Artikolu 101(1) TFUE, prattika kollużorja għandu jkollha "bħala għan jew riżultat [effett]" il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni b'mod sinjifikattiv tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern (sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et*, C-307/18, EU:C:2020:52, punt 62).

195 Minn dan jirriżulta li din id-dispożizzjoni, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja, tagħmel distinzjoni ċara bejn il-kunċett ta' "restrizzjoni minħabba l-għan" u dak ta' "restrizzjoni minħabba l-effett", peress li kull wieħed minnhom huwa suġġett għal sistema probatorja differenti (sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et*, C-307/18, EU:C:2020:52, punt 63).

196 Għalhekk, fir-rigward tal-prattiki kklassifikati bħala "restrizzjonijiet minħabba l-għan", ma hemmx lok li jiġu mfittxija u lanqas *a fortiori* li jintwerew l-effetti tagħhom fuq il-kompetizzjoni sabiex jiġu kklassifikati bħala "restrizzjoni tal-kompetizzjoni", fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE, sa fejn l-esperjenza turi li tali aġir iwassal għal tnaqqis fil-produzzjoni u għal żieda fil-prezzijiet li jwasslu għal tqassim ħażin tar-riżorsi għad-detriment, b'mod partikolari, tal-konsumaturi. Fir-rigward tagħhom, hija meħtieġa biss il-prova li dawn effettivament jaqgħu taħt il-klassifikazzjoni ta' "restrizzjoni minħabba l-għan", peress li sempliċi allegazzjonijiet mhux issostanzjati ma humiex madankollu suffiċjenti għal dan l-għan (sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et*, C-307/18, EU:C:2020:52, punti 64 u 65).

197 Għall-kuntrarju, meta l-għan antikompetittiv ta' ftehim, ta' deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi jew ta' prattika miftiehma ma huwiex stabbilit, għandhom jiġu eżaminati l-effetti sabiex jintwera li l-kompetizzjoni, fil-fatt, ġiet prekluża, ristretta jew distorta b'mod sinjifikattiv (sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et*, C-307/18, EU:C:2020:52, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

198 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li l-kunċett ta' "restrizzjoni minħabba l-għan" għandu jiġi interpretat b'mod strett u jista' jiġi applikat biss għal ċerti prattiki kollużorji bejn impriżi li jiżvelaw, fihom innifishom u fid-dawl tal-għanijiet li huma jipprevedu kif ukoll mill-kuntest ekonomiku u ġuridiku tagħhom, livell suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni sabiex ikun jista' jitqies li l-eżami tal-effetti tagħhom ma huwiex neċessarju, peress li ċerti forom ta' koordinazzjoni bejn impriżi jistgħu jitqiesu, min-natura tagħhom stess, li huma ta' ħsara għall-funzjonament tajjeb tal-kompetizzjoni. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-imsemmi kuntest, hemm lok li tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tal-prodotti jew tas-servizzi affettwati kif ukoll il-kundizzjonijiet reali tal-funzjonament u tal-istruttura tas-suq jew tas-swieq inkwistjoni (sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et*, C-307/18, EU:C:2020:52, punti 67 u 68).

b) Fuq l-ewwel parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq l-assenza ta' prova tal-eżistenza ta' restrizzjoni minħabba l-għan

199 Fil-premessi 394 sa 454 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-aġir li bih ġiet ikkritikata Credit Suisse kienx ta' livell suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni sabiex ikun jista' jitqies bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan". Fil-premessa 394 tad-deċiżjoni kkontestata, hija fakkret li għal dan l-għan, skont il-ġurisprudenza, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-kontenut tagħha, l-għanijiet tagħha kif ukoll il-kuntest ekonomiku u ġuridiku tagħha.

200 Qabel kollox, f'dak li jirrigwarda l-kontenut ta' dan l-aġir, il-Kummissjoni rrilevat, fid-deċiżjoni kkontestata, li t-traders parteċipi wettqu skambji ta' informazzjoni ripetuti u mifruxa li permezz tagħhom huma żvelaw informazzjoni sensittiva, attwali jew prospettiva, dwar aspetti kunfidenzjali tal-aġir tagħhom fis-suq, bħalma hija informazzjoni dwar l-ordnijiet pendenti tal-klijenti, dwar il-pożizzjonijiet ta' riskju miftuħa, dwar id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta u dwar l-attivitajiet ta' negozjar pendenti jew previsti (premessa 394 tad-deċiżjoni kkontestata). Barra minn hekk, hija qieset li l-fluss ta' informazzjoni skambjata kien ippermetta lill-impriżi parteċipi li jkollhom stampa kompleta ta' dak li kienu jew li ma kinux jagħmlu l-kompetituri tagħhom meta huma kienu effettivament jinnegozjaw fis-suq u kien ikkontribwixxa sabiex titnaqqas l-inċertezza bejn l-impriżi parteċipanti f'dak li jirrigwarda l-iskeda, il-portata u d-dettalji tal-aġir previst fis-suq u l-orjentazzjoni potenzjali tar-rati tal-kambju kkonċernati. Minn dan il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn l-iskambji kienu jmorru lil hinn mill-iskambji ta' informazzjoni fid-dominju pubbliku u li ma kinux iġġustifikati mill-għan tat-traders li jinnegozjaw bejniethom bħala kontropartijiet (premessi 396 u 397 tad-deċiżjoni kkontestata).

201 Sussegwentement, il-Kummissjoni qieset li, fid-dawl tan-natura, tal-frekwenza u tal-livell ta' diżaggregazzjoni tal-informazzjoni skambjata fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni, l-għan tal-iskambji kien li jitnaqqsu l-inċertezzi normali tas-suq għall-impriżi parteċipi fis-suq tat-tranżazzjonijiet ta' kambju spot, sabiex jitnaqqsu r-riskji u jkollhom serħan il-moħħ dwar id-deċiżjonijiet tagħhom ta' ffissar tal-prezzijiet. Għalhekk, skont il-Kummissjoni, l-iskambji kontinwi ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva taw lill-impriżi parteċipi l-possibbiltà li jevitaw il-kompetizzjoni bbażata fuq il-merti f'dak li jirrigwarda l-parametri prinċipali tal-kompetizzjoni (prezz u ġestjoni tar-riskji). Barra minn hekk, dan il-fluss kostanti ta' skambji ta' informazzjoni fi ħdan il-forum ta' diskussjoni inkwistjoni wassal għal asimetrija ta' informazzjoni bejn l-impriżi parteċipanti u l-kompetituri mhux parteċipanti fihom, għall-benefiċċju ta' dawk tal-ewwel (premessi 398 sa 401 tad-deċiżjoni kkontestata).

202 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku, il-Kummissjoni rrilevat, fid-deċiżjoni kkontestata, in-natura dinamika u likwida tas-suq tat-tranżazzjonijiet ta' kambju spot. Hija qieset li, minħabba dan il-kuntest, l-iskambji frekwenti u ddettaljati ħafna ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva li seħħew meta l-impriżi parteċipi kienu attivi fis-suq kienu jikkontribwixxu direttament sabiex tiżdied it-trasparenza u sabiex titnaqqas l-inċertezza inerenti għal xenarju kompetittiv (premessi 402 u 403 tad-deċiżjoni kkontestata).

203 Minn dan il-Kummissjoni kkonkludiet li l-evalwazzjoni globali tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni, fid-dawl tal-għanijiet oġġettivament imfittxija u tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku li fih seħħ dan l-aġir, kienet turi livell suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni sabiex tqis li l-iskambji ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva, attwali jew prospettivi setgħu jitqiesu li jirrestringu l-kompetizzjoni minħabba l-għan fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE f'dak li jirrigwarda t-tranżazzjonijiet ta' kambju spot tal-muniti G10 (premessi 404 u 405 tad-deċiżjoni kkontestata).

204 Fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tieni motiv, ir-rikorrenti jilmentaw, essenzjalment, li l-Kummissjoni qieset b'mod żbaljat li l-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni kienu ta' ħsara suffiċjenti għall-kompetizzjoni sabiex jaqgħu taħt l-imsemmija klassifikazzjoni. Insostenn ta' din il-parti, huma jinvokaw, essenzjalment, erba' lmenti. Permezz tal-ewwel ilment, huma jsostnu li l-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni li l-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni kellhom l-għan li jirrestrinġu l-kompetizzjoni huma bbażati fuq ipoteżijiet fattwali ineżatti li hija ma vverifikatx. Permezz tat-tieni lment, huma jsostnu li dawn l-allegazzjonijiet ma humiex plawżibbli fid-dawl tal-kuntest tas-suq ikkonċernat. Permezz tat-tielet ilment, huma jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball ta' evalwazzjoni meta bbażat ruħha mingħajr ħsieb kritiku fuq il-klassifikazzjoni legali tal-aġir ippreżentat fil-provi prodotti sabiex tinkiseb il-klemenza u l-proposti ta' riżolviment. Permezz tar-raba' lment, huma jsostnu li l-Kummissjoni ma tistax tibbaża ruħha fuq l-esperjenza tagħha fil-qasam tal-iskambju ta' informazzjoni f'kuntesti oħra tas-suq jew f'kawżi finanzjarji oħra sabiex tnaqqas l-oneru tal-prova impost fuqha, jiġifieri li tistabbilixxi li l-iskambji ta' informazzjoni fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni rrestrinġew il-kompetizzjoni minħabba l-għan.

205 Qabelxejn għandu jiġi analizzat it-tieni lment.

1) Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq żbalji mwettqa mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tagħha tal-kuntest tas-suq ikkonċernat

206 Ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-Kummissjoni evalwat b'mod żbaljat il-kuntest fattwali u ġuridiku tas-suq tal-kambji spot, jew li hija astjeniet milli tieħdu inkunsiderazzjoni għall-evalwazzjoni tal-għan tal-aġir ikkritikat lil Credit Suisse. Huma jsostnu li l-Kummissjoni ma evalwatx korrettament jew ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-elementi tal-imsemmi suq relatati (i) mat-trasparenza tiegħu, (ii) mal-istruttura tiegħu u (iii) mar-rwol tat-traders li joperaw fih.

207 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

i) Fuq it-trasparenza tas-suq tal-kambji spot

208 L-ewwel kritika, imressqa mir-rikorrenti, tikkonċerna n-natura trasparenti tas-suq inkwistjoni. Fil-fehma tagħhom, matul il-perijodu tal-ksur allegat, is-suq tal-kambji spot kien ikkaratterizzat minn trasparenza limitata. Ir-rikorrenti ma jikkontestawx li l-pjattaformi elettroniċi żiedu kunsiderevolment it-trasparenza tas-suq. Madankollu, huma jikklassifikaw is-suq tal-kambji bħala relattivament opak. Fil-fatt, skont ir-rikorrenti, it-tranżazzjonijiet iseħħu fuq diversi pjattaformi u ma teżistix sistema ċentralizzata ta' rapportar f'ħin reali tat-tranżazzjonijiet fis-suq tal-kambji spot.

209 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti. Hija ssostni, filwaqt li tagħmel riferiment b'mod partikolari għall-premessi 12 sa 16 tad-deċiżjoni kkontestata, li, fid-dawl tal-iżvilupp tas-sistemi ta' negozjar elettroniċi fuq l-iskrin, li għamlu l-prezzijiet (inklużi l-aħjar prezzijiet tal-offerta u tat-talba disponibbli) f'ħin reali u l-volumi nnegozjati korrispondenti aċċessibbli fuq il-pjattaformi elettroniċi għal kważi l-atturi kollha tas-suq u li huma kontinwament aġġornati, is-suq tal-kambji spot kellu jitqies bħala trasparenti fiż-żmien tal-fatti allegati.

210 Kif irrilevat il-Kummissjoni fir-risposta tagħha, mill-premessi 7, 14, 53 u 402 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, fl-eżami tagħha tal-kuntest ekonomiku li fih kienu jaqgħu l-iskambji ta' informazzjoni fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni, il-Kummissjoni qieset li s-suq

tat-tranżazzjonijiet ta' kambju spot kien suq kbir ta' natura trasparenti, dinamika u likwida ħafna. Huwa fid-dawl ta' dawn il-fatturi, speċifiċi għas-suq tat-tranżazzjonijiet ta' kambju spot, li l-Kummissjoni kkonkludiet, fil-premessi 404 u 405 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-iskambji ta' informazzjoni kienu jikkostitwixxu restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni minħabba l-għan.

211 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, skont l-elementi fl-atti tal-proċess, it-trasparenza tas-suq inkwistjoni hija ddefinita bħala kapaċità tal-atturi ta' dan is-suq li jiksbu informazzjoni dwar il-proċess ta' negozjar, pereżempju dwar il-prezz, il-volum tal-ordni, il-volum tat-tranżazzjonijiet, ir-riskju u l-identità tat-trader. It-trasparenza tikkonċerna l-informazzjoni disponibbli fl-istadju ta' qabel in-negozjar kif ukoll dik disponibbli fl-istadju ta' wara n-negozjar u tiddependi essenzjalment mir-rieda tal-parteċipanti u mill-kapaċità tal-Borża li juru pubblikament l-ordnijiet ta' xiri u ta' bejgħ.

212 Għalhekk, skont l-elementi fl-atti tal-proċess, għandha ssir distinzjoni, fis-suq tal-kambji spot fil-livell "interdealer" (ara l-punt 24 iktar 'il fuq), ikkaratterizzat mill-istruttura ibrida tiegħu, żewġ kanali kummerċjali, jiġifieri kanal dirett (bilaterali) u l-kanal tas-sensara, b'għarfien tal-fatt li t-trasparenza tvarja skont il-kanal kummerċjali użat. B'mod iktar partikolari, fil-kuntest ta' kanal kummerċjali dirett (bilaterali), bħal f'dan il-każ, it-trading ma huwiex anonimizzat u l-prezz kif ukoll il-volum tat-tranżazzjonijiet jinżammu sigrieti mill-partijiet għat-tranżazzjoni.

213 Ċertament, l-iżvilupp tas-sistemi ta' negozjar elettroniku fuq l-iskrin żied kunsiderevolment it-trasparenza fis-suq inkwistjoni fiż-żmien tal-fatti. Madankollu, il-konklużjoni dwar it-trasparenza tiegħu li tinsab fil-premessa 14 tad-deċiżjoni kkontestata ma tistax, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, tkun ibbażata, b'mod suffiċjenti fid-dritt, fuq is-sempliċi fatt li l-prezzijiet u l-volumi huma disponibbli fuq il-pjattaformi elettroniċi.

214 Fil-fatt, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali u waqt is-seduta, il-Kummissjoni stess irrikonoxxiet li kundizzjonijiet oħra minbarra dawk relatati ma' prezz f'ħin reali u mal-volumi ta' negozjar korrispondenti ma kinux aċċessibbli għall-parteċipanti kollha tas-suq. B'mod iktar partikolari, hija ppreċiżat li, fid-dawl tan-nuqqas ta' aċċess għall-informazzjoni miżmuma minn traders oħra, kien hemm ċertu livell ta' inċertezza fis-suq f'dak li jirrigwarda l-attivitajiet, il-pożizzjonijiet, l-interessi u l-intenzjonijiet matul in-negozjati tal-klijenti finali u tat-traders kompetituri.

215 Issa, l-informazzjoni, li għaliha tagħmel riferiment il-Kummissjoni fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħha u waqt is-seduta sabiex tikkonkludi li jeżisti ċertu livell ta' inċertezza fis-suq, hija preċiżament dik li l-assenza ta' żamma tagħha mit-traders tas-suq tippermetti li tiġi ddefinita n-natura trasparenti jew le tas-suq tal-kambji spot fis-sens tal-kriterji mfakkra fil-punti 211 u 212 iktar 'il fuq.

216 B'mod iktar ġenerali, sa fejn il-partijiet jaqblu dwar il-fatt li s-suq tal-kambji spot huwa fundamentalment asimetriku u dwar l-importanza tar-rwol tal-informazzjoni fl-imsemmi suq, il-Kummissjoni ma tistax validament issostni li s-suq tal-kambji spot, fiż-żmien tal-fatti, kellu jitqies bħala trasparenti. Fil-fatt, f'suq trasparenti, l-informazzjoni hija immedjatament aċċessibbli (mingħajr ħlas) għall-atturi kollha tas-suq, li, kif tirrikonoxxi l-Kummissjoni, ma huwiex il-każ fis-suq tal-kambji spot fid-dawl tal-preżenza ta' diversi tipi ta' informazzjoni.

217 Għaldaqstant, għandu jitqies li l-Kummissjoni wettqet żball ta' evalwazzjoni meta qieset, fil-premessa 14 tad-deċiżjoni kkontestata, li s-suq tal-kambji spot kien trasparenti fiż-żmien meta seħħew il-fatti. Għaldaqstant, għandu jiġi analizzat jekk din l-evalwazzjoni tistax taffettwa, kif

jallegaw ir-rikorrenti, il-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" peress li t-trasparenza ta' dan is-suq hija waħda mill-fatturi li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni sabiex tasal għal tali klassifikazzjoni fil-premessi 404 u 405 tad-deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 210 iktar 'il fuq).

ii) Fuq l-istruttura tas-suq inkwistjoni

218 It-tieni kritika tar-rikorrenti hija bbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma evalwatx korrettament l-istruttura tas-suq inkwistjoni, li hija kkaratterizzata mill-konċentrazzjoni tagħha. Huma jqisu, essenzjalment, li, f'suq tant frammentat li fih it-traders inkwistjoni kellhom ishma tas-suq minimi, kien ikun dubjuż li dawn it-traders setgħu joħolqu asimetrija tal-informazzjoni sinjifikattiva għad-detriment tal-atturi l-oħra tas-suq. Għaldaqstant, dawn l-ishma tas-suq minimi joħolqu dubju dwar l-għan allegatament antikompetittiv tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni. Huma jikkritikaw, *in fine*, lill-Kummissjoni għall-assenza ta' spjegazzjoni tar-raġuni għalfejn l-ishma tas-suq ma kinux rilevanti f'din il-kawża.

219 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argument tar-rikorrenti.

220 F'dan ir-rigward, għalkemm huwa minnu li l-istruttura tas-suq, kif ikkaratterizzata mil-livell tal-konċentrazzjoni tiegħu, tikkostitwixxi fattur rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk l-iskambju ta' informazzjoni jirrestringix il-kompetizzjoni "minħabba l-għan" (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, T-Mobile Netherlands *et*, C-8/08, EU:C:2009:343, punt 34), l-uniku prinċipju ġenerali kkunsidrat fir-rigward tal-istruttura tas-suq huwa li l-offerta ma għandhiex tkun ta' natura frammentata (sentenza tat-2 ta' Ottubru 2003, Thyssen Stahl vs Il-Kummissjoni, C-194/99 P, EU:C:2003:527, punt 86).

221 Madankollu, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet inizjalment tieħu inkunsiderazzjoni n-natura oligopolistika jew frammentata tas-suq li fih kienu seħħew skambji ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva, jirriżulta, b'mod partikolari, mis-sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni (C-286/13 P, EU:C:2015:184), li l-qorti tal-Unjoni Ewropea setgħet tirrikonoxxi l-għan antikompetittiv ta' tali skambji, anki fl-assenza ta' konċentrazzjoni oligopolistika tas-suq (ara s-sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Dole Food u Dole Germany vs Il-Kummissjoni, T-588/08, EU:T:2013:130, punt 341 u l-ġurisprudenza hemm iċċitata).

222 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, fid-dawl tal-fatt li d-dritt tal-kompetizzjoni jkopri l-attivitajiet tal-impriżi (sentenza tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni, C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 59), ir-rikorrenti ma jistgħux madankollu jingħataw raġun meta huma jinvokaw, kif ikkonfermaw waqt is-seduta, in-natura frammentata tas-suq tal-kambji spot abbażi tal-ishma tas-suq tat-traders li kienu impjegati mill-banek involuti fil-ksur kontenzjuż. Fi kwalunkwe każ, kif jirriżulta mill-elementi tal-proċess, huma baqgħu ma tawx prova tal-ishma tas-suq tal-imsemmija banek għall-attività tat-"trading bil-vuċi", li għaliha hija limitata l-analiżi tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni (ara l-punt 16 iktar 'il fuq).

223 Għandu jiġi rrilevat ukoll li, fil-premessi 28 *et seq* u 402 tad-deċiżjoni kkontestata, mingħajr madankollu ma ddeċidiet fuq il-livell tal-konċentrazzjoni tagħha fir-rigward tal-ishma tas-suq tal-parteċipanti fil-ksur kontenzjuż, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-istruttura u l-karatteristiċi speċifiċi tas-suq inkwistjoni hekk kif kienu kkaratterizzati mir-rwol tal-ġeneraturi tas-suq li kienu jipparteċipaw fl-iskambji ta' informazzjoni online. Issa, ir-rwol tal-ġeneraturi

tas-suq fl-imsemmi suq, li ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti, jinvolvi impenji finanzjarji sinjifikattivi li ma jistgħux jiġu sostnuti minn numru kbir ta' parteċipanti, b'tali mod li għandha tiġi eskluża l-ipoteżi ta' dawn tal-aħħar li s-suq tal-kambji spot kellu natura frammentata.

224 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali diġà qieset, ikkonfermata fuq dan il-punt mill-Qorti tal-Ġustizzja, li l-iskambji ta' informazzjoni huma ta' natura iktar u iktar sensittiva mill-perspettiva tal-kompetizzjoni meta dawn iseħħu bejn traders li jaġixxu bħala ġeneraturi tas-suq, fid-dawl tal-importanza li għandhom fis-suq, u b'mod iktar partikolari tal-fatt li dawn iseħħu fih b'mod ġenerali u kontinwu u għalhekk jikkonkludu numru ikbar ta' tranżazzjonijiet mill-atturi l-oħra tas-suq (sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, HSBC Holdings *et* vs Il-Kummissjoni, T-105/17, EU:T:2019:675, punt 145, ikkonfermata fuq dan il-punt mis-sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, HSBC Holdings *et* vs Il-Kummissjoni, C-883/19 P, EU:C:2023:11, punt 195). Għaldaqstant, mill-perspettivi tal-osservanza tal-kompetizzjoni fis-suq, huwa iżjed u iżjed fundamentali li d-determinazzjoni tal-istrateġiji tagħhom u partikolarment tal-prezzijiet issir b'mod awtonomu.

225 Għaldaqstant, għandha tiġi miċħuda l-kritika magħmula mir-rikorrenti, ibbażata fuq l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni tal-istruttura tas-suq hekk kif kienet ikkaratterizzata mill-konċentrazzjoni fframmentata tagħha.

iii) Fuq ir-rwol doppju tat-traders

226 It-tielet kritika tar-rikorrenti tirrigwarda l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, waqt l-evalwazzjoni tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku inkwistjoni, tal-karatteristika tas-suq tal-kambji spot tar-rwol doppju tat-traders, fis-sens li huma jinteraġixxu l-ħin kollu ma' xulxin fir-rwol ta' kompetitur u f'dak ta' kontroparti. Skont ir-rikorrenti, għalkemm huwa minnu li t-tnaqqis tal-inċertezza li tirriżulta mill-iskambju ta' informazzjoni jista' effettivament iservi bħala kriterju assolut għal ksur "minħabba l-għan" fi swieq fejn kwalunkwe żvelar ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva bejn kompetituri joħloq kundizzjonijiet li ma jikkorrispondux għall-kundizzjonijiet normali tas-suq, dan ma jistax iservi bħala kriterju assolut meta l-kundizzjonijiet normali tas-suq jimponu l-iskambju regolari ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva bejn parteċipanti li jaġixxu kemm vertikalment kif ukoll orizzontalment.

227 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argument tar-rikorrenti.

228 F'dan ir-rigward, huwa minnu li, fis-suq tal-kambji spot, b'mod ġenerali, it-traders jaġixxu kemm bħala kontropartijiet billi jikkonkludu tranżazzjonijiet bejniethom kif ukoll bħala kompetituri fir-rigward tal-klijenti potenzjali. B'risposta għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura deċiża mill-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti indikaw, essenzjalment, li għalkemm huwa diffiċli li tiġi stabbilita distinzjoni formali bejn iż-żewġ rwoli, mument ċar meta żewġ traders ikunu f'kompetizzjoni ma' xulxin huwa dak li fih huma jipprovaw jikkonkludu tranżazzjoni mal-istess klijent fl-istess mument.

229 Madankollu, minbarra l-fatt li r-rwol doppju tat-traders, allegat mir-rikorrenti, ma jseħħx għall-istess tranżazzjoni iżda fir-rigward ta' żewġ tranżazzjonijiet distinti, id-delimitazzjoni tal-kamp ta' evalwazzjoni tal-legalità tal-iskambji ta' informazzjoni kif tirriżulta mill-premessi 158 u 467 tad-deċiżjoni kkontestata, li teskludi l-iskambji li kellhom it-traders fil-kors normali tan-negozju meta eżaminaw il-possibbiltajiet li jinnegozjaw bejniethom, tipprekludi, bħala prinċipju, il-kritika tar-rikorrenti mfakkra fil-punt 226 iktar 'il fuq.

230 Għaldaqstant, għandha tiġi miċħuda bħala infondata l-kritika tar-rikorrenti dwar l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni tal-karatteristika tas-suq tal-kambji spot dwar ir-rwol doppju tat-traders.

231 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li t-tieni lment huwa fondat sa fejn huwa bbażat fuq l-iżball li l-Kummissjoni wettqet meta qieset, fil-premessa 14 tad-deċiżjoni kkontestata, li s-suq tal-kambji spot kien trasparenti fiż-żmien meta seħħew il-fatti u għandu jiġi miċħud fir-rigward tal-kumplament. Għandu jiġi analizzat, fil-kuntest tal-ewwel ilment, jekk din l-evalwazzjoni tistax taffettwa, kif jaffermaw ir-rikorrenti, il-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni bħala "restrizzjoni minħabba l-għan".

2) Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni kellhom l-għan li jirrestrinġu l-kompetizzjoni hija bbażata fuq ipoteżijiet fattwali ineżatti mhux ivverifikati

232 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma ssodisfatx l-obbligu tagħha li turi li kien possibbli li mit-tip ta' informazzjoni skambjata u mill-karatteristiċi tas-suq inkwistjoni jiġi dedott li l-għan tal-iskambji fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni kien antikompetittiv. Huma jqisu li l-Kummissjoni ma wrietx li l-iskambji ta' informazzjoni ppermettew li t-traders ikollhom serħan il-moħħ dwar id-deċiżjonijiet tagħhom ta' kuljum ta' ffissar tal-prezzijiet u ta' ġestjoni esperta tar-riskji. Huma jsostnu li l-Kummissjoni lanqas ma pproduċiet il-prova li l-ipoteżi tagħha fis-sens li l-aġir tat-traders parteċipi kellu l-għan li joħloq asimetrija tal-informazzjoni sinjifikattiva fil-konfront tal-bqija tas-suq. Issa, fis-suq tal-kambji spot, it-traders huma inkoraġġuti jaqsmu informazzjoni sabiex ikunu ggwidati fl-attività tagħhom ta' negozjar u jittrażmettuha lill-klijenti tagħhom. Fi kwalunkwe każ, il-parti l-kbira tal-informazzjoni dwar l-ordnijiet tat-trader ta' Credit Suisse ma ġietx kondiviża fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni.

233 Ir-rikorrenti jsostnu wkoll li d-diskussjonijiet iċċitati fid-deċiżjoni kkontestata, li jgħidu li l-informazzjoni skambjata ppermettiet lit-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni jistennew qabel ma jassorbu pożizzjoni qasira, jikkontradixxu l-fatt li l-ġeneraturi tas-suq kellhom, skont il-kliem tad-deċiżjoni kkontestata, "ikunu lesti jinnegozjaw ma' kull persuna li jkollha bżonn muniti f'kull mument". Huma jqisu li l-parti l-kbira, jekk mhux it-totalità, tad-diskussjonijiet dwar id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta, iċċitati fid-deċiżjoni kkontestata, ma jikkonċernaw ebda indikazzjoni dwar konklużjoni eventwali tal-ftehimiet fuq id-differenzjali u li seħħew fl-astratt, jew saħansitra wara li diġà ngħatat differenzjali bejn it-talba u l-offerta.

234 Sabiex tingħata risposta għall-argument tar-rikorrenti, għandu jiġi analizzat jekk id-diversi tipi ta' skambji ta' informazzjoni msemmija fid-deċiżjoni kkontestata kellhomx livell ta' ħsara suffiċjenti sabiex tiġi ġġustifikata l-klassifikazzjoni tagħhom bħala "restrizzjoni minħabba l-għan".

i) Fuq l-iskambji ta' informazzjoni dwar id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta ("bid-ask spreads")

235 Fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni dwar id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta ("bid-ask spreads"), li l-interpretazzjoni tagħhom saret fil-premessi 245 sa 251 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ġġustifikat, fil-premessi 394 sa 404 tal-imsemmija deċiżjoni, il-klassifikazzjoni ta' "restrizzjoni minħabba l-għan" minħabba li dawn ikkontribwixxew sabiex jitneħħew l-inċertezzi inerenti għas-suq inkwistjoni f'dak li jirrigwarda l-prezzijiet, filwaqt li żiedu t-trasparenza fuq

id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta ogħla li dawn it-traders setgħu joffru. Għalhekk, tali skambji setgħu jinfluwenzaw il-prezzijiet offruti minn dawn l-istess traders lill-klijenti tagħhom, bi tnaqqis tar-riskju marbut mal-kambji tal-muniti għall-vantaġġ tagħhom stess.

236 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, mingħajr ma r-rikorrenti jikkontestaw dan, id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta jikkostitwixxu komponent tal-prezz finali mħallas mill-klijenti, sa fejn dawn jiġu applikati fuq il-valur medjan bejn il-prezz tal-offerta u l-prezz tat-talba għal kambju ta' par muniti speċifiku u li minnu jiddependi l-kumpens li jirċievi t-trader għall-immedjatezza tas-servizz ipprovdut kif ukoll għar-riskju li huwa jsostni sussegwentement billi jkollu munita partikolari fil-portafoll tiegħu (ara l-punt 20 iktar 'il fuq u l-premessi 48 u 239 tad-deċiżjoni kkontestata). Issa, fis-suq tal-kambji spot, il-kapaċità tal-banek li jevalwaw ir-riskji tagħhom marbuta mal-iffissar tal-prezzijiet tikkostitwixxi wieħed mill-parametri essenzjali tal-kompetizzjoni, fatt li r-rikorrenti lanqas ma jikkontestaw.

237 Għalhekk, l-iskambji ta' informazzjoni, f'dan il-każ dwar komponent tal-prezz, mhux pubbliku u preċiż għandhom jitqiesu bħala li jippermettu li jitnaqqsu l-inċertezzi normali inerenti għas-suq inkwistjoni f'dak li jirrigwarda l-iffissar tal-prezz f'dan is-suq, li tinħoloq asimetrija ta' informazzjoni għall-benefiċċju biss tat-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni u, għaldaqstant, huma ta' livell suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni. Issa, tali konstatazzjoni hija suffiċjenti sabiex jiġi rrikonoxxut li dawn l-iskambji kienu jinvolvu restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE (sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, HSBC Holdings *et* vs Il-Kummissjoni, C-883/19 P, EU:C:2023:11, punt 204).

238 Ebda wieħed mill-argumenti tar-rikorrenti ma jippermetti li tiġi invalidata l-konklużjoni preċedenti.

239 Qabel kollox, għandhom jiġu miċħuda l-argumenti tar-rikorrenti li, essenzjalment, l-iskambji ta' informazzjoni dwar id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta ma jikkostitwixxux "restrizzjoni minħabba l-għan" fid-dawl tal-assenza ta' indikazzjoni dwar eventwali konklużjoni ta' ftehimiet dwar dawn id-differenzjali. Ċertament, mill-iskambji ta' informazzjoni dwar id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta li seħħew fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni ma jirriżultax li t-traders qablu li japplikaw b'mod miftiehem ċertu livell ta' differenzjali għal par muniti speċifiku. Madankollu, dan ma jipprekludix li, billi kkomunikaw lill-kompetituri tagħhom informazzjoni kunfidenzjali u strateġika dwar il-livell xieraq tad-differenzjali bejn it-talba u l-offerta għal par muniti speċifiku jew dawk li kienu għadhom kemm applikaw, it-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni żvelaw aġir li huma setgħu jadottaw fis-suq, b'tali mod li naqqsu l-inċertezza f'moħħ dawk li kienu pparteċipaw fl-iskambji ta' informazzjoni, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 47 iktar 'il fuq.

240 Sussegwentement, fir-rigward tal-argument tar-rikorrenti li, essenzjalment, fid-dawl tal-fatt li l-prezz finali propost lill-klijenti jiġi ffissat mill-impjegati tal-uffiċċju tal-bejgħ ta' bank, ma kienx ikun loġiku, mill-perspettiva tat-traders li huma atturi razzjonali, li jiġi adottat l-aġir li jikkonsisti fil-kwotazzjoni tad-differenzjali l-iktar wiesgħa possibbli, għandu jiġi kkonstatat li elementi relatati mar-rieda tat-traders li jirrestrinġu l-kompetizzjoni jew mal-interess ekonomiku tagħhom li jagħmlu dan huma normalment ta' importanza limitata għall-klassifikazzjoni tal-aġir bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 335).

241 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni qieset, ġustament, li l-iskambji ta' informazzjoni dwar id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta li seħħew fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni kienu jikkontribwixxu għall-klassifikazzjoni tal-aġir inkwistjoni, kollu kemm hu, bħala "restrizzjoni minħabba l-għan".

ii) Fuq l-iskambji ta' informazzjoni dwar l-ordnijiet tal-klijenti

242 Fir-rigward tal-iskambji ta' informazzjoni dwar l-ordnijiet tal-klijenti, jiġifieri l-ordnijiet "kundizzjonali" (premessi 183 sa 195 tad-deċiżjoni kkontestata), l-ordnijiet li kellhom jiġu eżegwiti bir-rata tal-"fixing" (premessi 206 sa 213 tad-deċiżjoni kkontestata) u l-ordnijiet "immedjati" (premessi 223 sa 228 tad-deċiżjoni kkontestata), il-Kummissjoni ġġustifikat, fil-premessi 394 sa 404, moqrija flimkien mal-premessi 171 sa 173 tad-deċiżjoni kkontestata, il-klassifikazzjoni tagħhom bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" minħabba li, fid-dawl tan-natura tagħhom, tal-frekwenza tagħhom u tal-livell ta' diżaggregazzjoni tagħhom, dawn kienu eliminaw inċertezzi dwar is-suq tal-kambji spot u żiedu t-trasparenza dwar l-istrateġiji ta' trading tat-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni, sa fejn il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar id-direzzjoni tas-suq jew il-livelli li fihom is-suq juri r-reżistenza tiegħu jistgħu jippermettu lil trader jieħu pożizzjoni aħjar sabiex jibbenefika jew jevita telf. Għalhekk, dawn l-iskambji informaw lit-traders, b'mod partikolari, bit-tendenzi tal-prezzijiet billi jnaqqsu l-inċertezzi dwar ir-riskji inerenti għall-iffissar tagħhom (pereżempju, billi jwasslu għal tnaqqis tat-telf mistenni) filwaqt li l-prezz jikkostitwixxi wieħed mill-parametri tal-kompetizzjoni fis-suq tal-kambji spot li l-banek parteċipi kellhom jiddeterminaw b'mod awtonomu.

243 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, kif jirriżulta mill-elementi tal-proċess, li l-informazzjoni dwar l-ordnijiet tal-klijenti tikkostitwixxi informazzjoni mhux pubblika, magħrufa biss mill-partijiet għat-tranżazzjoni, jiġifieri t-trader u l-klijent, u tikkostitwixxi informazzjoni importanti sabiex it-trader li jkun ikkonkluda t-tranżazzjoni jkun jista' jifforma l-opinjoni tiegħu stess dwar iċ-ċaqliq tar-rata tal-kambju jew sabiex jiddetermina l-istrateġija kummerċjali tiegħu. Issa, l-iskambju ta' tali informazzjoni għandu l-kapaċità li jnaqqas l-inċertezzi inerenti għas-suq inkwistjoni, billi jippermetti lill-ġeneraturi tas-suq li ma jiddeterminawx b'mod awtonomu, minn naħa, l-istrateġija relatata mal-pari ta' muniti speċifiċi li fuqhom huma għandhom informazzjoni kunfidenzjali u ddettaljata u, min-naħa l-oħra, l-aġir tagħhom fis-suq, b'tali mod li jippermettilhom jibbenefikaw jew jevitaw telf li jista' jirriżulta mill-iżviluppi fis-suq.

244 Għaldaqstant, l-iskambji ta' informazzjoni msemmija iktar 'il fuq għandhom jitqiesu, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 237 iktar 'il fuq, bħala li huma ta' livell suffiċjenti ta' dannu għall-kompetizzjoni sabiex jiġu kklassifikati bħala "restrizzjoni minħabba l-għan".

245 Tali konklużjoni ma tistax tiġi invalidata mill-allegazzjoni tar-rikorrenti fis-sens li hemm kontradizzjoni f'dak li jirrigwarda l-konklużjoni bbażata fuq l-iskambju li tinsab fil-premessa 193 tad-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri li l-informazzjoni skambjata kienet tippermetti lit-traders parteċipi jistennew qabel ma jassorbu pożizzjoni qasira fil-portafoll tagħhom (sabiex jimmassimizzaw il-possibbiltajiet tagħhom li jagħmlu profitt), u dik li tinsab fil-premessa 21 tal-imsemmija deċiżjoni, jiġifieri li l-ġeneraturi tas-suq kellhom "ikunu lesti jinnegozjaw ma' kull persuna li jkollha bżonn muniti f'kull mument". Fil-fatt, sa fejn l-għan tat-traders huwa li jagħmlu profitt u li jillimitaw it-telf tagħhom, ma tantx ikun loġiku li t-traders jaġixxu kontra l-interessi kummerċjali tagħhom għas-sempliċi raġuni li, bħala prinċipju, huma għandhom ikunu lesti jinnegozjaw f'kull mument. Għaldaqstant, minn dan ma jistax jiġi dedott li t-traders jieħdu pożizzjonijiet biss abbażi tal-ordnijiet deħlin tal-klijenti sabiex tiġi eskluża l-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni dwar l-ordnijiet tal-klijenti bħala "restrizzjoni minħabba l-għan".

246 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni qieset, ġustament, li l-iskambji ta' informazzjoni dwar l-ordnijiet tal-klijenti msemmija fil-punt 242 iktar 'il fuq kienu jikkontribwixxu għall-klassifikazzjoni tal-aġir inkwistjoni, kollu kemm hu, bħala "restrizzjoni minħabba l-għan".

iii) Fuq l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet ta' riskju miftuħa

247 Fir-rigward tal-iskambji ta' informazzjoni relatati mal-pożizzjonijiet ta' riskju miftuħa, li l-interpretazzjoni tagħhom tal-Kummissjoni hija ppreżentata fil-premessi 234 sa 238 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ġġustifikat, fil-premessi 394 sa 404 ta' din id-deċiżjoni, il-klassifikazzjoni tagħhom bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" għar-raġuni li l-kondiviżjoni tagħhom kienet ippermettiet lit-traders ikollhom ċertezza ikbar dwar l-intenzjonijiet kummerċjali rispettivi f'dak li jirrigwarda l-aġir ta' kopertura ("hedging conduct") potenzjali tagħhom u għalhekk kienet eliminat inċertezza dwar l-iżvilupp potenzjali ta' rati tal-kambju speċifiċi, b'tali mod li tat lit-traders parteċipi vantaġġ fil-konfront tal-atturi l-oħra tas-suq u għinithom fil-ġestjoni esperta tar-riskji tagħhom li huma jikkompetu abbażi tagħha.

248 F'dan ir-rigward, fl-assenza ta' argumenti konkreti mressqa mir-rikorrenti kontra l-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet ta' riskju miftuħa bħala "restrizzjoni minħabba l-għan", huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat, bħalma għamlet id-deċiżjoni kkontestata, li l-iskambju ta' din l-informazzjoni, billi tiġi ppreċiżata munita speċifika u l-istrateġija li tikkonsisti fl-astensjoni mill-għeluq tal-pożizzjoni jew fl-istennija qabel din ma tingħalaq, għandu jitqies li għandu l-kapaċità li jelimina inċertezzi inerenti għall-funzjonament tas-suq tal-kambji spot.

249 Minn dan isegwi li tali skambji ta' informazzjoni, li bħala prinċipju jipprekludu r-rekwiżit ta' awtonomija inerenti fl-Artikolu 101(1) TFUE, huma ta' livell suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni sabiex jiġu kklassifikati bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 237 iktar 'il fuq.

250 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni qieset, ġustament, li l-iskambji ta' informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet ta' riskju miftuħa kienu jikkontribwixxu għall-klassifikazzjoni tal-aġir inkwistjoni, kollu kemm hu, bħala "restrizzjoni minħabba l-għan".

iv) Fuq l-iskambji ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' trading attwali jew prospettivi

251 Fir-rigward tal-iskambji ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' trading attwali jew prospettivi, li l-interpretazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni hija esposta fil-premessi 258 sa 285 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ġġustifikat, fil-premessi 394 sa 404 ta' din id-deċiżjoni, il-klassifikazzjoni ta' "restrizzjoni minħabba l-għan" minħabba li dawn kienu eliminaw ċerti inċertezzi inerenti għas-suq tal-kambji spot u żiedu l-livell ta' trasparenza ta' dan is-suq billi pprovdew lill-parteċipanti tal-forum ta' diskussjoni inkwistjoni ħarsa ġenerali fuq l-aġir attwali tal-kompetituri tagħhom, li wassal għal asimetrija ta' informazzjoni bejn it-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni u l-atturi l-oħra tas-suq. Għalhekk, tal-ewwel kellhom serħan il-moħħ dwar l-evalwazzjoni tar-riskji tagħhom marbuta mal-elaborazzjoni tal-istrateġiji ta' trading tagħhom stess u b'mod partikolari dawk marbuta mal-prezzijiet.

252 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar id-dettalji tat-tranżazzjonijiet imwettqa mit-traders u l-kondiviżjoni ta' pariri jew ta' opinjonijiet dwar il-mod ta' negozjar bħal dawk inkwistjoni jippermettu lit-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni, minn naħa, li jiksbu għarfien speċifiku sabiex jantiċipaw aħjar iċ-ċaqliq tas-suq u, min-naħa l-oħra, li jadattaw l-istrateġiji ta' trading tagħhom abbażi ta' dan.

253 Issa, tali skambji ta' informazzjoni jikkontradixxu b'mod flagranti r-rekwiżit ta' awtonomija li għandu jikkaratterizza l-aġir tal-ġeneraturi tas-suq inkwistjoni f'sistema ta' kompetizzjoni effettiva. Fil-fatt, dawn l-iskambji jeliminaw l-inċertezzi f'moħħhom fir-rigward tal-parametri essenzjali tal-kompetizzjoni fl-imsemmi suq, jiġifieri l-prezz u l-ġestjoni esperta tar-riskji. Għalhekk, dawn l-iskambji setgħu jżidu t-trasparenza fis-suq tal-kambji spot għall-vantaġġ tat-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni, għad-detriment tal-atturi l-oħra tas-suq. Konsegwentement, dawn huma ta' livell suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni sabiex jiġu kklassifikati bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 237 iktar 'il fuq.

254 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-iskambji ta' informazzjoni relatati mad-differenzjali bejn it-talba u l-offerta, l-ordnijiet tal-klijenti, mal-pożizzjonijiet ta' riskju miftuħa u mal-attivitajiet ta' trading attwali jew prospettivi, analizzati fid-deċiżjoni kkontestata, huma ta' livell suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kklassifikathom, ġustament, bħala "restrizzjoni minħabba l-għan".

255 Kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti, il-fatt li t-trader ta' Credit Suisse ma qasamx il-parti l-kbira tal-informazzjoni dwar l-offerti tiegħu huwa irrilevanti fir-rigward tal-ħsara tal-aġir allegat fil-konfront ta' dan il-bank. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-evalwazzjoni tal-livell suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni ta' aġir ma hija bbażata fuq ebda livell kwantitattiv legali ta' informazzjoni kondiviża mal-kompetituri.

256 F'dawn iċ-ċirkustanzi, minkejja l-iżball ta' evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-natura trasparenti tas-suq tal-kambji spot, hemm lok li jiġu miċħuda l-argumenti tar-rikorrenti intiżi li jinvalidaw il-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni bħala "restrizzjoni minħabba l-għan".

257 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

3) Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq żbalji mwettqa mill-Kummissjoni billi bbażat ruħha fuq il-klassifikazzjoni legali tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni ppreżentata fil-provi prodotti sabiex tinkiseb il-klemenza u fil-proposti ta' riżolviment

258 Fil-premessi 394 sa 404 tad-deċiżjoni kkontestata, moqrija flimkien mal-premessi 170 sa 285, insostenn tal-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan", il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-provi kontemporanji mqiegħda għad-dispożizzjoni tagħha minn banek oħra involuti fil-ksur kontenzjuż, jiġifieri diversi traskrizzjonijiet tal-iskambji ta' informazzjoni li seħħew fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni, billi f'ċerti okkażjonijiet ibbażat ruħha, fir-rigward tal-portata tagħhom, fuq id-dikjarazzjonijiet magħmula minn dawn il-banek, b'mod partikolari fil-kuntest tat-talbiet għal klemenza.

259 Ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni bbażat ruħha "mingħajr ħsieb kritiku" fuq id-dikjarazzjonijiet ta' klemenza u l-proposti ta' riżolviment. F'dak li jirrigwarda dawn id-dikjarazzjonijiet, huma jinvokaw il-valur probatorju dgħajjef tagħhom, in-natura provviżorja

tagħhom u n-natura infondata tagħhom, filwaqt li jippreċiżaw li l-partijiet kollha li waslu għal riżolviment esprimew id-dubji tagħhom dwar il-fehim mill-Kummissjoni tas-suq inkwistjoni u tal-għan tal-aġir kontenzjuż. Ir-rikorrenti jikkonkludu li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq id-dikjarazzjonijiet ta' klemenza meta dawn jikkorroboraw l-interpretazzjoni tagħha tal-fatti.

260 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

261 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li għalkemm, fil-kuntest ta' dan l-argument, ir-rikorrenti jiċċitaw siltiet li jirriżultaw mit-talbiet għal klemenza u mill-proposti ta' riżolviment, kif ikkonfermat minnhom waqt is-seduta, huma ma jressqu ebda kontestazzjoni konkreta dwar il-fatt li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-proposti ta' riżolviment.

262 Madankollu, sa fejn il-partijiet ma jaqblux dwar il-valur probatorju tad-dikjarazzjonijiet ta' klemenza u t-teħid inkunsiderazzjoni tagħhom mill-Kummissjoni bħala provi ta' natura li jikkorroboraw l-eżistenza tal-ksur allegat fil-konfront ta' Credit Suisse, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, ebda dispożizzjoni u ebda prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ma jipprojbixxu lill-Kummissjoni milli tinvoka, kontra impriża, dikjarazzjonijiet ta' impriżi oħra inkriminati. Li kieku dan ma kienx il-każ, l-oneru li l-Kummissjoni għandha li tipprova l-aġir li jmur kontra l-Artikoli 101 u 102 TFUE jkun insostenibbli u inkompatibbli mal-missjoni ta' sorveljanza tal-applikazzjoni korretta ta' dawn id-dispożizzjonijiet mogħtija lilha mit-Trattat FUE (ara s-sentenza tat-8 ta' Settembru 2016, Goldfish *et* vs Il-Kummissjoni, T-54/14, EU:T:2016:455, punt 96 u l-ġurisprudenza ċċitata).

263 B'mod partikolari, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat li l-fatt li persuna tistqarr li wettqet ksur u li tammetti għalhekk l-eżistenza ta' fatti li jmorru lil hinn minn dawk li l-eżistenza tagħhom setgħet tiġi dedotta b'mod direct mid-dokumenti inkwistjoni jimplika *a priori*, fl-assenza ta' ċirkustanzi partikolari li jindikaw il-kuntrarju, li din il-persuna ddeċidiet li tgħid il-verità. Għalhekk, id-dikjarazzjonijiet li jmorru kontra l-interessi tad-dikjarant għandhom, bħala prinċipju, jitqiesu li huma provi partikolarment dgħajfa, sakemm ma jkunux ikkorroborati minn elementi oħra (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2016, Goldfish et vs Il-Kummissjoni, T-54/14, EU:T:2016:455, punti 98 sa 100 u l-ġurisprudenza ċċitata).

264 Barra minn hekk, meta l-Kummissjoni tibbaża ruħha, fil-kuntest tal-istabbiliment ta' ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, fuq provi dokumentarji, l-impriżi kkonċernati ma għandhomx biss sempliċement jippreżentaw alternattiva plawżibbli għat-teżi tal-Kummissjoni, iżda għandhom minflok iqajmu l-insuffiċjenza tal-provi miżmuma fid-deċiżjoni kkontestata biex tiġi stabbilita l-eżistenza tal-ksur (ara s-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2015, FSL *et* vs Il-Kummissjoni, T-655/11, EU:T:2015:383, punt 181 u l-ġurisprudenza ċċitata).

265 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fil-kuntest tal-argument tagħhom, minn naħa, ir-rikorrenti ma jikkontestawx l-awtentiċità tad-dikjarazzjonijiet magħmula fil-kuntest tat-talbiet għal klemenza u, min-naħa l-oħra, huma ma jurux li kienu jeżistu ċirkustanzi partikolari ta' natura li jindikaw li l-applikanti għal klemenza ma kinux iddeċidew li jgħidu l-verità fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 263 iktar 'il fuq.

266 Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tas-siltiet tad-dikjarazzjonijiet ta' klemenza li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni peress li dawn imorru kontra l-interpretazzjoni tagħha tal-fatti, ir-rikorrenti jirreferu għad-dokumenti prodotti minn żewġ banek oħra involuti fil-ksur kontenzjuż. Miċ-ċitazzjonijiet tagħhom jirriżulta li dawn il-banek riedu, essenzjalment, jew javżaw lill-Kummissjoni bir-riperkussjonijiet allegati fuq il-funzjonament tas-suq tal-kambji spot li

jkollha l-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni li seħħew fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni bħala "restrizzjoni minħabba l-għan", jew riedu jissostanzjaw in-natura "leġittima", jew saħansitra "favur il-kompetizzjoni", ta' dawn l-iskambji.

267 Issa, għandu jiġi kkonstatat li l-allegazzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq, li fuqhom jibbażaw ruħhom ir-rikorrenti, huma intiżi, essenzjalment, sabiex "jiġġustifikaw" l-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni min-natura allegatament "leġittima" tagħhom, jew saħansitra "favur il-kompetizzjoni", mingħajr madankollu ma jipprovdu elementi li jippermettu li tiġi ddubitata l-kapaċità intrinsika tagħhom li jaffettwaw il-kompetizzjoni fis-suq inkwistjoni, li l-Kummissjoni allegatament naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni.

268 Għall-kuntrarju, mis-siltiet tad-dikjarazzjonijiet ta' klemenza msemmija fil-punt 261 iktar 'il fuq kif ukoll minn oħrajn iċċitati fid-deċiżjoni kkontestata, li l-eżattezza materjali tagħhom ma hijiex ikkontestata mir-rikorrenti, jirriżulta li l-applikanti għal klemenza rrikonoxxew li l-iskambji ta' informazzjoni li seħħew fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni kienu ta' natura li jżidu t-trasparenza fis-suq inkwistjoni u, minħabba dan il-fatt, jagħtu vantaġġ lill-parteċipanti ta' dan il-forum għad-detriment tal-atturi l-oħra tas-suq.

269 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies li d-dikjarazzjonijiet ta' klemenza li, kif jirriżulta mid-deċiżjoni kkontestata, jikkorroboraw il-provi kontemporanji mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni minn banek oħra jikkostitwixxu provi partikolarment affidabbli fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 263 iktar 'il fuq, li l-Kummissjoni setgħet validament tieħu inkunsiderazzjoni bħala kuntest fattwali li jippermettilha teżamina l-għan tal-iskambji kontenzjużi.

270 Barra minn hekk, kif jirriżulta mid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni użat id-dikjarazzjonijiet ta' klemenza inkwistjoni sabiex tikkonferma l-evalwazzjonijiet tagħha stess ibbażati fuq il-provi dokumentali li hija kellha. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta jsostnu li l-Kummissjoni ma wettqitx l-evalwazzjoni tagħha tal-fatti.

271 Tali konklużjoni ma tista' titqiegħed f'dubju minn ebda wieħed mill-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

272 L-ewwel nett, huma d-dikjarazzjonijiet kontradittorji li jinsabu fis-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti li juru n-natura infondata tal-argument tagħhom. Fil-fatt, ir-rikorrenti jsostnu, qabelxejn, li d-dikjarazzjonijiet magħmula fil-kuntest tad-dikjarazzjonijiet ta' klemenza għandhom valur probatorju għoli u, sussegwentement, li l-provi prodotti sabiex tinkiseb il-klemenza għandhom valur probatorju dgħajjef. Mistoqsija dwar dawn l-affermazzjonijiet kontradittorji matul is-seduta, huma indikaw li din id-differenza fl-approċċ kienet tirriżulta mill-fatt li l-ewwel affermazzjoni kienet tikkonċerna l-prinċipju li d-dikjarazzjonijiet magħmula fil-kuntest ta' talbiet għal klemenza kellhom valur probatorju għoli filwaqt li t-tieni waħda kienet tikkonċerna l-valur probatorju dgħajjef tad-dikjarazzjonijiet ikkonċernati f'dan il-każ. Madankollu, din l-interpretazzjoni tal-argument tar-rikorrenti hija kontradetta mill-qari tas-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali li, fiż-żewġ każijiet, jagħmlu riferiment għall-ġurisprudenza li tenfasizza l-valur probatorju għoli ta' tali dokumenti.

273 Fil-fatt, fir-rigward tal-valur probatorju allegatament dgħajjef tad-dikjarazzjonijiet ta' klemenza li jirriżulta mis-sentenza tat-13 ta' Lulju 2011, Kone *et* vs Il-Kummissjoni (T-151/07, EU:T:2011:365), għandu jiġi rrilevat li dan l-argument tar-rikorrenti jirriżulta minn interpretazzjoni żbaljata tal-imsemmija sentenza. Fil-fatt, kuntrarjament għal dak li jallegaw, f'din

is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet dwar il-"valur miżjud sinjifikattiv" tad-dikjarazzjonijiet ta' klemenza meta mqabbla mal-provi diġà fil-pussess tal-Kummissjoni għall-finijiet tat-tnaqqis tal-multa skont l-Avviż dwar il-Kooperazzjoni u mhux dwar il-valur probatorju dgħajjef tad-dikjarazzjonijiet ta' klemenza b'mod ġenerali.

274 It-tieni u fl-aħħar nett, għalkemm ir-rikorrenti jaffermaw li l-fatt li l-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq id-dikjarazzjonijiet tal-banek li jitolbu l-klemenza huwa inkwetanti minħabba l-kumplessità tal-evalwazzjoni meħtieġa sabiex tiġi ddeterminata l-portata tal-iskambju ta' informazzjoni awtorizzat fis-suq tal-kambji spot, għandu jiġi kkonstatat li f'dan ir-rigward huma ma jressqu ebda kontestazzjoni legali konkreta.

275 Għaldaqstant, it-tielet ilment għandu jiġi miċħud.

4) Fuq ir-raba' lment, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha fuq l-esperjenza tagħha fil-qasam tal-iskambju ta' informazzjoni f'kuntesti oħra tas-suq jew f'każijiet finanzjarji oħra sabiex tnaqqas l-oneru tal-prova impost fuqha

276 L-ewwel nett, ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni naqset l-oneru tal-prova li tistabbilixxi li l-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni kienu jirrestrinġu l-kompetizzjoni "minħabba l-għan" billi bbażat ruħha fuq l-allegata esperjenza tagħha fil-qasam tal-iskambju ta' informazzjoni f'kuntesti oħra tas-suq jew f'każijiet finanzjarji oħra.

277 It-tieni nett, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ttrasferitilhom l-oneru tal-prova sabiex turi li l-iskambji ta' informazzjoni illegali allegati kienu neċessarji minflok ma eżaminat jekk, fis-suq tal-kambji spot, dawn l-iskambji kinux effettivament illegali u kinux fost ir-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni l-iktar gravi.

278 It-tielet nett, ir-rikorrenti jsostnu li l-klassifikazzjoni ta' "restrizzjoni minħabba l-għan" tista' tiġi aċċettata biss meta l-esperjenza miksuba u t-teorija ekonomika jindikaw b'mod ċar li aġir jagħmel parti, min-natura tiegħu, mit-tipi ta' aġir antikompetittiv l-iktar dannużi. Issa, il-prinċipju ekonomiku ġenerali li jipprovdi li wieħed jista' jistenna li l-iskambju ta' informazzjoni mhux pubblika u ddettaljata jkun intrinsikament u sinjifikattivament dannuż għall-kompetizzjoni fil-parti l-kbira tas-swieq ma japplikax għas-suq tal-kambji spot.

279 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

280 L-ewwel nett, fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti relatata ma' allegat tnaqqis tal-oneru tal-prova sa fejn il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-allegata esperjenza tagħha fil-qasam tal-iskambji ta' informazzjoni f'kuntesti oħra sabiex tikklassifika l-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni bħala "restrizzjoni minħabba l-għan", huwa biżżejjed li jitfakkar li, kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet indikati fil-punti 235 sa 254 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni qieset ġustament li dawn l-iskambji ta' informazzjoni setgħu joħolqu asimetrija tal-informazzjoni bejn it-traders parteċipi għad-detriment tat-traders l-oħra tas-suq u li għalhekk kienu ta' livell suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni, mingħajr ma din il-konklużjoni hija bbażata fuq l-esperjenza tagħha fi swieq oħra.

281 It-tieni nett, f'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti lanqas ma jistgħu jikkritikaw lill-Kummissjoni b'allegat trasferiment tal-oneru tal-prova sabiex turi li l-iskambji ta' informazzjoni kienu neċessarji, u lanqas ma jistgħu jaffermaw li l-Kummissjoni bbażat il-konklużjoni tagħha fuq l-għan tal-imsemmija skambji meta mqabbel man-natura tagħhom "iktar iddettaljata jew

informattiva". Fil-fatt, mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta b'mod ċar li l-Kummissjoni kklassifikat bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" l-iskambji ta' informazzjoni minħabba n-natura kummerċjalment sensittiva tagħhom li kienet tnaqqas, jew saħansitra neħħiet, l-inċertezza fis-suq u, konsegwentement, affettwat l-awtonomija deċiżjonali tat-traders fis-suq inkwistjoni u li għalhekk kienu ta' livell suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni.

282 It-tielet nett, għandu jiġi kkonstatat li, minn naħa, il-letteratura ekonomika li jagħmlu riferiment għaliha r-rikorrenti insostenn tal-argumenti tagħhom, miġbura fil-qosor fil-punt 278 iktar 'il fuq, bl-ebda mod ma ssemmi l-ipoteżi ta' suq tal-kambji spot sabiex tikkorrobora l-argumenti tagħhom.

283 Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement iddeċidiet li l-fatt li l-Kummissjoni ma qisitx, fil-passat, li ftehim simili għall-ftehim kontenzjuż kien, minħabba l-għan tiegħu stess, restrittiv għall-kompetizzjoni ma huwiex ta' natura li jipprekludiha milli tagħmel dan fil-futur (sentenza tal-25 ta' Marzu 2021, Lundbeck vs Il-Kummissjoni, C-591/16 P, EU:C:2021:243, punt 130).

284 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma jistgħux jinvokaw b'mod utli l-assenza ta' kunsens ekonomiku sabiex jikkontestaw il-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni bħala "restrizzjoni minħabba l-għan". Għaldaqstant, l-argumenti tagħhom ippreżentati f'dan is-sens għandhom jiġu miċħuda.

285 Minn dan jirriżulta li r-raba' lment għandu jiġi miċħud.

5) Konklużjoni dwar l-ewwel parti tat-tielet motiv

286 Mill-eżami tal-ilmenti ppreżentati fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tieni motiv jirriżulta li, minkejja l-iżball tal-Kummissjoni dwar in-natura trasparenti tas-suq tal-kambji spot (ara l-punt 217 iktar 'il fuq), għandhom jiġi miċħuda l-argumenti tar-rikorrenti intiżi li jinvalidaw il-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" u, għaldaqstant, bla ħsara għall-eżami iktar 'il quddiem tal-argumenti bbażati fuq l-effetti favur il-kompetizzjoni tal-imsemmija skambji, għandha tiġi miċħuda l-ewwel parti tat-tieni motiv.

c) Fuq it-tieni parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq żbalji mwettqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-analiżi tan-natura leġittima jew favur il-kompetizzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni

287 Fil-premessi 464 sa 479 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni osservat, qabelxejn, li l-eventwali effetti favur il-kompetizzjoni ta' aġir setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-Artikolu 101(3) TFUE, iżda li Credit Suisse ma kinitx invokat l-applikabbiltà tal-imsemmi artikolu f'dan il-każ. Fi kwalunkwe każ, fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni bħala restrizzjonijiet anċillari, Credit Suisse ma stabbilixxiet la li s-suq tal-kambji spot ma setax jiffunzjona mingħajrhom, u lanqas ma wriet xi effett favur il-kompetizzjoni ta' dawn l-iskambji. Sussegwentement, il-Kummissjoni eżaminat, b'mod eżawrjenti, l-allegazzjonijiet ta' Credit Suisse dwar l-effetti favur il-kompetizzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni.

288 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni fakkret li l-fatt li l-aġir isegwi għan leġittimu ma jeskludix li dan l-aġir jista' jitqies li għandu għan li jirrestrinġi l-kompetizzjoni. Fil-fatt, għalkemm l-iskambju ta' informazzjoni seta' jnaqqas id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta u jtejjeb il-prezzijiet, teżisti

differenza fundamentali bejn tali skambju f'ċirku ristrett ta' traders f'forum ta' diskussjoni bħal f'dan il-każ u l-informazzjoni aċċessibbli għall-atturi kollha tas-suq. Issa, l-effetti favur il-kompetizzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni allegati mir-rikorrenti ma japplikawx għall-iskambju ta' informazzjoni f'ċirku magħluq, peress li l-kondiviżjoni tal-informazzjoni inkwistjoni ħolqot asimetrija ta' informazzjoni billi tat vantaġġ kompetittiv biss lill-parteċipanti fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-traders jistgħu jiddeċiedu li ma jnaqqsux il-prezzijiet, iżda li jżidu l-profitti tagħhom, peress li l-bonusijiet li huma jirċievu huma marbuta mal-profitt li jiġġeneraw.

289 L-ewwel nett, ir-rikorrenti jikkontestaw din l-evalwazzjoni billi jsostnu li l-Kummissjoni applikat kuntest ġuridiku żbaljat, peress li hija eżaminat l-argumenti tagħhom dwar in-natura leġittima u l-effetti favur il-kompetizzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni biss b'mod eżawrjenti. Billi pproċediet b'dan il-mod, hija qieset li n-natura favur il-kompetizzjoni tagħhom ma kinitx essenzjali għall-analiżi ġuridika tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni. Issa, fil-fehma tagħhom, jekk prattika miftiehma ssegwi għan leġittimu jew favur il-kompetizzjoni, hija ma tistax tiġi kklassifikata bħala ksur minħabba l-għan.

290 It-tieni nett, huma jikkritikaw lill-Kummissjoni li wettqet żball ta' evalwazzjoni tal-argumenti u tal-provi tagħhom fid-dawl tan-natura leġittima u favur il-kompetizzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni.

291 Fil-fatt, minn naħa, l-informazzjoni ġiet skambjata għal finijiet ta' informazzjoni sabiex tiġi trażmessa lill-klijenti u sabiex tippermetti lit-traders jevalwaw malajr ir-riskju marbut mal-inventarju u b'hekk inaqqsu d-differenzjali bejn it-talba u l-offerta proposti lill-klijenti.

292 Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni kisret ir-regoli li jirregolaw l-oneru tal-prova, sa fejn, meta aġir jippreżenta elementi atipiċi, ikun iktar faċli għal rikorrent li jikkonfuta l-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni billi jipproduċi l-prova ta' spjegazzjoni oħra possibbli. B'mod iktar ġenerali, ir-rikorrenti jsostnu li l-aġir inkwistjoni ma huwiex iġġustifikat mill-effetti favur il-kompetizzjoni tiegħu jew min-natura "leġittima" tiegħu, iżda li l-uniku għan tiegħu huwa leġittimu u favur il-kompetizzjoni.

293 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

294 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, waqt is-seduta quddiem il-Qorti Ġenerali, il-partijiet ġew mistoqsija dwar il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mis-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company (C-333/21, EU:C:2023:1011), fir-rigward tat-teħid inkunsiderazzjoni, f'dan il-każ, tal-effetti favur il-kompetizzjoni allegati mir-rikorrenti. F'dan ir-rigward, il-partijiet sostnew, essenzjalment, li l-effetti favur il-kompetizzjoni għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE. B'mod iktar partikolari, ir-rikorrenti qiesu li din is-sentenza tikkonferma l-pożizzjoni tagħhom li l-effetti favur il-kompetizzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni bħala elementi tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku li fil-kuntest tiegħu jsiru dawn l-iskambji. Il-Kummissjoni kkunsidrat li din l-istess sentenza tikkonferma l-analiżi magħmula fid-deċiżjoni kkontestata.

295 Dejjem preliminarjament, mistoqsija waqt is-seduta dwar ċerti argumenti dwar l-allegati effetti "leġittimi" mressqa fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti kkonfermaw li dawn l-effetti għandhom jinftiehmu bħala li jagħmlu parti mill-istess kuntest ekonomiku u ġuridiku u bħala li huma, bħala tali, rilevanti sabiex jinvalidaw il-klassifikazzjoni bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" tal-iskambji ta' informazzjoni.

296 Dan premess, għandu jitfakkar li, sabiex jiġi ddeterminat, f'każ partikolari, jekk ftehim, deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi jew prattika miftiehma jkunux jippreżentaw, min-natura tagħhom stess, livell suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni sabiex ikunu jistgħu jitqiesu li għandhom bħala għan il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, huwa neċessarju li jiġi eżaminat, l-ewwel nett, il-kontenut tal-ftehim, tad-deċiżjoni jew tal-prattika inkwistjoni, it-tieni nett, il-kuntest ekonomiku u ġuridiku li jagħmlu parti minnu u, it-tielet nett, l-għanijiet li huma intiżi li jilħqu (ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 165 u l-ġurisprudenza ċċitata).

297 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar ukoll, qabelxejn, fir-rigward tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku li fih jaqa' l-aġir ikkonċernat, hemm lok li tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tal-prodotti jew tas-servizzi kkonċernati kif ukoll il-kundizzjonijiet reali li jikkaratterizzaw l-istruttura u l-funzjonament tas-setturi jew tas-swieq inkwistjoni. Għall-kuntrarju, bl-ebda mod ma huwa neċessarju li jiġu eżaminati u *a fortiori* li jintwerew l-effetti ta' dan l-aġir fuq il-kompetizzjoni, kemm jekk ikunu reali jew potenzjali kif ukoll negattivi jew pożittivi (ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 166 u l-ġurisprudenza ċċitata).

298 Sussegwentement, f'dak li jirrigwarda l-għanijiet intiżi mill-aġir ikkonċernat, għandhom jiġu ddeterminati l-għanijiet oġġettivi li dan l-aġir huwa intiż li jilħaq fir-rigward tal-kompetizzjoni. Għall-kuntrarju, il-fatt li l-impriżi involuti aġixxew mingħajr l-intenzjoni suġġettiva li jipprevjenu, li jirrestringu jew li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-fatt li huma segwew ċerti għanijiet leġittimi ma humiex determinanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE (ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 167 u l-ġurisprudenza ċċitata).

299 Fl-aħħar nett, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi kollha msemmija fil-punti 296 sa 298 iktar 'il fuq għandu, fi kwalunkwe każ, juri r-raġunijiet preċiżi li għalihom l-aġir ikkonċernat huwa ta' livell suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni, li jiġġustifikaw li jitqies li dan għandu bħala għan il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tagħha (ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2023, European Superleague Company, C-333/21, EU:C:2023:1011, punt 168 u l-ġurisprudenza ċċitata).

300 Għandu jiġi rrilevat li mill-eżami tal-ewwel motiv u tal-ewwel parti tat-tieni motiv jirriżulta li l-Kummissjoni analizzat il-kontenut tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni, il-kuntest ekonomiku u ġuridiku tagħhom u l-għanijiet li dawn kienu intiżi li jilħqu u li hija spjegat għaliex it-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn l-elementi kollha kien wassalha sabiex tikkonkludi li dawn l-iskambji kellhom għan antikompetittiv, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 296 sa 299 iktar 'il fuq.

301 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 297 u 298 iktar 'il fuq, kuntrarjament għal dak li jallegaw il-partijiet, ma hemmx lok minn naħa, li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti favur il-kompetizzjoni bħala tali, sabiex jiġi evalwat jekk hemmx lok li l-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni jiġu kklassifikati bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan" skont l-Artikolu 101(1) TFUE, inkluż fil-kuntest ta' eventwali eżami

tal-eżistenza ta' livell ta' ħsara meħtieġ għall-finijiet ta' tali klassifikazzjoni. Min-naħa l-oħra, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-allegati għanijiet leġittimi ma huwiex determinanti fl-imsemmija evalwazzjoni.

302 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma jistgħux validament jikkritikaw lill-Kummissjoni bi żball ta' liġi bbażat fuq "l-applikazzjoni ta' kuntest ġuridiku żbaljat".

303 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni eżaminat fid-deċiżjoni kkontestata, fil-premessi 465 sa 479, l-argumenti ta' Credit Suisse bbażati fuq in-natura leġittima jew favur il-kompetizzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni. Għandu jiġi eżaminat jekk l-argumenti tar-rikorrenti jistgħux jikkontestaw il-fondatezza ta' din l-evalwazzjoni.

304 Fl-ewwel lok, fir-rigward tat-teorija ekonomika li jagħmlu riferiment għaliha r-rikorrenti fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, li sempliċement jindikaw li ż-żieda fl-effikaċja ta' impriża "jista'" jkollha effetti konsegwenzjali, essenzjalment, favorevoli, għandu jitqies li r-rabta bejn il-konklużjoni li tirriżulta minn din it-teorija ekonomika u l-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni ma tistax titqies li hija stabbilita, b'mod suffiċjenti fid-dritt. Barra minn hekk, l-allegazzjoni tar-rikorrenti tirriżulta kontrointuwittiva mill-perspettiva tal-loġika kummerċjali u tar-razzjonalità ekonomika tal-ġeneraturi tas-suq, sa fejn, meta ċirku ristrett ta' kompetituri li jaġixxu bħala ġeneraturi tas-suq ikollu informazzjoni addizzjonali fir-rigward tal-atturi l-oħra tas-suq, il-loġika ta' massimizzazzjoni tal-profitti tagħhom fid-dawl ta' din l-informazzjoni twassal iktar għal allinjament tal-offerti ta' prezzijiet lill-klijenti tagħhom u mhux sabiex jippproponu differenzjali iżgħar.

305 Kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, ebda wieħed mill-elementi tal-proċess ma jippermetti li jintwera li t-traders inkwistjoni kellhom l-intenzjoni li jippproponu differenzjali iktar baxxi lill-klijenti tagħhom fid-dawl tal-informazzjoni skambjata. F'dan ir-rigward, minn naħa, ir-rikorrenti jagħmlu riferiment għal skambju ta' informazzjoni tal-24 ta' Ġunju 2011 riprodott fl-Anness A.12. Fid-dawl tad-data tagħha qabel il-parteċipazzjoni ta' Credit Suisse fil-ksur inkwistjoni, dan għandu jiġi miċħud bħala irrilevanti.

306 Min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' eżempju ieħor li jinsab fl-Anness A.12, għandu jiġi kkonstatat li dan huwa tad-19 ta' Ġunju 2012, jum inkluż fil-perijodu rilevanti. L-ewwel nett, huwa juri li seħħ skambju bejn l-10:40 u 33 sekonda u l-10:41 u 38 sekonda li matulu t-trader ta' Credit Suisse talab informazzjoni mingħand trader ta' RBS li pparteċipa fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni dwar il-livell ta' differenzjal bejn it-talba u l-offerta applikabbli għal ammont ta' 50 miljun għal par muniti EUR/GBP ("whats spread 50 x these days"). Bi tweġiba għall-mistoqsija, it-trader ta' RBS indika d-differenzjal bejn it-talba u l-offerta applikabbli ("3"). It-trader ta' Credit Suisse irringrazzjah għal din l-informazzjoni ("yeh thats what I thought"; "ta mate").

307 It-tieni nett, minn skambju ieħor riprodott fl-Anness A.12, li seħħ bejn is-7:30 u 20 sekonda u s-7:30 u 47 sekonda fid-19 ta' Ġunju 2012 fuq forum ieħor ta' diskussjoni, jirriżulta li żewġ persuni skambjaw informazzjoni dwar differenzjal bejn it-talba u offerta applikabbli għal par muniti EUR/GBP ("50 eurgbp"; "sure", "42 46", "off", "ref"). F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jqisu li l-iskambju li seħħ bejn it-trader ta' Credit Suisse u t-trader ta' RBS, imsemmi fil-punt 306 iktar 'il fuq, probabbilment wassal lit-trader ta' Credit Suisse sabiex jippproponi differenzjali bejn it-talba u l-offerta iżgħir lil klijent ta' Credit Suisse. Madankollu, kif jirriżulta mill-elementi tal-proċess, l-iskambju bejn it-trader ta' Credit Suisse u dak ta' RBS seħħ wara l-iskambju fil-forum l-ieħor ta'

diskussjoni. Barra minn hekk, ebda element tal-proċess ma jippermetti li tiġi kkorroborata l-affermazzjoni tar-rikorrenti li dan l-iskambju għandu rabta mal-iskambju tat-trader ta' Credit Suisse u ta' dak ta' RBS.

308 Madankollu, anki li kieku kellu jitqies li dawn iż-żewġ eżempji ta' skambji ta' informazzjoni li jinsabu fl-Anness A.12 jikkonċernaw tnaqqis eventwali tad-differenzjali previsti mit-traders inkwistjoni, minn dan ma jistax jiġi dedott, b'mod suffiċjenti fid-dritt, li l-iskambji ta' informazzjoni dwar id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta bejn it-traders inkwistjoni kienu sistematikament ta' benefiċċju għall-klijenti, li kien ikun ippermetta li jiġu stabbiliti effetti leġittimi rilevanti u speċifiċi għall-prattika kkonċernata u suffiċjentement sinjifikattivi.

309 Għall-kuntrarju, ir-rikorrenti jirrikonoxxu huma stess fir-rikors li l-iskambju ta' informazzjoni f'forums ta' diskussjoni (barra mill-kuntest tat-tranżazzjonijiet potenzjali) jippermetti lit-traders jiġġestixxu r-riskju tat-tranżazzjonijiet u jiffissaw prezzijiet iktar preċiżi f'terminu qasir u, konsegwentement, inaqqsu r-riskju marbut mar-rwol tagħhom ta' ġeneraturi tas-suq.

310 Issa, għalkemm skambju ta' informazzjoni jista' effettivament iwassal għal żieda fl-effikaċja u jirrendi l-banek iktar effiċjenti, billi jippermettilhom b'mod partikolari li jipparagunaw il-prattiki rispettivi tagħhom u li jtejbu l-pożizzjonijiet tagħhom fis-suq, huwa ovvju li tali inizjattivi ma jiġġustifikawx l-użu ta' prattiki antikompetittivi, bħalma huma l-iskambju ta' informazzjoni kunfidenzjali u strateġika mill-perspettiva tad-dritt tal-kompetizzjoni, bħal, f'dan il-każ, dawk li jirrigwardaw differenzjali bejn it-talba u l-offerta, ordnijiet ta' klijenti, pożizzjonijiet ta' riskju u attivitajiet ta' kummerċ attwali jew ippjanati u pożizzjonijiet ta' traders kompetituri li jikkostitwixxu informazzjoni utli għall-iffissar tal-prezzijiet u għall-ġestjoni esperta tar-riskji, jiġifieri l-parametri li fid-dawl tagħhom tiġi stabbilita l-kompetizzjoni fis-suq tal-kambji spot.

311 B'mod iktar ġenerali, anki li kieku kellu jitqies li l-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni setgħu jkunu ta' benefiċċju għall-klijenti f'dak li jirrigwarda l-prezzijiet li kienu proposti lilhom, tali vantaġġ ma huwiex fih innifsu ta' natura li jinvalida n-natura suffiċjentement dannuża għall-kompetizzjoni ta' dawn l-iskambji. Fil-fatt, għandu jitfakkar ukoll li l-Artikolu 101 TFUE huwa intiż, l-istess bħar-regoli l-oħra tal-kompetizzjoni stabbiliti fit-Trattat, li jipproteġi mhux biss l-interessi diretti tal-konsumaturi, iżda wkoll dawk tal-kompetituri kif ukoll l-istruttura tas-suq u, għalhekk, il-kompetizzjoni bħala tali (sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 125). Issa, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma jissostanzjaw l-affermazzjoni tagħhom li l-iskambji ta' informazzjoni kienu ta' benefiċċju għas-suq b'mod iktar ġenerali.

312 Kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, l-oneru tal-prova li jaqa' fuq dawn tal-aħħar sabiex jippermetti li jinxteħet dubju raġonevoli fuq in-natura suffiċjentement dannuża tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni ma jista' jitnaqqas la fir-rigward tal-allegati elementi "atipiċi" ta' dawn l-iskambji, u lanqas fir-rigward tal-valur probatorju tal-provi li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, peress li dan il-valur u n-natura suffiċjenti ta' dawn il-provi ma ġewx ikkontestati mir-rikorrenti.

313 Fit-tieni lok, għandu jiġi kkonstatat li, insostenn tal-argument tagħhom imressaq fil-punti 290 sa 292 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti jagħmlu riferiment għar-rapporti ta' espert prodotti fl-Annessi A.5 u A.11 tar-rikors (iktar 'il quddiem, rispettivament, ir-"rapport ta' espert 1" u r-"rapport ta' espert 2").

314 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, il-valur probatorju, b'mod partikolari, tar-rapporti ppreżentati fuq talba ta' parti sabiex tissostanzja l-allegazzjonijiet tagħha minn terz li jinvoka l-kwalità ta' espert għandu jiġi evalwat f'diversi aspetti. Minn naħa, l-awtur tagħhom għandu jiżgura li jesponi l-kwalifiki u l-esperjenzi tiegħu u li jispjega kif dawn huma rilevanti sabiex jagħti opinjoni dwar il-kwistjoni eżaminata. Min-naħa l-oħra, il-kontenut ta' din l-opinjoni għandu jesponi r-raġunijiet għalfejn għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, kemm fir-rigward tal-affidabbiltà tal-metodoloġija użata kif ukoll tar-rilevanza tat-tweġiba mogħtija għal dik il-mistoqsija għall-finijiet ta' din il-kawża (sentenza tal-14 ta' Settembru 2022, Google u Alphabet vs Il-Kummissjoni (Google Android), T-604/18, taħt appell, EU:T:2022:541, punt 96

315 Issa, għar-raġunijiet esposti iktar 'il quddiem, il-kontenut tar-rapporti ta' espert ma jistax jissodisfa t-tieni rekwiżit indikat fil-punt 314 iktar 'il fuq u, għaldaqstant, jikkorrobora l-argumenti tar-rikorrenti.

316 L-ewwel nett, il-konklużjonijiet inklużi, b'mod partikolari, fir-rapport ta' espert 1, li jipprovdu li l-iskambju ta' informazzjoni bejn it-traders kienu jibbenefikaw direttament lill-klijenti, huma bbażati fuq artikli xjentifiċi li ma humiex ta' natura li jikkorroboraw il-veraċità tagħhom. Fil-fatt, is-siltiet tal-artikli, prodotti mir-rikorrenti matul il-proċedura amministrattiva quddiem il-Kummissjoni bi tweġiba għat-talba ta' kjarifika tagħha u anki quddiem il-Qorti Ġenerali, bl-ebda mod ma jikkonċernaw l-ipoteżi dwar l-effett allegatament favorevoli ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva, bħal f'dan il-każ, dwar id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta iktar stretti u wisq inqas dwar it-tnaqqis tal-prezzijiet proposti lill-klijenti. Konklużjoni identika tapplika fir-rigward ta' pubblikazzjoni ċċitata mir-rikorrenti, insostenn tar-rapport ta' espert 1, li, filwaqt li tistabbilixxi r-rabta bejn id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta iktar stretti u l-possibbiltà għal trader li jagħlaq il-pożizzjoni tiegħu bi spiża żgħira, bl-ebda mod ma tikkonkludi li teżisti rabta bejn l-iskambju ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva u l-prezzijiet iktar baxxi proposti lill-klijenti li, loġikament, huma l-uniċi ta' natura li jibbenefikaw lill-klijenti.

317 It-tieni nett, l-analiżi ppreżentata fir-rapporti tal-esperti 1 u 2 ma tikkonċernax l-ipoteżi f'dan il-każ, jiġifieri skambji ta' informazzjoni f'ċirku magħluq ta' traders, iżda tikkonċentra iktar fuq dikjarazzjonijiet ġenerali dwar l-iskambji ta' informazzjoni bejn traders fis-suq tal-kambji spot jew inkella ma tirrigwardax l-informazzjoni kunfidenzjali u strateġika li ġiet skambjata f'dan il-każ, iżda tirreferi għal informazzjoni ġenerali ("sentiment tas-suq", "differenzjali", "pożizzjonijiet relatati mal-ordnijiet tal-klijenti aggregati u anonimizzati"). B'mod iktar partikolari, ir-rapporti jagħmlu riferiment għat-traders li jiskambjaw informazzjoni fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni, b'mod partikolari sabiex jeskludu l-ipoteżi antikompetittiva minħabba l-ishma żgħar tas-suq miżmuma minn dawn tal-aħħar u mhux sabiex jikkonfermaw l-effetti, in-natura jew l-għan leġittimu tal-iskambji ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva f'ċirku ristrett ta' traders.

318 Kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, ir-rapport ta' espert 2, relattivament vag u mhux issostanzjat, ma huwa bbażat fuq ebda mudell ekonomiku li jippermetti li tiġi stabbilita n-natura leġittima tal-aġir li seħħ fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni meta l-informazzjoni skambjata ġiet skambjata fi grupp magħluq. Dan huwa *a fortiori* l-każ fir-rigward tar-rapport ta' espert 1 li ma huwa bbażat fuq ebda "apparat xjentifiku" ieħor li jista' jissostanzja l-affermazzjonijiet dwar l-allegata natura leġittima tal-iskambji ta' informazzjoni dwar il-klijenti jew dwar is-suq b'mod iktar ġenerali.

319 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma wrewx li l-iskambji ta' informazzjoni li seħħew fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni kienu ta' natura leġittima jew favur il-kompetizzjoni b'tali mod li setgħu jikkontestaw il-livell suffiċjenti tagħhom ta' ħsara għall-kompetizzjoni u, għaldaqstant, il-klassifikazzjoni tagħhom bħala "restrizzjoni minħabba l-għan". Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma wettqitx żball ta' evalwazzjoni meta ċaħdet l-argument imressaq lilha f'dan ir-rigward matul il-proċedura amministrattiva.

320 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, it-tieni parti tat-tieni motiv għandu jiġi miċħud.

321 Barra minn hekk, sa fejn fit-titolu ta' dan il-motiv ir-rikorrenti jinvokaw insuffiċjenza ta' motivazzjoni fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni online bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" u anki li kieku kellu jitqies li tali invokazzjoni, mhux issostanzjata, tista' tikkostitwixxi argument ammissibbli fis-sens tal-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma wettqet ebda ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE. Fil-fatt, mill-eżami ta' dan il-motiv jirriżulta li l-ispjegazzjonijiet ipprovduti fid-deċiżjoni kkontestata ppermettew lir-rikorrenti jifhmu r-raġunament tal-Kummissjoni dwar din il-klassifikazzjoni u lill-Qorti Ġenerali teżerċita l-istħarriġ tagħha f'dan ir-rigward, li jissodisfa r-rekwiżiti tal-imsemmija dispożizzjoni (ara s-sentenza tat-23 ta' Novembru 2023, Ryanair vs Il-Kummissjoni, C-210/21 P, EU:C:2023:908, punt 105 u l-ġurisprudenza ċċitata).

322 Konsegwentement, it-tieni motiv għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

3. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 101 TFUE u fuq l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni fir-rigward tal-klassifikazzjoni bħala ksur uniku u kontinwu adottata fid-deċiżjoni kkontestata

323 Permezz tat-tielet motiv, ir-rikorrenti jikkontestaw il-klassifikazzjoni bħala ksur uniku u kontinwu adottata fid-deċiżjoni kkontestata. Dan it-tielet motiv għandu jinqasam f'żewġ partijiet. L-ewwel parti hija bbażata fuq l-insuffiċjenza ta' provi u ta' motivazzjoni tal-eżistenza ta' pjan globali li jsegwi għan komuni li għalih Credit Suisse kellha l-intenzjoni li tikkontribwixxi, li hija kienet taf bih jew li kellha tipprevedi. It-tieni parti hija bbażata fuq żball ta' liġi dwar il-klassifikazzjoni tal-ftehim sottostanti bħala element tal-ksur uniku u kontinwu li jista' jkun is-suġġett ta' diversi livelli ta' parteċipazzjoni.

324 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE jista' jirriżulta mhux biss minn att individwali, iżda wkoll minn sensiela ta' atti jew minn aġir kontinwu, anki fil-każ li wieħed jew iktar minn dawn l-elementi ta' din is-sensiela ta' atti jew aġir kontinwu jistgħu fihom innifishom u individwalment, jikkostitwixxu ksur ta' din id-dispożizzjoni. Għalhekk, meta d-diversi elementi jkunu jagħmlu parti minn "pjan ġenerali", minħabba l-għan identiku tagħhom ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, il-Kummissjoni għandha d-dritt timputa r-responsabbiltà ta' dan l-aġir skont il-parteċipazzjoni fil-ksur ikkunsidrat fl-intier tiegħu (ara s-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2022, Sony Corporation u Sony Electronics vs Il-Kummissjoni, C-697/19 P, EU:C:2022:478, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

325 Impriża li tkun ipparteċipat f'tali ksur uniku u kontinwu bl-aġir tagħha stess, f'għamla ta' ftehim jew ta' prattika miftiehma b'għan antikompetittiv fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE u li kienu intiżi li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-ksur kollu kemm hu, tista' wkoll tkun responsabbli għall-aġir ta' impriżi oħrajn fil-kuntest tal-istess ksur għall-perijodu kollu tal-parteċipazzjoni

tagħha f'dan il-ksur. Dan huwa l-każ meta jiġi stabbilit li din l-impriża kienet biħsiebha tikkontribwixxi bl-aġir tagħha stess għall-għanijiet komuni tal-parteċipanti kollha u li hija kienet taf bl-aġir illeċitu maħsub jew implimentat minn impriżi oħra sabiex jintlaħqu l-istess għanijiet, jew li hija setgħet b'mod raġonevoli tipprevedihom u li hija kienet lesta li taċċetta r-riskju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2015, Fresh Del Monte Produce vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Fresh Del Monte Produce, C-293/13 P u C-294/13 P, EU:C:2015:416, punt 157 u l-ġurisprudenza ċċitata).

326 Għall-kuntrarju, jekk impriża tkun involuta direttament f'wieħed jew iktar mill-aġir antikompetittiv li jikkostitwixxu ksur uniku u kontinwu, iżda ma jkunx ġie stabbilit li, permezz tal-aġir tagħha stess, din riedet tikkontribwixxi għall-għanijiet komuni mfittxija mill-parteċipanti l-oħra fl-akkordju u li kienet taf bil-komponenti illegali kollha l-oħra previsti jew implimentati minn dawn il-parteċipanti fit-tfittxija li jintlaħqu dawn l-għanijiet komuni jew li raġonevolment setgħet tipprevedihom u li kienet lesta taċċetta r-riskju li joħolqu, il-Kummissjoni għandha tillimita ruħha li tattribwixxilha r-responsabbiltà biss għal dak l-aġir li kienet direttament ipparteċipat fih u fl-aġir previst jew implimentat mill-parteċipanti l-oħra fit-tfittxija sabiex jintlaħqu l-istess għanijiet bħal dawk imfittxija minnha, u għalhekk li hemm il-prova li hija kienet taf jew setgħet raġonevolment ipprevediethom u li kienet lesta li taċċetta r-riskju għalihom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2015, Fresh Del Monte Produce vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Fresh Del Monte Produce, C-293/13 P u C-294/13 P, EU:C:2015:416, punt 159 u l-ġurisprudenza ċċitata).

327 Madankollu, dan ma jwassalx għall-eżenzjoni ta' din l-impriża mir-responsabbiltà tagħha għall-aġir li pparteċipat fih jew li setgħet effettivament tinżamm responsabbli għalih. Fil-fatt, il-fatt li impriża ma tkunx ipparteċipat fl-elementi kollha li jikkostitwixxu akkordju jew li kellha rwol minuri fl-aspetti li fihom ipparteċipat ma huwiex rilevanti sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur min-naħa tagħha, peress li dawn l-elementi għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni biss meta tiġi evalwata l-gravità tal-ksur u, jekk ikun il-każ, meta tiġi ddeterminata l-multa (sentenza tas-6 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Verhuizingen Coppens, C-441/11 P, EU:C:2012:778, punt 45).

328 Barra minn hekk, sa fejn il-klassifikazzjoni bħala ksur uniku u kontinwu twassal li impriża tiġi imputata bil-parteċipazzjoni fi ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, għandu jitfakkar li, fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, fil-każ ta' tilwima dwar l-eżistenza ta' ksur, hija l-Kummissjoni li għandha tipproduċi l-prova tal-ksur li hija tikkonstata u li tistabbilixxi l-provi xierqa sabiex tipprova, b'mod suffiċjenti fid-dritt, l-eżistenza tal-fatti li jikkostitwixxu ksur (ara s-sentenzi tat-22 ta' Novembru 2012, E.ON Energie vs Il-Kummissjoni, C-89/11 P, EU:C:2012:738, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata u tat-28 ta' Novembru 2019, ABB vs Il-Kummissjoni, C-593/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2019:1027, punt 38).

329 Għalhekk mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 324 sa 328 iktar 'il fuq jirriżulta li tliet elementi huma determinanti sabiex jiġi konkluż li impriża pparteċipat fi ksur uniku u kontinwu. L-ewwel wieħed jirrigwarda l-eżistenza stess tal-ksur uniku u kontinwu. Fil-fatt, id-diversi tipi ta' aġir inkwistjoni għandhom jaqgħu taħt "pjan ġenerali" li jkollu għan uniku. It-tieni u t-tielet element jirrigwardaw l-imputabbiltà tal-ksur uniku u kontinwu għal impriża. Sabiex dan il-ksur ikun imputabbli lilha, din l-impriża għandha, minn naħa, tkun taf bl-aġir illegali previst jew implimentat minn impriżi oħra sabiex jintlaħqu l-istess għanijiet, jew setgħet raġonevolment tipprevedih u kienet lesta taċċetta r-riskju tiegħu u, min-naħa l-oħra, kellha l-intenzjoni li tikkontribwixxi bl-aġir tagħha stess għall-għanijiet komuni mfittxija mill-parteċipanti kollha.

a) Fuq l-ewwel parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq l-insuffiċjenza ta' provi u ta' motivazzjoni tal-eżistenza ta' pjan globali li jsegwi għan komuni li għalih Credit Suisse kellha l-intenzjoni li tikkontribwixxi, li hija kienet taf bih jew li kellha tipprevedi

330 Fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tielet motiv, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma pprovatx u ma mmotivatx b'mod suffiċjenti l-eżistenza ta' pjan globali li jsegwi għan antikompetittiv uniku, li għalih Credit Suisse kellha l-intenzjoni li tikkontribwixxi, li hija kienet taf bih jew li kellha tipprevedi.

1) Fuq l-eżistenza ta' "pjan globali" li jsegwi għan komuni

331 L-ewwel nett, fid-deċiżjoni kkontestata, fil-premessi 481 sa 484 u 488 sa 491, il-Kummissjoni ttrattat il-klassifikazzjoni bħala ksur uniku u kontinwu billi eżaminat l-eżistenza ta' pjan ġenerali li jsegwi għan komuni. Hija kkunsidrat, essenzjalment, li (i) l-iskambji ta' informazzjoni approfonditi u ripetuti, (ii) il-każijiet okkażjonali ta' koordinazzjoni u (iii) il-ftehim sottostanti kienu jikkostitwixxu l-imsemmi ksur li jsegwi għan komuni li jikkonsisti fit-tnaqqis tal-inċertezzi normali inerenti fis-suq tat-tranżazzjonijiet ta' kambju spot sabiex jitnaqqas ir-riskju u jingħata serħan il-moħħ lill-impriżi parteċipi dwar id-deċiżjonijiet tagħhom ta' ffissar tal-prezzijiet u ta' ġestjoni tar-riskji, u dan sabiex huma ma jikkompetux b'mod awtonomu. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' "pjan globali" intweriet permezz ta' elementi oġġettivi, jiġifieri l-"*modus operandi*" tal-forum ta' diskussjoni inkwistjoni u l-kontinwità tat-traders parteċipi kif ukoll tal-banek involuti.

332 Ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni bbażat l-eżistenza ta' pjan antikompetittiv globali fuq il-"*modus operandi*" tal-forum ta' diskussjoni inkwistjoni, jiġifieri li t-traders parteċipi kienu f'kuntatt regolari fil-forum "privat" u li l-parteċipazzjoni f'dan il-forum kienet "fuq stedina biss". Huma jsostnu li l-użu ta' forum ta' diskussjoni multilaterali kien komuni u magħruf sew fis-suq tal-kambji spot. In-natura "privata" ta' dawn il-forums tfisser biss li l-persuni setgħu jipparteċipaw fihom wara stedina minn amministratur, filwaqt li dan tal-aħħar jista' jkun kwalunkwe trader ieħor li jkollu aċċess għal forum Bloomberg. Huma jżidu li l-kompożizzjoni ta' dawn il-forums setgħet tinbidel ta' spiss u jikkontestaw l-affermazzjoni tal-Kummissjoni, li tinsab fil-premessa 497 tad-deċiżjoni kkontestata, fis-sens li jeżisti "livell għoli ta' kontinwità fil-parteċipazzjoni tal-persuni kkonċernati" għar-raġuni li ebda element tal-fajl tal-Kummissjoni ma jindika li t-traders kienu jikkostitwixxu "grupp magħluq". Barra minn hekk, huma jqisu li, minkejja li t-traders skambjaw l-informazzjoni skont mudell ta' komunikazzjoni "kważi ta' kuljum", tali mudell jikkorrispondi għal aġir ordinarju ta' ġenerazzjoni ta' suq li ma jippermettix, għalhekk, li tiġi tintwera l-eżistenza ta' "pjan globali".

333 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

334 Għandu jitfakkar li diversi kriterji ġew identifikati mill-ġurisprudenza bħala rilevanti sabiex tiġi evalwata n-natura unika tal-ksur, jiġifieri l-identiċità tal-għanijiet tal-prattiki inkwistjoni, l-identiċità tal-prodotti u tas-servizzi kkonċernati, l-identiċità tal-impriżi li ħadu sehem fih u l-identiċità tal-metodi tal-implimentazzjoni tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Siemens *et* vs Il-Kummissjoni, C-239/11 P, C-489/11 P u C-498/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:866, punt 243; ara wkoll is-sentenza tas-17 ta' Mejju 2013, Trelleborg Industrie u Trelleborg vs Il-Kummissjoni, T-147/09 u T-148/09, EU:T:2013:259, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, l-identiċità tal-persuni fiżiċi involuti f'isem impriżi u l-identiċità tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografika tal-prattiki inkwistjoni huma elementi li jistgħu

jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet ta' dan l-eżami (sentenza tas-17 ta' Mejju 2013, Trelleborg Industrie u Trelleborg vs Il-Kummissjoni, T-147/09 u T-148/09, EU:T:2013:259, punt 60).

335 F'dan ir-rigward, mill-konstatazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, ibbażati, b'mod partikolari, fuq diskussjonijiet li seħħew qabel u matul il-perijodu ta' parteċipazzjoni ta' Credit Suisse fil-ksur inkwistjoni, jirriżulta li, matul dan il-perijodu, l-għan imfittex mill-aġir l-ieħor li jikkostitwixxi, skont il-Kummissjoni, il-ksur uniku u kontinwu, jiġifieri, b'mod partikolari, il-każijiet okkażjonali ta' koordinazzjoni u l-ftehim sottostanti, kien jikkonsisti, essenzjalment, fit-tnaqqis tal-inċertezzi normali inerenti fis-suq tat-tranżazzjonijiet ta' kambju spot, b'tali mod li jingħata serħan il-moħħ lit-traders fid-deċiżjonijiet tagħhom ta' ffissar ta' prezzijiet u ta' ġestjoni tar-riskji, fatt li r-rikorrenti ma jikkontestawx. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punti 235 sa 254 iktar 'il fuq, l-iskambji ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva, li fihom ipparteċipat Credit Suisse, kellhom dan l-istess għan.

336 Barra minn hekk, id-diskussjonijiet li saru, b'mod partikolari, matul il-perijodu ta' parteċipazzjoni ta' Credit Suisse jissostanzjaw l-evalwazzjonijiet magħmula fid-deċiżjoni kkontestata li, essenzjalment, elementi oġġettivi kienu jikkonfermaw li l-aġir antikompetittiv adottat mill-parteċipanti kien marbut u li dan l-aġir kien jikkontribwixxi għall-pjan ġenerali li jsegwi l-għan antikompetittiv deskritt mill-Kummissjoni.

337 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, l-ewwel nett, l-aġir inkwistjoni kien isegwi l-istess modalitajiet ta' funzjonament ("*modus operandi*"), jiġifieri diskussjonijiet dwar l-informazzjoni kummerċjalment sensittiva, ta' kuljum u frekwenti fi ħdan il-forum ta' diskussjoni inkwistjoni. Barra minn hekk, dan l-aġir seħħ f'forum ta' diskussjoni "privat". Fil-fatt, ir-rikorrenti ma jikkontestawx, kif ikkonfermaw waqt is-seduta, li l-aċċess għall-forum ta' diskussjoni inkwistjoni kien jingħata biss fuq stedina personali (ara, pereżempju, il-premessi 107 u 111 tad-deċiżjoni kkontestata).

338 It-tieni nett, l-aġir inkwistjoni kien jinvolvi grupp ta' impriżi stabbli, jiġifieri Barclays, HSBC, RBS u UBS, u kien jiżvolġi bejn l-istess persuni fiżiċi involuti għan-nom ta' dawn l-impriżi matul perijodi paralleli jew adjaċenti. Dan il-grupp ġie estiż ladarba t-trader ta' wieħed minn dawn il-banek biddel l-impjieg u beda jaħdem ma' Credit Suisse, ħaġa li wasslet għall-parteċipazzjoni ta' din tal-aħħar fl-iskambji ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni matul il-perijodu rilevanti kollu.

339 Issa, l-argument tar-rikorrenti, vag u mhux iddettaljat, intiż sempliċement sabiex "jiġġustifika" l-aġir li seħħ fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni permezz tal-allegata natura normali u magħrufa sew tal-użu tal-forums ta' diskussjoni multilaterali jew anki n-natura ordinarja allegata tal-mudell tal-komunikazzjonijiet ta' kuljum, bl-ebda mod ma jinvalida l-konstatazzjoni li kien hemm grupp privat u stabbli ta' persuni u ta' impriżi li jipparteċipaw fl-iskambji inkwistjoni.

340 Barra minn hekk, anki li kieku kellu jiġi preżunt li t-traders parteċipi huma membri ta' forums ta' diskussjoni oħra, peress li l-forums ta' diskussjoni jintużaw ħafna fis-suq tal-kambji spot, jew ukoll li l-kompożizzjoni ta' dawn il-forums tinbidel ta' spiss, xorta jibqa' l-fatt li l-iskambji kollha ta' informazzjoni analizzati fid-deċiżjoni kkontestata jippermettu li tiġi stabbilita l-identiċità tat-traders parteċipi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni matul it-tul tal-ksur.

341 It-tielet nett, l-eżistenza ta' pjan ġenerali li jsegwi għan antikompetittiv uniku hija kkonfermata wkoll minn elementi oħra tal-atti tal-proċess. Kif jirriżulta mill-provi kontemporanji kollha miġbura mill-Kummissjoni, l-aġir inkwistjoni kien kollu jirrigwarda l-istess prodotti, jiġifieri l-muniti G10. Din l-evalwazzjoni tintwera minn diversi diskussjonijiet analizzati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata fis-sens li, matul l-istess jum, l-istess traders wettqu skambji ta' informazzjoni dwar l-imsemmija muniti (ara, pereżempju, id-diskussjonijiet invokati fil-punti 92, 101 u 132 iktar 'il fuq).

342 Issa, peress li l-elementi elenkati fil-punti 337 sa 341 iktar 'il fuq huma rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk aġir jaqax taħt pjan ġenerali u jikkostitwixxix ksur uniku skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 334 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ġustament ikkonkludiet li kien hemm pjan globali li jsegwi għan komuni.

343 Barra minn hekk, fir-rigward tal-allegati raġunijiet leġittimi u favur il-kompetizzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni, sa fejn dawn jirrepetu l-argumenti mressqa fil-kuntest tat-tieni parti tat-tielet motiv analizzata iktar 'il fuq, isir riferiment għar-raġunament espost fil-punti 287 sa 319 iktar 'il fuq sabiex jiġu miċħuda għal dawn l-istess raġunijiet.

344 Għaldaqstant, għandu jiġi miċħud l-argument tar-rikorrenti intiż li jinvalida l-konklużjoni tal-Kummissjoni relatata mal-eżistenza ta' pjan globali li jsegwi għan komuni.

2) Fuq l-għarfien u l-intenzjoni li jingħata kontribut għall-għan komuni segwit

345 Fil-premessi 500 sa 505 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni eżaminat l-intenzjoni ta' Credit Suisse li tikkontribwixxi għall-għan komuni u l-għarfien tagħha tal-aġir tal-parteċipanti l-oħra li jikkostitwixxi ksur. Hija qieset, essenzjalment, minn naħa, li t-trader tagħha kellu l-intenzjoni li jikkontribwixxi għal dan l-għan sa fejn kien jirċievi u jipprovdi informazzjoni kummerċjalment sensittiva fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, li huwa kien jaf bl-iskambji ta' informazzjoni u bil-ftehim sottostanti u kellu għarfien jew, fi kwalunkwe każ, kellu raġonevolment jipprevedi l-fatt li l-iskambji ta' informazzjoni kienu jippermettu lit-traders jidentifikaw l-opportunitajiet ta' koordinazzjoni. Fil-kunsiderazzjonijiet 507 sa 538 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ikkonfutat diversi argumenti ta' Credit Suisse.

346 Fl-aħħar nett, fir-rigward tar-responsabbiltà ta' Credit Suisse għall-ksur uniku u kontinwu, fil-premessi 539 sa 547 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni eskludiet ir-responsabbiltà tagħha f'dak li jirrigwarda l-ftehim sottostanti u l-każijiet okkażjonali ta' koordinazzjoni, iżda madankollu żammitha responsabbli għal skambji estensivi u ripetuti ta' informazzjoni attwali jew prospettiva u kummerċjalment sensittiva, li kienu jagħmlu parti mill-imsemmi ksur.

347 Ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni kkonkludiet li t-trader tagħhom kien jaf b'għan antikompetittiv, jew saħansitra bi pjan globali antikompetittiv abbażi, minn naħa, tal-konstatazzjonijiet li jipprovdu li d-diskussjonijiet jagħtu x'jifhem li l-imsemmi trader kien jaf l-identità tal-amministratur u tal-membri tal-forum ta' diskussjoni inkwistjoni (premessa 527 tad-deċiżjoni kkontestata), li huwa ssejjaħ bil-laqam tiegħu meta rreġistra ruħu mill-ġdid mal-imsemmi forum ta' diskussjoni (premessa 525 tad-deċiżjoni kkontestata), li ma hijiex koinċidenza li huwa ngħaqad ma' dan il-forum jew li ġie mistieden (premessa 155 tad-deċiżjoni kkontestata), li huwa wettaq l-istess prattiki minn meta ngħaqad ma' dan il-forum jew li kellu jinduna li s-suġġett u r-regoli ta' dan il-forum baqgħu l-istess (premessa 521 tad-deċiżjoni kkontestata) u, min-naħa l-oħra, tal-proposta ta' riżolviment ta' bank ieħor, mhux destinatarju tad-deċiżjoni kkontestata, li t-trader ta' Credit Suisse kien impjegat tiegħu preċedentement. F'dan

ir-rigward, huma jsostnu li l-Kummissjoni wettqet żball ta' liġi meta bbażat ruħha fuq provi ta' diskussjonijiet u l-proposta ta' riżolviment ta' bank ieħor li jippreċedu l-perijodu ta' parteċipazzjoni ta' Credit Suisse fil-ksur.

348 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

349 Fl-ewwel lok, minn naħa, għandu jiġi rrilevat li l-parti l-kbira tal-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni li jinsabu fil-premessi tad-deċiżjoni kkontestata msemmija fil-punt 347 iktar 'il fuq huma bbażati fuq id-diskussjonijiet tas-7 ta' Frar 2012 li għalhekk seħħew matul il-perijodu rilevanti. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni qieset, ġustament, fil-premessa 519 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-impjieg preċedenti tat-trader ta' Credit Suisse kien jagħmel parti mill-kuntest u li hija setgħet tieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tistabbilixxi li Credit Suisse kienet taf bil-ksur. Fil-fatt, kif irrilevat il-Kummissjoni fir-risposta tagħha, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-avvenimenti li seħħew barra mill-perijodu tal-ksur allegat fil-konfront ta' impriża huma elementi li jagħmlu parti mis-sensiela ta' indizji li l-Kummissjoni tista' tinvoka sabiex tipprova n-natura antikompetittiva tal-aġir ta' din l-impriża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Frar 2012, Denki Kagaku Kogyo u Denka Chemicals vs Il-Kummissjoni, T-83/08, mhux ippubblikata, EU:T:2012:48, punt 188).

350 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li l-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' ksur uniku u kontinwu hija distinta mill-kwistjoni dwar jekk ir-responsabbiltà għal dan il-ksur fl-intier tiegħu hijiex imputabbli lil impriża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni, C-99/17 P, EU:C:2018:773, punt 174). Barra minn hekk, l-imputabbiltà lil impriża tal-ksur uniku u kontinwu fl-intier tiegħu għandha tiġi evalwata fid-dawl ta' żewġ elementi, jiġifieri, l-ewwel nett, il-kontribuzzjoni intenzjonali tal-imsemmija impriża għall-għanijiet komuni mfittxija mill-parteċipanti kollha u, it-tieni nett, l-għarfien tagħha tal-aġir li jikkostitwixxi ksur previst jew implimentat minn impriżi oħra sabiex jintlaħqu l-istess għanijiet jew il-fatt li hija setgħet raġonevolment tipprevedih u kienet lesta taċċetta r-riskju ta' dan il-ksur (ara l-punti 324 sa 329 iktar 'il fuq).

351 F'dan il-każ, fid-dawl tal-kliem espliċitu tal-premessi 543, 545 u 547 tad-deċiżjoni kkontestata, moqrija flimkien mad-dispożittiv tal-imsemmija deċiżjoni, għandu jiġi kkunsidrat li, kif ikkonfermat il-Kummissjoni waqt is-seduta bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali, hija ma timputax ir-responsabbiltà għall-ksur uniku u kontinwu kollu kemm hu lil Credit Suisse, iżda timputalha r-responsabbiltà għal dan il-ksur sa fejn hija pparteċipat f'wieħed mill-elementi kostituttivi tiegħu, jiġifieri l-iskambji estensivi u ripetuti ta' informazzjoni attwali jew prospettiva u kummerċjalment sensittiva.

352 Issa, peress li Credit Suisse ma nżammitx responsabbli għall-ksur inkwistjoni fl-intier tiegħu, iżda sa fejn hija pparteċipat f'wieħed mill-elementi kostituttivi tiegħu, bl-ebda mod ma huwa neċessarju, f'dan il-każ, li jiġi analizzat jekk hija kinitx taf bl-aġir kollużiv tal-membri l-oħra ta' dan il-ksur u jekk kellhiex l-intenzjoni tikkontribwixxi bl-aġir tagħha stess għall-għanijiet komuni mfittxija mill-parteċipanti kollha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni, C-99/17 P, EU:C:2018:773, punt 177).

353 Għaldaqstant, minn dan jirriżulta li l-parti tad-deċiżjoni kkontestata ddedikata għall-"intenzjoni li tikkontribwixxi għall-għan komuni u [għall-]għarfien" ma taffettwa bl-ebda mod l-imputabbiltà lil Credit Suisse tal-ksur allegat. Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma jistgħux jikkontestaw b'mod utli l-fondatezza tal-motivi ta' din il-parti sabiex jikkontestaw l-imsemmija imputabbiltà.

3) Fuq it-tbegħid mill-iskambji ta' informazzjoni

354 Fil-premessi 529 sa 533 tad-deċiżjoni kkontestata, bi tweġiba għall-argumenti ta' Credit Suisse mressqa matul il-proċedura amministrattiva, il-Kummissjoni kkunsidrat li t-trader ta' dan il-bank mhux biss ma tbegħidx mill-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni, iżda reġa' beda jipparteċipa fihom wara li ġie rreklutat minn Credit Suisse.

355 Fil-kuntest tal-argument tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni kkritikat b'mod żbaljat lit-trader ta' Credit Suisse li ma tbegħidx mill-iskambji ta' informazzjoni mwettqa fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni sabiex jevita r-responsabbiltà tiegħu. Huma jqisu li t-traders kienu awtomatikament konnessi mal-fora ta' diskussjoni kollha li kienu membri tagħhom waqt il-konnessjoni tagħhom mas-sistema Bloomberg, mingħajr madankollu ma' l-għarfien tad-diskussjonijiet li t-trader ma pparteċipax fihom jista' jiġi dedott minn din il-konnessjoni biss.

356 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

357 F'dan ir-rigward, f'dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni tistax tqis bħala prova ta' aġir antikompetittiv diskussjonijiet li seħħew fil-kuntest ta' forum ta' diskussjoni li miegħu impriża kkonċernata kienet konnessa, iżda li fihom hija ma pparteċipatx b'mod attiv, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-metodi passivi ta' parteċipazzjoni fi ksur, bħalma hija l-preżenza ta' impriża f'laqgħat li matulhom ġew konklużi ftehimiet ta' natura antikompetittiva, mingħajr ma opponiethom manifestament, jirriflettu kompliċità li hija ta' natura li tistabbilixxi r-responsabbiltà tagħha fil-kuntest tal-Artikolu 101(1) TFUE, peress li l-approvazzjoni taċita ta' inizjattiva illegali, mingħajr ma titbiegħed pubblikament mill-kontenut tagħha jew mingħajr ma tirrapportaha lill-entitajiet amministrattivi, għandha l-effett li tinkoraġġixxi t-tkomplija tal-ksur u li tikkompromietti l-iskoperta tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2015, AC-Treuhand vs Il-Kummissjoni, C-194/14 P, EU:C:2015:717, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

358 Ċertament, in-natura tal-ksur inkwistjoni, li ħa l-forma ta' kuntatti multilaterali bejn id-diversi atturi fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni, ma tistax titqies bħala "parteċipazzjoni" f'"laqgħa" fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 357 iktar 'il fuq. Madankollu, ir-rikorrenti ma jinvokawx motivi li jostakolaw it-traspożizzjoni ta' din il-ġurisprudenza għal diskussjonijiet li saru fil-kuntest ta' fora ta' diskussjoni online. Fil-fatt, il-fatt li t-traders tal-banek involuti fil-fatti ma humiex fiżikament preżenti, iżda huma biss konnessi mill-bogħod mal-forum ta' diskussjoni inkwistjoni li fih seħħew l-iskambji kontenzjużi huwa irrilevanti, peress li, kif jirriżulta mill-punti 77 sa 173 iktar 'il fuq, il-kontenut ta' dawn l-iskambji jirriżulta antikompetittiv.

359 Barra minn hekk, sa fejn għandu jinftiehem li permezz tar-riferiment għas-sentenzi tat-30 ta' Novembru 2011, Quinn Barlo *et* vs Il-Kummissjoni (T-208/06, EU:T:2011:701, punt 51), u tal-10 ta' Ottubru 2014, Soliver vs Il-Kummissjoni (T-68/09, EU:T:2014:867, punt 105), ir-rikorrenti jipprovaw jikkontestaw l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza dwar ir-rekwiżit ta' tbegħid pubbliku meta n-natura antikompetittiva ta' dawn l-iskambji ma tkunx ġiet stabbilita, dan għandu jiġi miċħud bħala infondat. Fil-fatt, għar-raġunijiet indikati fil-punti 77 sa 173 iktar 'il fuq, in-natura antikompetittiva tal-iskambji inkwistjoni ntweriet mill-Kummissjoni.

360 Għalhekk, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kellha raġun tqis li Credit Suisse kienet taf bl-iskambji li kienu seħħew fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni li miegħu t-trader tagħha kien konness, minkejja li dan ma kienx ipparteċipa b'mod attiv f'ċerti skambji analizzati fid-deċiżjoni kkontestata. Għaldaqstant, fl-assenza ta' tbegħid pubbliku jew ta' rapport lill-entitajiet amministrattivi tal-prattiki kkonċernati, setgħet tiġi kkonstatata r-responsabbiltà ta' Credit Suisse.

361 Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti biss li kieku r-rikorrenti kienu f'pożizzjoni li juru, permezz ta' provi ċerti u preċiżi mil-lat kronoloġiku, li Credit Suisse ma kinitx effettivament saret taf bl-iskambju jew skambji inkriminati jew saret taf bihom biss f'terminu tali li l-informazzjoni inkluża f'dawn l-iskambji kienet tilfet in-natura sensittiva tagħha.

362 F'dan ir-rigward, ebda prova f'dan is-sens ma ġiet prodotta mir-rikorrenti, li sempliċement isostnu li minn iktar minn 100 skambju analizzati fid-deċiżjoni kkontestata, 36 jikkorrispondu għal każijiet fejn it-trader ta' Credit Suisse (i) ma kienx konness, (ii) ma kienx attiv u (iii) ma kienx impjegat minn Credit Suisse, mingħajr madankollu ma sar riferiment għal ebda skambju ta' informazzjoni konkret. Issa, tali allegazzjonijiet, mhux issostanzjati u diretti b'mod ġenerali u indeterminat kontra s-36 skambju analizzati fl-imsemmija deċiżjoni, ma jippermettux li tiġi kkontestata l-konklużjoni tal-Kummissjoni li dan it-trader ipparteċipa fl-iskambji kollha ta' informazzjoni analizzati fid-deċiżjoni kkontestata għall-perijodu rilevanti u, għaldaqstant, il-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar ir-responsabbiltà ta' Credit Suisse minħabba din il-parteċipazzjoni.

363 Għalhekk, il-konklużjoni tal-Kummissjoni għandha titqies li ma hijiex żbaljata u l-argumenti tar-rikorrenti mressqa fir-rigward tagħha għandhom jiġu miċħuda.

364 B'mod addizzjonali, sa fejn ir-rikorrenti jinvokaw fit-titolu ta' dan il-motiv u f'dak ta' din il-parti kif ukoll fl-introduzzjoni ta' din il-parti, insuffiċjenza ta' motivazzjoni, essenzjalment, fir-rigward tal-klassifikazzjoni bħala ksur uniku u kontinwu adottata fid-deċiżjoni kkontestata u anki li kieku kellu jitqies li tali invokazzjoni, mhux issostanzjata, tista' tikkostitwixxi argument ammissibbli fis-sens tal-Artikolu 76(d) tar-Regoli tal-Proċedura, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma wettqet ebda ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE. Fil-fatt, mill-eżami ta' dan il-motiv jirriżulta li l-ispjegazzjonijiet ipprovduti fid-deċiżjoni kkontestata ppermettew lir-rikorrenti jifhmu r-raġunament tal-Kummissjoni dwar din il-klassifikazzjoni u lill-Qorti Ġenerali teżerċita l-istħarriġ tagħha f'dan ir-rigward, li jissodisfa r-rekwiżiti tal-imsemmija dispożizzjoni (ara s-sentenza tat-23 ta' Novembru 2023, Ryanair vs Il-Kummissjoni, C-210/21 P, EU:C:2023:908, punt 105 u l-ġurisprudenza ċċitata).

365 Għaldaqstant, l-ewwel parti tat-tielet motiv għandha tiġi miċħuda.

b) Fuq it-tieni parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq żball ta' liġi fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-ftehim sottostanti bħala element tal-ksur uniku u kontinwu li jista' jkun is-suġġett ta' diversi livelli ta' parteċipazzjoni

366 Fil-kuntest tat-tieni parti tat-tielet motiv, ir-rikorrenti jsostnu, essenzjalment, li l-ftehim sottostanti ma jikkostitwixxix tip ta' aġir distint mill-iskambju ta' informazzjoni li għalih Credit Suisse setgħet ipparteċipat parzjalment, iżda jikkostitwixxi l-"*modus operandi*" tal-ksur allegat. Huma jikkonkludu li l-Kummissjoni wettqet żball, jew saħansitra kkontradixxiet lilha nnifisha meta qieset li l-fatt li ma ħaditx sehem fil-ftehim sottostanti u fil-każijiet okkażjonali ta' koordinazzjoni ma jbiddilx il-konklużjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' Credit Suisse fi skambji ta' informazzjoni.

367 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

368 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, fil-kuntest tat-tieni parti tat-tielet motiv, ir-rikorrenti jtennu, b'mod limitat u b'riferiment għall-argumenti esposti fil-kuntest tal-ewwel motiv, l-allegazzjoni tagħhom dwar, essenzjalment, l-assenza ta' awtonomija tal-iskambji ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehim sottostanti. Issa, din l-allegazzjoni għandha tiġi miċħuda għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punti 48 sa 59 iktar 'il fuq.

369 Madankollu, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni stabbilixxiet korrettament li l-ftehim sottostanti u l-iskambji ta' informazzjoni kienu jikkostitwixxu elementi distinti tal-ksur uniku u kontinwu, li ġie implimentat mill-istess modalitajiet ta' funzjonament ("*modus operandi*"), jiġifieri diskussjonijiet dwar informazzjoni kummerċjalment sensittiva, ta' kuljum u frekwenti fi ħdan il-forum ta' diskussjoni inkwistjoni (ara l-punti 334 sa 342 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, mill-provi ċċitati fid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li t-trader ta' Credit Suisse pparteċipa fl-iskambji ta' informazzjoni li seħħew fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni, fatt li r-rikorrenti jammettu espliċitament fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, anki jekk biss għall-parti l-kbira ta' dawn l-iskambji.

370 Għalhekk, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-iskambji estensivi u ripetuti ta' informazzjoni attwali jew prospettiva u kummerċjalment sensittiva, analizzata fid-deċiżjoni kkontestata, l-iżball ta' klassifikazzjoni mwettaq mill-Kummissjoni dwar id-diskussjoni tad-9 ta' Mejju 2012, analizzat fil-premessa 276 tad-deċiżjoni kkontestata (ara l-punti 107 sa 117 iktar 'il fuq), ma jaffettwax il-konklużjoni tal-Kummissjoni li Credit Suisse ipparteċipat fil-ksur uniku u kontinwu.

371 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti ma jikkontestawx in-natura kontinwa tal-ksur uniku. Matul is-seduta, huma madankollu indikaw li, fid-dawl tal-fatt li ċerti skambji ta' informazzjoni, li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, ma jippermettux li tiġi pprovata l-eżistenza tal-ksur uniku u kontinwu, tali konstatazzjoni għandha twassal ukoll lill-Qorti Ġenerali sabiex tanalizza n-natura kontinwa tal-akkordju globali li allegatament jagħmlu parti minnu dawn l-iskambji ta' informazzjoni. Issa, peress li ma tressaqx fil-kuntest tar-rikors, kif sostniet, essenzjalment, il-Kummissjoni waqt is-seduta, tali argument tar-rikorrenti, li ma huwiex ibbażat fuq punti ta' fatt jew ta' liġi li ħarġu matul il-proċedura u li ma jistax jinftiehem bħala li jikkostitwixxi l-amplifikazzjoni tal-argument tagħha żviluppat insostenn tat-tielet motiv, huwa tardiv u, għaldaqstant, inammissibbli, skont l-Artikolu 84(1) tar-Regoli tal-Proċedura li jipprojbixxi, essenzjalment, it-tressiq ta' argumenti ġodda fil-mori tal-kawża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2020, Fakro vs Il-Kummissjoni, T-515/18, mhux ippubblikata, EU:T:2020:620, punt 92).

372 Għaldaqstant, għandha tiġi approvata l-konklużjoni tal-Kummissjoni li Credit Suisse pparteċipat fil-ksur uniku u kontinwu, sa fejn huma kkonċernati l-iskambji ta' informazzjoni.

373 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tieni parti tat-tielet motiv għandha tiġi miċħuda u, għaldaqstant, dan il-motiv għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

4. Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba

374 Fil-kuntest tal-ħames motiv tagħhom, ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni kisret, essenzjalment, il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Huma jsostnu li l-Kummissjoni naqset mill-obbligu tagħha li twettaq investigazzjoni imparzjali u diliġenti fuq il-provi li jinsabu fil-fajl, billi bbażat ruħha fuqhom u fuq id-dikjarazzjonijiet ta' terzi fil-proċedura ibrida b'mod selettiv, li hija ma tistax tiġġustifika bl-allegat trattament tagħha ta' diversi kawżi finanzjarji.

375 Barra minn hekk, il-prinċipju ta' evalwazzjoni libera tal-provi ma għandux jinftiehem bħala li jfisser li l-interpretazzjoni tal-provi mogħtija mill-Kummissjoni hija determinanti, peress li dan ikun manifestament inkompatibbli mad-drittijiet tad-difiża ta' Credit Suisse. Mill-prinċipju li jipprovdi li l-preżunzjoni ta' innoċenza tagħti lir-rikorrent il-benefiċċju tad-dubju jirriżulta li, fl-eżistenza ta' provi li ma humiex affidabbli, l-oneru fuq dan tal-aħħar li jipproduċi l-provi li jikkonfutaw l-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni jkun ukoll dgħajjef.

376 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma osservatx l-obbligi tagħha li teżamina b'mod kritiku l-informazzjoni pprovduta fil-kuntest tal-proċedimenti ta' riżolviment, minn naħa, u ma wettqitx "eżami mill-ġdid *de novo* tal-provi għad-dispożizzjoni tagħha, skont il-prinċipju ta' "*tabula rasa*" fil-kuntest ta' proċedura ordinarja, min-naħa l-oħra. Il-Kummissjoni lanqas ma eżerċitat korrettament is-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha, li tippermettilha tiddetermina l-opportunità li tadotta miżuri ta' investigazzjoni addizzjonali.

377 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argument tar-rikorrenti.

378 Skont l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, dwar id-"dritt għal amministrazzjoni tajba", kull persuna għandha d-dritt, b'mod partikolari, li l-kawżi tagħha jinstemgħu b'mod imparzjali mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dan ir-rekwiżit ta' imparzjalità jkopri, minn naħa, l-imparzjalità suġġettiva, fis-sens li ebda membru tal-istituzzjoni kkonċernata li jkun responsabbli mill-każ ma għandu juri li ħa pożizzjoni jew li għandu preġudizzju personali u, min-naħa l-oħra, l-imparzjalità oġġettiva, fis-sens li l-istituzzjoni għandha toffri garanziji suffiċjenti sabiex jiġi eskluż f'dan ir-rigward kull dubju leġittimu (ara s-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Ziegler vs Il-Kummissjoni, C-439/11 P, EU:C:2013:513, punt 155 u l-ġurisprudenza ċċitata).

379 Fost il-garanziji mogħtija mid-dritt tal-Unjoni fil-proċeduri amministrattivi, marbuta mal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, hemm l-obbligu għall-istituzzjoni kompetenti li teżamina, bir-reqqa u b'imparzjalità, l-elementi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni (ara s-sentenza tas-27 ta' Settembru 2012, Shell Petroleum *et* vs Il-Kummissjoni, T-343/06, EU:T:2012:478, punt 170 u l-ġurisprudenza ċċitata).

380 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li għalkemm ir-rikorrenti jinvokaw ksur tad-drittijiet tad-difiża fil-kuntest ta' dan il-motiv, huma ma jressqu ebda argument konkret f'dan ir-rigward. Fil-fatt, l-argument tagħhom jidher li huwa minflok ibbażat fuq konfużjoni bejn l-osservanza, mill-Kummissjoni, tar-rekwiżit ta' imparzjalità oġġettiva, minn naħa, u l-opportunità li jkunu jistgħu effettivament jiddefendu ruħhom fil-mument meta l-ilmenti tal-Kummissjoni ġew indirizzati lil Credit Suisse, min-naħa l-oħra. Ir-rikorrenti ma jikkontestawx li Credit Suisse kellha l-opportunità li teżerċita b'mod effettiv id-drittijiet tad-difiża tagħha konformement mal-garanziji proċedurali kollha marbuta mal-eżerċizzju effettiv tagħhom fil-kuntest tal-proċedura amministrattiva ordinarja qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, kemm bil-miktub kif ukoll oralment, u għalhekk li tikkontesta l-fatti u l-provi li fuqhom tibbaża ruħha l-Kummissjoni.

381 Madankollu, ir-rikorrenti jqisu li t-"tħassib" u l-kjarifiki li Credit Suisse ressqet matul il-proċedura amministrattiva ġew "injorati" mill-Kummissjoni, li wasslu għalhekk allegatament lil din tal-aħħar sabiex tonqos mill-osservanza tar-rekwiżit ta' imparzjalità waqt "eżami mill-ġdid *de novo* tal-provi għad-dispożizzjoni tagħha, konformement mal-prinċipju ta' '*tabula rasa*'". Madankollu, ebda wieħed mill-argumenti tar-rikorrenti ma jippermetti li jiġi stabbilit li l-Kummissjoni ma offrietx, f'dan il-każ, il-garanziji kollha sabiex teskludi kull dubju leġittimu dwar l-imparzjalità tagħha fl-eżami tal-każ f'dak li jirrigwarda Credit Suisse, u b'mod partikolari fl-eżami tal-argumenti u

tal-provi li hija setgħet tressaq fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża tagħha matul il-proċedura amministrattiva ordinarja. Fil-fatt, il-fatt li l-Kummissjoni ma sabitx konvinċenti l-imsemmi "tħassib" u kjarifiki li Credit Suisse għamlet matul il-proċedura amministrattiva jaqa' taħt l-eżami tal-fondatezza tal-evalwazzjonijiet magħmula minn din tal-aħħar u mhux taħt l-istħarriġ tal-osservanza tal-garanziji mogħtija mid-dritt tal-Unjoni fil-proċedura amministrattiva ordinarja.

382 Għalhekk, ir-rikorrenti ma jistgħu validament jikkritikaw lill-Kummissjoni b'ebda nuqqas ta' eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha dwar l-adegwatezza li tadotta miżuri ta' investigazzjoni addizzjonali sabiex tivverifika d-dikjarazzjonijiet magħmula minn Credit Suisse matul il-proċedura amministrattiva. Fil-fatt, minbarra n-natura ġenerali tagħha, sa fejn, permezz ta' din l-aħħar allegazzjoni, ir-rikorrenti sempliċement jaffermaw li l-użu tas-setgħat ta' investigazzjoni addizzjonali mill-Kummissjoni kien "xieraq fis-suq kumpless", din hija bbażata fuq premessa żbaljata li l-kompetituri huma awtorizzati, fis-suq inkwistjoni, jiskambjaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva fil-kors normali tal-attivitajiet tagħhom.

383 Fi kwalunkwe każ, sa fejn il-Kummissjoni għandha marġni ta' evalwazzjoni dwar l-adegwatezza li tadotta miżuri ta' investigazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Frar 2022, Scania *et* vs Il-Kummissjoni, T-799/17, EU:T:2022:48, punt 154), hija bl-ebda mod ma kienet obbligata tuża s-setgħat ta' investigazzjoni tagħha sabiex titlob data addizzjonali jew tikkonsulta espert sabiex tivverifika d-dikjarazzjonijiet ta' Credit Suisse.

384 Barra minn hekk, għandu jitqies li r-rekwiżit ta' imparzjalità waqt l-eżami mill-ġdid *de novo* tal-kawża fir-rigward tal-proċedura ta' riżolviment, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-parti li tkun iddeċidiet li ma tipproċedix għal riżolviment, ma jistax jostakola konstatazzjonijiet fattwali jew klassifikazzjonijiet legali simili għal dawk magħmula fid-deċiżjoni ta' riżolviment, jekk il-provi għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni jkunu jissostanzjawhom (ara, *a contrario*, is-sentenza tat-2 ta' Frar 2022, Scania *et* vs Il-Kummissjoni T-799/17, EU:T:2022:48, punt 149).

385 F'dan ir-rigward, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti relatati mal-provi li fuqhom ibbażat ruħha l-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata ma jippermettu li tiġi stabbilita ebda parzjalità min-naħa tagħha. Fil-fatt, ir-rikorrenti sempliċement isostnu allegata selezzjoni tal-provi mill-Kummissjoni li tikkorrispondi għall-verżjoni predeterminata tagħha tal-kawża, mingħajr madankollu ma jipprovdu ebda indikazzjoni konkreta f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, huma sempliċement isostnu li l-Kummissjoni skartat il-provi l-oħra prodotti minn Credit Suisse li allegatament jinvalidaw il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata, billi rrepetu f'sentenza waħda argument identiku għal dak miċħud fil-kuntest tal-ewwel motiv tagħhom.

386 Barra minn hekk, sa fejn ir-rikorrenti jirrepetu l-argumenti tagħhom, imressqa fil-kuntest tal-ewwel motiv, ibbażati fuq l-allegazzjoni li l-provi prodotti sabiex tinkiseb il-klemenza u d-dokumenti li wasslu għar-riżolviment iqajmu dubji dwar ir-regoli tal-ftehim sottostanti identifikati mill-Kummissjoni, għandu jitfakkar li ma hemmx lok li l-Qorti Ġenerali teżaminahom għar-raġunijiet esposti fil-punt 58 iktar 'il fuq.

387 Barra minn hekk, peress li l-Kummissjoni stabbilixxiet, billi bbażat ruħha fuq sensiela ta' indizji suffiċjenti u speċifiċi għal din il-kawża, l-eżistenza tal-ksur u l-parteċipazzjoni ta' Credit Suisse f'dan tal-aħħar, il-fatt li ċerti allegazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għan imfittex mill-iskambju ta' informazzjoni ttieħdu minn sentenza ta' dikjarazzjoni magħmula minn terz fil-proċedura amministrattiva ma jista' juri ebda ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li, essenzjalment, il-preżunzjoni ta' innoċenza timplika

li, fil-preżenza ta' provi li ma humiex affidabbli, l-oneru fuq ir-rikorrenti li jipproduċu provi li jikkonfutaw l-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni huwa dgħajjef, din għandha tiġi miċħuda peress li r-rikorrenti ma wrewx li l-provi li fuqhom il-Kummissjoni bbażat ruħha ma kinux affidabbli.

388 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-ħames motiv għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

5. Konklużjoni dwar l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata

389 Mill-eżami tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tal-ħames motiv, invokati insostenn tat-talbiet intiżi li jiksbu l-annullament tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata li abbaži tiegħu l-Kummissjoni qieset li Credit Suisse kienet kisret l-Artikolu 101(1) TFUE billi pparteċipat fi ksur uniku u kontinwu, jirriżulta li dawn ma humiex fondati u li, għaldaqstant, dan il-kap tat-talbiet għandu jiġi miċħud.

B. Fuq l-Artikolu 2(a) tad-deċiżjoni kkontestata

1. Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003, tal-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi, tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-obbligu ta' motivazzjoni

390 Fil-kuntest tar-raba' motiv tagħhom, ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni wettqet diversi żbalji fid-diversi stadji tal-kalkolu tal-ammont tal-multa imposta fuq Credit Suisse. Dan il-motiv għandu jinqasam f'ħames partijiet. L-ewwel parti hija bbażata fuq żball fil-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni. It-tieni parti hija bbażata fuq żball fit-tnaqqis tal-multa mogħtija minħabba ċirkustanzi attenwanti. It-tielet parti hija bbażata fuq żball marbut ma' sopravalutazzjoni tal-multa abbażi tal-fattur marbut mal-gravità tal-ksur. Ir-raba' parti hija bbażata fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Fl-aħħar nett, il-ħames parti hija bbażata fuq l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata dwar il-proporzjonalità tal-kalkolu tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti meta mqabbla ma' dik imposta fuq il-parteċipanti l-oħra fil-ksur.

391 Preliminarjament, għandu jitfakkar li s-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri ta' applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE tikkonsisti fi stħarriġ tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet li jistabbilixxi l-Artikolu 263 TFUE (ara s-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni, C-99/17 P, EU:C:2018:773, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

392 Fir-rigward tal-portata tal-istħarriġ tal-legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE, dan jestendi għall-punti kollha tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri għall-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE li l-qorti tal-Unjoni tiżgura stħarriġ fil-fond tagħhom, fid-dritt kif ukoll fil-fatt, fid-dawl tal-motivi invokati mir-rikorrenti u b'teħid inkunsiderazzjoni tal-punti rilevanti kollha mqajma minn din tal-aħħar (ara s-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni, C-99/17 P, EU:C:2018:773, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

393 Waqt dan l-istħarriġ, il-qorti ma tistax tistrieħ fuq il-marġni ta' evalwazzjoni li għandha l-Kummissjoni la f'dak li jikkonċerna l-għażla tal-elementi meħuda inkunsiderazzjoni fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fil-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi u lanqas f'dak li

jikkonċerna l-evalwazzjoni ta' dawn l-elementi sabiex tirrinunzja li teżerċita stħarriġ approfondit kemm ta' liġi kif ukoll ta' fatt (sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, Chalkor vs Il-Kummissjoni, C-386/10 P, EU:C:2011:815, punt 62).

394 Għandu madankollu jitfakkar li l-qrati tal-Unjoni ma jistgħux, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità msemmi fl-Artikolu 263 TFUE, jissostitwixxu l-motivazzjoni tagħhom għal dik tal-awtur tal-att ikkontestat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Jannar 2013, Frucona Košice vs Il-Kummissjoni, C-73/11 P, EU:C:2013:32, punt 89 u l-ġurisprudenza ċċitata).

395 L-ewwel nett, fil-premessi 574 sa 660 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat li Credit Suisse kienet intenzjonalment kisret l-Artikolu 101 TFUE u li, konsegwentement, kellha l-intenzjoni li timponilha multa skont il-metodoloġija stabbilita mil-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi.

396 It-tieni nett, fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ li jservi bħala punt ta' tluq għall-kalkolu tal-ammont bażiku tal-multi, il-Kummissjoni kkonstatat li l-prodotti inkwistjoni, jiġifieri l-muniti G10, ma kinux jiġġeneraw bejgħ fis-sens abitwali tal-kelma u għalhekk ma kinux direttament traċċabbli fil-kontijiet tal-impriżi parteċipanti. Konsegwentement, kien xieraq f'dan il-każ li jiġi kkalkolat valur ta' sostituzzjoni. Dan tal-aħħar kien ibbażat, minn naħa, fuq l-ammonti nozzjonali annwalizzati li jikkorrispondu għall-pari ta' muniti nnegozjati l-iktar, li jinkludu waħda mill-muniti taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) (l-euro, il-kroner Daniż, il-lira sterlina, il-krona Norveġiża u il-krone Svediża), tranżazzjonijiet li seħħew mal-kontropartijiet li jinsabu fiż-ŻEE matul ix-xhur tal-parteċipazzjoni tal-impriżi fil-ksur u, min-naħa l-oħra, fuq fattur ta' aġġustament, ikkostitwit minn differenzjal bejn it-talba u l-offerta li jirrifletti l-valur tad-dħul mill-attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq u l-valur tad-dħul li jirriżulta mill-attivitajiet ta' negozjar għan-nom proprju.

397 It-tielet nett, il-Kummissjoni kkalkolat l-ammont bażiku tal-multa ta' Credit Suisse billi kkunsidrat proporzjon ta' 16 % tal-valur ta' sostituzzjoni skont il-gravità tal-ksur kontenzjuż, immultiplikat b'koeffiċjent ta' tul speċifiku għal Credit Suisse, jiġifieri 0.42 sena, filwaqt li żiedet miegħu fl-aħħar nett ammont addizzjonali ta' 16 % għal finijiet dissważivi.

398 Ir-raba' nett, il-Kummissjoni aġġustat l-ammont bażiku kkalkolat għal Credit Suisse. Għal dan l-għan, hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni ċirkustanzi aggravanti. Għall-kuntrarju, hija applikat ċirkustanzi attenwanti billi naqqset mill-ammont bażiku kkalkolat għal Credit Suisse 2 % għan-nuqqas tar-responsabbiltà tagħha għall-ftehim sottostanti, minn naħa, u għal dik tal-każijiet okkażjonali ta' koordinazzjoni, min-naħa l-oħra, jiġifieri, b'kollox, tnaqqis ta' 4 %. Fl-aħħar nett, hija ma żiditx il-multa tagħha għal finijiet ta' dissważjoni.

a) Fuq l-ewwel parti tar-raba' motiv, ibbażata fuq żball fil-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni

399 Ir-rikorrenti jikkontestaw id-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ fid-deċiżjoni kkontestata billi jsostnu li l-valur ta' sostituzzjoni kkunsidrat mill-Kummissjoni jissopravaluta b'mod sostanzjali u arbitrarju l-valur tal-bejgħ ta' Credit Suisse u l-importanza ekonomika tal-ksur kontenzjuż, b'tali mod li titbiegħed mill-kunċett ta' "valur tal-bejgħ" li jinsab fil-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi.

400 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

401 Skont il-punt 13 tal-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi, "[s]abiex jiġi ddeterminat l-ammont bażiku tal-multa li għandha tiġi imposta, il-Kummissjoni tuża l-valur tal-bejgħ ta' oġġetti jew servizzi, iġġenerat mill-impriża, b'konnessjoni diretta jew indiretta […] mal-ksur, fis-settur ġeografiku kkonċernat fit-territorju taż-ŻEE" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

402 Fil-parti introduttiva tagħhom, il-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi jippreċiżaw, fil-punt 6 tagħhom li, "il-valur tal-bejgħ relatat mal-ksur meħud flimkien mat-tul tal-ksur huwa meqjus bħala valur ta' sostituzzjoni adegwat sabiex jiġu riflessi l-importanza ekonomika tal-ksur kif ukoll l-importanza rispettiva ta' kull impriża li tipparteċipa fil-ksur" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

403 Għalhekk, il-punt 13 tal-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi għandu bħala għan li japplika, bħala bażi għall-kalkolu tal-multa imposta fuq impriża, ammont li jirrifletti l-importanza ekonomika tal-ksur u l-importanza ta' din l-impriża fih. Konsegwentement, minkejja li l-kunċett ta' "valur tal-bejgħ" imsemmi fl-imsemmi punt ma jistax, ċertament, jiġi estiż sabiex jinkludi l-bejgħ imwettaq mill-impriża inkwistjoni li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-akkordju kkontestat, ikun madankollu kuntrarju għall-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni jekk dan il-kunċett kellu jinftiehem bħala li jkopri biss id-dħul mill-bejgħ magħmul bil-bejgħ biss li fir-rigward tiegħu jkun ġie stabbilit li dan kien ġie realment affettwat minn dan l-akkordju (sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni, C-444/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:464, punt 76).

404 Għandu jitfakkar ukoll li mill-punt 15 tal-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi jirriżulta li, sabiex jiġi ddeterminat il-valur tal-bejgħ ta' impriża, il-Kummissjoni għandha tuża l-aħjar data disponibbli ta' din l-impriża.

405 Fil-premessi 584 sa 620 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddeterminat il-valur tal-bejgħ permezz ta' valur ta' sostituzzjoni sa fejn l-attivitajiet tal-kambji spot tal-muniti G10 ma jiġġenerawx bejgħ fis-sens abitwali tal-kelma.

406 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qieset xieraq li tikkunsidra bħala valur ta' sostituzzjoni l-ammonti nozzjonali annwalizzati ta' Credit Suisse li jikkorrispondu għall-pari ta' muniti nnegozjati l-iktar, li jinkludu waħda mill-muniti taż-ŻEE, jiġifieri l-euro, il-lira sterlina, il-krona Norveġiża, il-krone Svediża jew il-kroner Daniż, matul ix-xhur ta' parteċipazzjoni ta' dan il-bank fil-ksur inkwistjoni, bl-involviment tal-kontropartijiet li jinsabu fiż-ŻEE, filwaqt li dawn l-ammonti ġew sussegwentement immultiplikati bil-fattur ta' aġġustament uniformi, ikkostitwit minn differenzjal bejn it-talba u l-offerta li jirrifletti l-valur tad-dħul li jirriżulta, minn naħa, mill-attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq (iktar 'il quddiem il-"fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq") u, min-naħa l-oħra, mill-attivitajiet ta' negozjar għan-nom proprju (iktar 'il quddiem il-"fattur ta' aġġustament marbut man-negozjar għan-nom proprju"). Għaldaqstant, il-Kummissjoni ħadet bħala valur tal-bejgħ fil-konfront ta' Credit Suisse l-ammont ta' EUR 381 888 991.

1) Fuq l-ammonti nozzjonali annwalizzati ta' Credit Suisse

407 Fil-premessa 628 tad-deċiżjoni kkontestata, f'dak li jirrigwarda l-argument ta' Credit Suisse li l-ammonti nozzjonali rilevanti għall-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni kienu jinkludu t-tranżazzjonijiet li fihom Credit Suisse kienet xtrat likwidità u mhux dawk fejn Credit Suisse kienet ipprovdietha, il-Kummissjoni ddikjarat li dan ma kienx rilevanti. Hija rrilevat, f'dan ir-rigward, li l-mod kif it-traders jagħżlu li jkopru u li jamministraw ir-riskju marbut mal-pożizzjonijiet miftuħa fil-portafoll tagħhom ma kellux jittieħed inkunsiderazzjoni u li

t-tfittxija ta' likwidità, iż-żamma, iż-żieda jew il-likwidazzjoni ta' pożizzjonijiet miftuħa kienu jikkostitwixxu l-essenza tal-attività ta' trader u kienu attivitajiet integrati fil-prezzijiet tax-xiri u tal-bejgħ li t-traders kienu jipproponu lill-klijenti tagħhom.

408 Ir-rikorrenti jqisu li l-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata tinkludi b'mod żbaljat ammonti nozzjonali assoċjati ma' tranżazzjonijiet li fihom Credit Suisse tikseb likwidità, sa fejn tali inklużjoni tattribwixxi lil din tal-aħħar l-ammonti nozzjonali ta' banek oħra. Fil-fatt, dawn l-ammonti jirrappreżentaw spejjeż ta' provvista tas-servizz ta' ġenerazzjoni tas-suq u, għaldaqstant, ma jistgħux jiġu inklużi fil-kalkolu tal-valur tal-bejgħ, li huwa intiż li jiddetermina d-dħul. Għalhekk, il-Kummissjoni ssopravalutat l-importanza ekonomika tal-ksur allegat.

409 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

410 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma jikkontestawx il-prinċipju stess tal-annwalizzazzjoni tal-ammonti nozzjonali, iżda jipprovaw jeskludu minnhom it-tranżazzjonijiet ta' xiri tal-muniti minn Credit Suisse.

411 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, fl-applikazzjoni tal-metodoloġija għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni, fl-assenza ta' ammonti direttament traċċabbli fil-kontijiet tal-impriżi parteċipanti, il-Kummissjoni pprovat tipproċedi b'mod simili fil-kalkolu tal-valur tal-bejgħ, sa fejn dan tal-aħħar għandu jiġi evalwat fid-dawl tal-kombinazzjoni tal-volum tal-unitajiet mibjugħa u tal-prezz tal-bejgħ tagħhom (premessi 585 u 586 tad-deċiżjoni kkontestata). Għalhekk, f'dan il-każ, l-imsemmi volum kien jikkorrispondi għall-ammonti nozzjonali annwalizzati.

412 Ċertament, fil-kalkolu ta' dawn l-ammonti nozzjonali, il-Kummissjoni ma għamlitx distinzjoni bejn l-ammonti nozzjonali li jikkorrispondu għal tranżazzjonijiet imwettqa minn Credit Suisse għall-kisba jew għall-provvista ta' likwidità. Madankollu, l-assenza ta' tali distinzjoni, fil-kalkolu tal-ammonti nozzjonali annwalizzati, għandha titqies li hija ġġustifikata mill-karatteristiċi tas-suq tal-kambji spot, mhux ikkontestati mir-rikorrenti, fis-sens li d-dħul jiddependi mit-tranżazzjoni sħiħa ta' kambju ta' par muniti, jiġifieri minn tranżazzjoni ta' bejgħ u ta' xiri. B'mod iktar partikolari, kif issostni ġustament il-Kummissjoni, peress li trader fis-suq tat-tranżazzjonijiet ta' kambju spot jipprova jagħmel profitt mit-tranżazzjonijiet tiegħu kemm ta' xiri kif ukoll ta' bejgħ, tranżazzjoni intiża sabiex tixtri likwidità fis-suq tagħmel parti integrali mill-attività abitwali tiegħu f'dan is-suq u, b'mod partikolari, mid-dħul tiegħu.

413 Kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, it-tranżazzjonijiet ta' xiri ta' muniti minn Credit Suisse ma jistgħux jiġu esklużi mill-ammonti nozzjonali għad-determinazzjoni tal-valur ta' sostituzzjoni minħabba, essenzjalment, li dawn ma jikkostitwixxux dħul fis-sens strett tal-kelma, u lanqas minħabba l-fatt li huma jkunu jattribwixxu lil dan il-bank ammonti nozzjonali ta' banek oħra.

414 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ma jistgħux validament jibbażaw ruħhom fuq metodu espost fin-nota mehmuża mal-Anness C.5 tar-replika. Fil-fatt, fir-replika tagħhom, huma sempliċement jagħmlu riferiment ġenerali għall-imsemmi anness. Issa, ma huwiex il-kompitu tal-Qorti Ġenerali li tfittex fl-elementi kollha tal-atti tal-proċess dawk li huma ta' natura li jikkorroboraw l-allegazzjoni tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2006, Roquette Frères vs Il-Kummissjoni, T-322/01, EU:T:2006:267, punt 209).

415 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma jikkontestawx li t-tranżazzjonijiet li fil-kuntest tagħhom Credit Suisse, fost banek oħra, ipprovat tikseb likwidità seħħew fis-suq affettwat mill-akkordju li fih, barra minn hekk, il-ksib tal-likwidità tagħmel parti mill-ġestjoni tar-riskji marbuta mal-ħażniet fil-portafoll. Issa, mingħajr ma tiġi mminimizzata artifiċjalment l-importanza ekonomika tal-ksur imwettaq minn dan il-bank u għalhekk sabiex il-Kummissjoni tasal sabiex timponi multi mingħajr rabta reali mal-kamp ta' applikazzjoni tal-akkordju inkwistjoni, il-valur ta' sostituzzjoni — l-istess bħall-valur tal-bejgħ — ma jistax jiġi kkalkolat biss abbażi tat-tranżazzjonijiet li fir-rigward tagħhom huwa stabbilit li dawn ġew realment affettwati minn dan l-akkordju, iżda jista' jiġi kkalkolat, bħal f'dan il-każ, abbażi tat-tranżazzjonijiet kollha li jidħlu fil-kamp tal-imsemmi akkordju, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 403 iktar 'il fuq.

416 Għaldaqstant, il-Kummissjoni kellha raġun li tapplika għall-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni l-ammonti nozzjonali annwalizzati ta' Credit Suisse relatati kemm mat-tranżazzjonijiet ta' xiri kif ukoll mat-tranżazzjonijiet ta' bejgħ ta' muniti.

2) Fuq il-fattur ta' aġġustament uniformi kkunsidrat fid-deċiżjoni kkontestata

417 Fid-deċiżjoni kkontestata, sabiex tikkalkola l-valur ta' sostituzzjoni, il-Kummissjoni applikat, essenzjalment, metodoloġija li tikkonsisti fil-multiplikazzjoni tal-ammonti nozzjonali annwalizzati b'fattur ta' aġġustament. Fir-rigward ta' dan il-fattur ta' aġġustament, il-Kummissjoni qieset li dan kien ikkostitwit, minn naħa, minn fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq u, min-naħa l-oħra, minn fattur ta' aġġustament marbut man-negozjar għan-nom proprju.

i) Fuq il-fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq

418 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li, fir-rigward tal-valur tad-dħul miksub minn ġenerazzjoni tas-suq, il-fattur ta' aġġustament kellu jiġi ffissat għal 50 % tad-differenzjal bejn il-prezz tal-offerta u tat-talba sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li d-differenzjal sħiħ bejn it-talba u l-offerta jiddependi fuq iż-żewġ partijiet tat-tranżazzjoni u li, għaldaqstant, id-dħul miksub minn trader fuq tranżazzjoni partikolari jirrappreżenta n-nofs ta' dan id-differenzjal. Sabiex tirrikostitwixxi mill-ġdid dan id-differenzjal, il-Kummissjoni għażlet li tuża d-data li ġejja mill-iskambji ta' informazzjoni fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni li matulhom ġew diskussi d-differenzjali bejn it-talba u l-offerta għal tranżazzjonijiet ta' daqs li potenzjalment jitla' sa 500 miljun fil-munita bażi, jiġifieri kampjun ta' skambji ta' informazzjoni li jinkludi differenzjali bejn it-talba u l-offerta mifruxa fuq perijodu bejn l-2011 u l-2012. Għalhekk hija stabbilixxiet skala ta' differenzjali bejn it-talba u l-offerta ta' bejn 6.2 u 8.9 punti, li kienet ibbażata fuq il-metodoloġija li tikkonsisti fl-iffissar, l-ewwel nett, tal-estremità inferjuri tal-iskala ta' differenzjali bejn it-talba u l-offerta fil-punt l-iktar baxxa tal-medja u tal-medjan tad-differenzjali minimi u, it-tieni nett, tal-estremità superjuri tal-iskala fl-ogħla punt tal-medja u tal-medjan tad-differenzjali massimi. Din l-iskala serviet sabiex tiġi ddeterminata d-differenzjal bejn it-talba u l-offerta xieraq stmat għal 7 punti, sa fejn dan il-livell kien jinsab qrib nofs id-differenza bejn il-prezz tal-offerta u l-prezz tat-talba li tirriżulta minn dawn il-kambji li jinvolvu kull kombinazzjoni ta' muniti G10 li kienu jinkludu tal-inqas munita waħda taż-ŻEE. B'applikazzjoni tat-tnaqqis ta' nofs id-differenzjal, hija stmat dan il-fattur ta' aġġustament għal 3.5 punti (premessi 597, 598, 604 sa 609 u n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 501).

419 Ir-rikorrenti jsostnu li l-fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq huwa inadegwat u ppreġudikat billi jintużaw differenzjali bejn it-talba u l-offerta ogħla li jissopravalutaw il-valur ta' sostituzzjoni ta' Credit Suisse u ma jirriflettux l-importanza ekonomika tal-ksur. Fil-fehma tagħhom, il-kampjun, adottat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, jirriżulta li huwa limitat u mhux rappreżentattiv, u dan iktar u iktar peress li ma jirrigwardax il-perijodu ta' parteċipazzjoni ta' Credit Suisse fl-imsemmi ksur. Fil-fehma tagħhom, il-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża n-natura "adegwata" tal-metodoloġija tagħha fuq l-aċċettazzjoni tal-iskala ta' multi għall-partijiet fil-proċedura ta' riżolviment. Fi kwalunkwe każ, li kieku l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-kampjun imsemmi iktar 'il fuq, hija setgħet taġġusta d-differenzjali b'mod li tieħu inkunsiderazzjoni t-tqassim tat-tranżazzjonijiet, sabiex tirrimedja għan-natura mhux rappreżentattiva ta' dan il-kampjun.

420 Waqt is-seduta, ir-rikorrenti kkonfermaw li, matul il-proċedura amministrattiva, huma kkomunikaw lill-Kummissjoni l-"aħjar data disponibbli" f'dak li jirrigwarda l-kampjun adottat minnha fid-deċiżjoni kkontestata, jiġifieri d-data Bloomberg BFIX, relatata mal-perijodu rilevanti. Bi tweġiba għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, ir-rikorrenti pproduċew din l-informazzjoni quddiem il-Qorti Ġenerali.

421 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti. Fil-fehma tagħha, il-kampjun ta' skambji ta' informazzjoni użat fid-deċiżjoni kkontestata jikkostitwixxi d-data l-iktar xierqa u rappreżentattiva, peress li joqrob l-iktar lejn l-attività ekonomika ta' Credit Suisse li għaliha huwa relatat il-ksur inkwistjoni. Fil-fatt, dan il-kampjun jirrigwarda d-diskussjonijiet kollha fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni li fuqu saru l-iskambji ta' informazzjoni kif ukoll il-prodotti finanzjarji speċifiċi kkonċernati mill-ksur u ġej mill-impriżi li effettivament ipparteċipaw f'dan l-istess ksur. Il-Kummissjoni tqis li, sabiex tiżgura l-ugwaljanza fit-trattament, hija ma kinitx obbligata tadotta metodoloġija mfassla apposta għal Credit Suisse, iżda ħadet inkunsiderazzjoni l-provi li jmorru lura għaż-żmien tal-fatti li kienu jikkonċernaw l-impriżi parteċipanti l-oħra. Barra minn hekk, hija tqis li l-fatt li jittieħdu inkunsiderazzjoni biss it-tranżazzjonijiet ta' 500 miljun jew inqas jirrendi l-kampjun rappreżentattiv tal-attivitajiet ta' negozjar tal-impriżi parteċipanti. Fi kwalunkwe każ, l-ammonti nozzjonali annwalizzati jieħdu diġà inkunsiderazzjoni l-perijodu individwali ta' parteċipazzjoni ta' Credit Suisse fil-ksur u l-importanza tagħha fih. Għaldaqstant hija titlob li l-argumenti tar-rikorrenti jiġu miċħuda.

422 Waqt is-seduta, il-Kummissjoni rrepetiet il-pożizzjoni tagħha li l-kampjun ta' skambji ta' informazzjoni, użat fil-kalkolu tal-fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq fid-deċiżjoni kkontestata, kien iktar rappreżentattiv mid-data Bloomberg BFIX, peress li kien speċifiku għall-ksur inkwistjoni. Bi tweġiba għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, il-Kummissjoni pproduċiet l-imsemmi kampjun li kien jikkostitwixxi, fil-fehma tagħha, l-"aħjar data disponibbli" għall-imsemmi kalkolu, li jippermetti għalhekk li tiġi stabbilita l-aħjar approssimazzjoni possibbli tal-importanza ekonomika tal-ksur.

423 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-partijiet jaqblu dwar ir-rilevanza tat-teħid inkunsiderazzjoni, f'dan il-każ, ta' nofs id-differenzjal bejn it-talba u l-offerta għall-finijiet tal-kalkolu tal-fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq. Madankollu, il-partijiet ma jaqblux, essenzjalment, fuq il-kwistjoni dwar jekk il-kampjun ta' diskussjonijiet relatat mad-differenzjali bejn it-talba u l-offerta, użat fid-deċiżjoni kkontestata sabiex jiġi kkalkolat il-fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq, jikkostitwixxix l-"aħjar data disponibbli" fis-sens tal-punt 15 tal-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi.

424 Issa, minn naħa, għandu jitfakkar li, mill-punt 15 tal-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi jirriżulta li, sabiex jiġi ddeterminat il-valur tal-bejgħ ta' impriża, il-Kummissjoni għandha tuża l-aħjar data disponibbli ta' din l-impriża. Għalhekk, fl-implimentazzjoni tal-metodoloġija li hija tiddefinixxi, hija għandha, b'mod partikolari, tiżgura li tieħu inkunsiderazzjoni l-"aħjar data disponibbli", taħt l-istħarriġ fil-fond, fid-dritt kif ukoll fil-fatt, tal-qorti tal-Unjoni, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 393 iktar 'il fuq.

425 Min-naħa l-oħra, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, bl-adozzjoni ta' regoli ta' kondotta bħalma huma l-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi u bl-istqarrija permezz tal-pubblikazzjoni tagħhom li hija kienet ser tapplikahom minn hemm 'il quddiem għall-każijiet ikkonċernati minnhom, il-Kummissjoni introduċiet restrizzjoni fuqha nnifisha fl-eżerċizzju tas-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha u ma tistax titbiegħed minn dawn ir-regoli mingħajr ma tiġi ssanzjonata, jekk ikun il-każ, għal ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, bħalma huma l-ugwaljanza fit-trattament jew il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punt 211).

426 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li, għall-finijiet tal-kalkolu tal-fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq, il-kampjun użat mill-Kummissjoni kien jikkonċerna sittax-il skambju ta' informazzjoni. Minn dan jirriżulta wkoll li dan il-kampjun jirrigwarda differenzjali bejn it-talba u l-offerta li jirriżultaw minn diskussjonijiet li seħħew fl-2011 (żewġ diskussjonijiet tal-24 ta' Ġunju, diskussjoni tal-11 ta' Lulju, żewġ diskussjonijiet tal-10 ta' Awwissu, diskussjoni tal-20 ta' Settembru, diskussjoni tal-5 ta' Ottubru u diskussjoni tal-21 ta' Ottubru) u fl-2012 (diskussjoni tal-5 ta' Jannar, diskussjoni tal-11 ta' Jannar, diskussjoni tal-31 ta' Jannar, diskussjoni tas-17 ta' Frar, diskussjoni tal-1 ta' Marzu, diskussjoni tal-5 ta' April, diskussjoni tat-18 ta' April u diskussjoni tat-18 ta' Ġunju), li matulhom it-traders ikkomunikaw bejniethom differenzjali bejn it-talba u l-offerta għall-pari ta' muniti li ġejjin: GBP/USD (sitt diskussjonijiet), EUR/CHF (diskussjoni waħda), EUR/GBP (seba' diskussjonijiet), GBP/JPY (diskussjoni waħda) u EUR/JPY (diskussjoni waħda).

427 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandhom jiġu eżaminati l-kritiki tar-rikorrenti dwar il-kampjun użat mill-Kummissjoni.

428 L-ewwel nett, fir-rigward tal-perijodu konċernat mid-differenzjali bejn it-talba u l-offerta li jirriżultaw mill-kampjun użat fid-deċiżjoni kkontestata, għandu jiġi kkonstatat, bħalma għamlu r-rikorrenti, li t-teħid inkunsiderazzjoni tiegħu ma jistax jitqies bħala xieraq peress li jmur lil hinn mill-perijodu rilevanti.

429 Issa, it-teħid inkunsiderazzjoni tad-differenzjali bejn it-talba u l-offerta, li jirriżultaw minn diversi diskussjonijiet li seħħew, b'mod partikolari, fl-2011, qabel il-perijodu ta' ksur ta' Credit Suisse, ma għandu ebda rilevanza għad-determinazzjoni tal-valur ta' sostituzzjoni li jirriżulta mit-tranżazzjonijiet tad-diversi pari ta' muniti, li l-ammonti nozzjonali annwalizzati tagħhom jirrigwardaw is-sena 2012.

430 Fil-fatt, fid-dawl tal-volatilità u tal-likwidità tas-suq tal-kambji spot, ir-rati tal-kambju, li d-differenzjal bejn it-talba u l-offerta tagħhom jikkostitwixxi komponent, huma influwenzati minn dawn il-karatteristiċi tas-suq u jinbidlu malajr, kif barra minn hekk jirrifletti l-kampjun ikkunsidrat fid-deċiżjoni kkontestata. B'mod iktar partikolari, minn dan il-kampjun jirriżulta li d-differenzjali bejn it-talba u l-offerta għal tranżazzjoni li tirrigwarda l-istess ammont u l-istess par muniti kienu jvarjaw skont id-data. Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li l-applikazzjoni

tad-differenzjali bejn it-talba u l-offerta indikati mit-traders fl-2011 ma tistax, minn perspettiva oġġettiva, tinforma lill-Kummissjoni b'mod preċiż dwar il-valur reali tad-dħul miksub mill-ġenerazzjoni tas-suq minn Credit Suisse fl-2012, matul il-perijodu tal-ksur.

431 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-teħid inkunsiderazzjoni tad-differenzjali bejn it-talba u l-offerta li jirrigwardaw diversi dati fl-2011 għandu jitqies li huwa inadegwat u mhux xieraq sabiex jirrifletti s-sitwazzjoni ekonomika reali ta' Credit Suisse matul il-perijodu tal-ksur.

432 It-tieni nett, il-kampjun ta' sittax-il skambju, użat għall-kalkolu tal-fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq, jirriżulta li huwa limitat meta mqabbel man-numru ta' tranżazzjonijiet li jikkorrispondu għall-ammonti nozzjonali annwalizzati meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni sabiex tkun tista' tirrappreżenta b'mod oġġettiv, b'mod partikolari, l-importanza ekonomika tal-ksur allegat.

433 F'dan ir-rigward, għalkemm l-imsemmi numru ta' tranżazzjonijiet ma ġiex indikat fid-deċiżjoni kkontestata, peress li l-Kummissjoni bbażat ruħha biss fuq it-tranżazzjonijiet tal-ammonti inqas jew ugwali għal 500 miljun (premessa 604) u peress li l-ammonti nozzjonali li hija ħadet inkunsiderazzjoni jikkostitwixxu total ta' EUR 1 060 802 752 528 (premessa 592), jekk dawn l-ammonti nozzjonali jiġu diviżi bil-volum massimu tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażat ruħha (500 000 000), għandu jitqies li n-numru ta' tranżazzjonijiet li jikkorrispondu għal dawn l-ammonti nozzjonali huwa tal-inqas ta' 2 121. Barra minn hekk, ir-rikorrenti jsostnu li Credit Suisse eżegwixxiet 22 000 tranżazzjoni matul il-perijodu ta' parteċipazzjoni tagħha fil-ksur allegat, mingħajr ma dan ġie kkontestat mill-Kummissjoni.

434 It-tielet nett, għandu jitfakkar li, sabiex tasal għall-valur ta' sostituzzjoni, il-Kummissjoni użat l-ammonti nozzjonali annwalizzati li jikkorrispondu għall-pari ta' muniti nnegozjati l-iktar, li jinvolvu waħda mill-muniti taż-ŻEE, jiġifieri l-euro, il-lira sterlina, il-krona Norveġiża, il-krone Svediża u l-kroner Daniż matul ix-xhur tal-parteċipazzjoni tal-banek fil-ksur inkwistjoni (premessa 589 tad-deċiżjoni kkontestata). Issa, kif jirriżulta mill-provi relatati mal-kampjun tad-diskussjonijiet dwar id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta, ikkunsidrat fid-deċiżjoni kkontestata, dan il-kampjun bilkemm jinkludi ħames pari ta' muniti fost erbgħin kombinazzjoni possibbli.

435 Issa, dan in-nuqqas ta' rappreżentattività tal-pari ta' muniti kkonċernati mill-kampjun tad-differenzjali bejn it-talba u l-offerta, ikkunsidrat fid-deċiżjoni kkontestata, jista' jkollu effett sinjifikattiv fuq l-evalwazzjoni tal-"aħjar data" disponibbli waqt l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata għall-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni ta' Credit Suisse. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-imsemmi kampjun, diversi pari ta' muniti kkonċernati f'dan il-każ juru differenzi ta' likwidità u differenzjali bejn it-talba u l-offerta applikati (pereżempju, għal 200 miljun par muniti EUR/GBP, id-differenzjal bejn it-talba u l-offerta minimu kienet bejn 10 u 12, filwaqt li d-differenzjal bejn it-talba u offerta massimu kien bejn 12 u 14, filwaqt li għall-istess volum ta' par muniti GBP/USD id-differenzjal bejn it-talba u l-offerta minimu kien 18 u l-massimu kien 20).

436 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jitqies li l-elementi limitati tal-kampjun, użati mill-Kummissjoni sabiex tikkalkola l-fattur ta' aġġustament inkwistjoni, li iktar minn nofshom ma jikkonċernawx il-perijodu rilevanti, (ara l-punt 426 iktar 'il fuq), ma għandhomx livell ta' dettall inerenti għal kull par muniti kkunsidrat bħala rilevanti mill-Kummissjoni matul l-imsemmi kalkolu. Għaldaqstant, l-imsemmi kampjun ma jistax jitqies li jipprovdi data li kienet suffiċjenti sabiex jiġi ggarantit li l-pari kollha ta' muniti kkonċernati jkunu proporzjonalment irrappreżentati fid-dawl tal-loġika tal-fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq, jiġifieri t-teħid

inkunsiderazzjoni tal-fatt li d-dħul miksub mit-tranżazzjonijiet huwa integrat fid-differenza bejn il-prezz tal-offerta u l-prezz tat-talba applikata fuq kambju ta' par muniti li jinvolvi munita taż-ŻEE.

437 Fit-tieni lok, huwa madankollu importanti għar-rikorrenti li juru li, fil-kuntest tal-metodoloġija li l-Kummissjoni ddeterminat legalment, kienet effettivament teżisti informazzjoni aħjar minn dik użata minn din l-istituzzjoni u li din hija effettivament disponibbli (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, Holdings *et* vs Il-Kummissjoni, T-105/17, EU:T:2019:675, punt 324). Għaldaqstant, għandu jiġi ddeterminat jekk id-data Bloomberg BFIX, proposta mir-rikorrenti lill-Kummissjoni sabiex tiddetermina l-fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq, kinitx tikkostitwixxi l-"aħjar data disponibbli" sabiex tiġi implimentata l-metodoloġija ddefinita minn din tal-aħħar fid-deċiżjoni kkontestata.

438 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, għandu jiġi kkonstatat li, kif enfasizzaw ir-rikorrenti waqt is-seduta, l-użu tad-data Bloomberg BFIX ippermetta lill-Kummissjoni tieħu inkunsiderazzjoni data estensiva dwar il-perijodu rilevanti u għalhekk eżempji ta' differenzjali bejn it-talba u l-offerta li jirrigwardaw il-perijodu tal-ksur ta' Credit Suisse ħafna iktar numerużi u, konsegwentement, iktar rappreżentattivi fid-dawl tal-volum sinjifikattiv tat-tranżazzjonijiet li ttieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni fil-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni (ara l-punti 432 u 433 iktar 'il fuq). It-teħid inkunsiderazzjoni ta' din id-data kien għalhekk ta' natura li jistabbilixxi korrispondenza proporzjonali bejn dawn id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta u l-ammonti nozzjonali annwalizzati li jirrigwardaw l-istess perijodu, konformement mal-loġika sottostanti tal-kalkolu tal-valur tal-bejgħ f'dan il-każ, u l-pari ta' muniti inklużi fil-perimetru tal-kalkolu tal-fattur ta' aġġustament inkwistjoni.

439 It-tieni nett, kif sostniet waqt is-seduta, il-Kummissjoni tikkontesta n-natura xierqa tad-data Bloomberg BFIX. Fil-fehma tagħha, din id-data għandha limiti, sa fejn, b'mod partikolari, ma tippermettix li jiġu ffiltrati d-differenzjali bejn it-talba u l-offerta effettivament eżegwiti mill-banek li pparteċipaw fil-ksur. Din id-data hija wkoll, kif sostniet il-Kummissjoni waqt is-seduta u b'risposta għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura deċiża mill-Qorti Ġenerali, mhux speċifika għall-ksur inkwistjoni, b'mod partikolari sa fejn ma toriġinax mill-post fejn seħħ dan il-ksur u ma tikkonċernax it-tranżazzjonijiet eżegwiti mill-banek involuti f'dan tal-aħħar.

440 Madankollu, għalkemm, ċertament, il-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi huma bbażati fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-valur tal-bejgħ tal-prodotti kkonċernati fir-rigward tal-ksur għall-iffissar tal-ammont bażiku tal-multi li għandhom jiġu imposti (sentenza tal-10 ta' Lulju 2019, Il-Kummissjoni vs Icap *et*, C-39/18 P, EU:C:2019:584, punt 26), dawn jipprevedu wkoll, fil-punt 16, il-possibbiltà għall-Kummissjoni li tiddetermina l-imsemmi valur, meta d-data magħmula disponibbli minn impriża tkun inkompleta jew mhux affidabbli, abbażi, b'mod partikolari, ta' kull informazzjoni oħra li hija tqis rilevanti jew xierqa. Għalhekk, minn dawn il-linji gwida ma jirriżultax li d-data meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni għandha neċessarjament tkun speċifika għall-ksur.

441 Fil-fatt, il-kunċett ta' "l-aħjar data disponibbli", fis-sens tal-punt 15 tal-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi, ma jimplikax li tinstab data ta' natura li tagħti stampa perfettament preċiża tal-importanza ekonomika tal-ksur u tal-piż relattiv ta' impriża fih, iżda jikkonsisti fl-identifikazzjoni ta' dik li tkun ta' kwalità superjuri għad-data l-oħra disponibbli, f'dan is-sens, b'mod partikolari, li tkun iktar koerenti, kompleta u affidabbli sabiex tirrifletti din l-importanza u dan il-piż (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2014, RWE vs RWE Dea vs Il-Kummissjoni, T-543/08, EU:T:2014:627, punti 230, 234 u 237).

442 Issa, fid-dawl tal-fatt li d-data Bloomberg BFIX tippermetti li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-pari kollha ta' muniti inklużi fil-perimetru tal-muniti kkonċernati mill-kalkolu tal-fattur ta' aġġustament inkwistjoni, din tipprovdi kampjun iktar sinjifikattiv sabiex jiġu riflessi proporzjonalment l-ammonti nozzjonali annwalizzati li fuqhom ġie applikat l-imsemmi fattur u tikkonċerna l-perijodu ta' ksur ta' Credit Suisse, din għandha titqies li hija iktar koerenti, kompleta u affidabbli minn dik li fuqha bbażat ruħha l-Kummissjoni sabiex tiġi riflessa l-importanza ekonomika tal-ksur u l-piż relattiv ta' Credit Suisse fih.

443 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li d-data Bloomberg BFIX, proposta lill-Kummissjoni matul il-proċedura amministrattiva u prodotta mir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali, tikkostitwixxi, kuntrarjament għal dak li tallega l-Kummissjoni, l-"aħjar data disponibbli", ta' natura li tirrifletti b'mod iktar preċiż il-valur ta' sostituzzjoni ta' Credit Suisse.

444 Il-Kummissjoni ma tistax validament tiġġustifika t-teħid inkunsiderazzjoni tad-data mhux rappreżentattiva tal-valur reali tad-dħul miksub mill-ġenerazzjoni tas-suq minħabba l-ħtieġa li tiġi osservata l-ugwaljanza fit-trattament tal-parteċipanti fil-ksur, peress li l-metodu applikat għandu jkun identiku għall-partijiet kollha fil-ksur.

445 Fil-fatt, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara s-sentenza tat-12 ta' Novembru 2014, Guardian Industries u Guardian Europe vs Il-Kummissjoni, C-580/12 P, EU:C:2014:2363, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata). Issa, l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ma tistax tipprekludi li tittieħed inkunsiderazzjoni, f'dan il-każ, id-data individwalizzata tal-impriżi parteċipi fil-ksur, filwaqt li tiġi applikata l-istess metodoloġija għall-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni. Fil-fatt, l-użu, f'dan il-każ, ta' data individwalizzata dwar id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta li tikkonċerna l-perijodu ta' parteċipazzjoni ta' Credit Suisse fil-ksur jikkostitwixxi biss modalità tal-implimentazzjoni tal-metodoloġija mfassla mill-Kummissjoni u applikabbli għall-partijiet kollha fl-imsemmi ksur, li ma jibdilx is-sustanza tiegħu, iżda jista' biss isaħħaħ il-preċiżjoni tal-valur ta' sostituzzjoni ta' dan il-bank fir-rigward tal-importanza u tal-portata tal-attività tiegħu matul il-perijodu tal-parteċipazzjoni tiegħu fil-ksur.

446 Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali diġà ddeċidiet li huwa konformi mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament l-approċċ tal-Kummissjoni li jikkonsisti fit-teħid inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-kalkolu tal-valur tal-bejgħ, tad-data li tirriżulta minn perijodi differenti fid-dawl tal-perijodi differenti ta' parteċipazzjoni fil-ksur tal-impriżi kkonċernati, sabiex, b'mod partikolari, tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni ekonomika reali ta' dawn l-impriżi matul il-perijodu tal-ksur u sabiex jiġi evitat li l-valur tal-bejgħ jissottovaluta l-importanza ekonomika tal-ksur (sentenza tad-29 ta' Settembru 2021, Tokin vs Il-Kummissjoni, T-343/18, EU:T:2021:636, punti 110 sa 114 u 118).

447 Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li tallega l-Kummissjoni, il-fatt li l-partijiet li waslu għal riżolviment aċċettaw l-użu ta' data uniformi għall-finijiet tal-kalkolu tal-fattur ta' aġġustament applikat fil-kuntest tal-metodoloġija elaborata mill-Kummissjoni lanqas ma jista' jinvalida l-konklużjoni dwar in-natura mhux xierqa u inadegwata tagħha fir-rigward ta' Credit Suisse.

448 Konsegwentement, billi ma użatx l-"aħjar data disponibbli" għall-kalkolu tal-fattur ta' aġġustament li għandu jiġi applikat għal Credit Suisse għall-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni, il-Kummissjoni naqset milli tosserva l-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi u kkalkolat b'mod żbaljat l-ammont bażiku tal-multa li hija imponiet fuq Credit Suisse.

ii) Fuq il-fattur ta' aġġustament marbut man-negozjar għan-nom proprju

449 Fid-deċiżjoni kkontestata, fir-rigward tal-fattur ta' aġġustament marbut man-negozjar għan-nom proprju, sa fejn it-traders kienu jiskambjaw informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet ta' riskju miftuħa tagħhom, wara li fakkret li ebda wieħed mill-banek ikkonċernati ma kien f'pożizzjoni li jipprovdi l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġi stmat dan id-dħul kummerċjali u fid-dawl tal-isfidi tekniċi inerenti għall-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni tad-dħul li ġej min-negozjar għan-nom proprju, il-Kummissjoni ddeċidiet, għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-differenzjal bejn it-talba u l-offerta, li tibbaża ruħha fuq is-sorsi pubbliċi relatati mat-tranżazzjonijiet fil-livell "interdealer" (ara l-punt 24 iktar 'il fuq). Għalhekk, sabiex ma tissopravalutax dan id-dħul, hija ddeċidiet li tikkalkulah billi timmultiplika l-ammont nozzjonali b'10 % ta' differenzjal bejn it-talba u l-offerta xieraq, filwaqt li dan tal-aħħar kien, fid-diskrezzjoni tagħha, evalwat għal livell ta' bejn 0.6 u 1.5 punti. Abbażi ta' dawn il-konstatazzjonijiet, hija ħadet inkunsiderazzjoni d-differenzjal bejn it-talba u l-offerta ffissat għal 1 punt, li hija qasmet bl-10 % imsemmija iktar 'il fuq. Għaldaqstant, hija stmat dan il-fattur ta' aġġustament għal 0.1 punt.

450 Ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni arbitrarjament użat il-fattur ta' aġġustament sabiex tieħu inkunsiderazzjoni d-dħul li l-banek parteċipi kisbu miż-żamma tal-pożizzjonijiet ta' riskju miftuħa u applikat 10 % ta' differenzjal bejn it-talba u l-offerta "intertraders" sabiex tikkostitwixxi dan. Huma jqisu li d-dħul iġġenerat miż-żamma ta' pożizzjonijiet ta' riskju miftuħa huwa bbażat fuq iż-żieda potenzjali fil-valur tal-pożizzjoni ta' trader u mhux fuq id-differenzjal bejn it-talba u l-offerta li trader fl-aħħar mill-aħħar ikollu jħallas. Għaldaqstant, l-użu tad-differenzjal bejn it-talba u l-offerta sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni d-dħul allegat ma jirriflettix id-dħul li Credit Suisse setgħet kisbet minn din l-attività. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma wrietx li d-dħul medju tan-negozjar għan-nom proprju huwa proporzjonali għad-differenzjal bejn it-talba u l-offerta.

451 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

452 F'dan ir-rigward, preliminarjament, għandu jiġi nnotat li r-rikorrenti ma jikkontestawx l-affermazzjoni msemmija fil-premessa 610 tad-deċiżjoni kkontestata fis-sens li, minn naħa, il-banek involuti fil-ksur inkwistjoni kienu jikkonkludu tranżazzjonijiet mhux biss bħala ġeneraturi tas-suq iżda wkoll għan-nom proprju u, min-naħa l-oħra, dawn it-tranżazzjonijiet kollha kienu jiġġeneraw dħul. Il-konstatazzjoni fil-premessa 630 ta' din id-deċiżjoni fis-sens li "d-differenzjali bejn it-talba u l-offerta jirriflettu l-aspettattivi tal-banek fir-rigward tar-riskju assoċjat ma' espożizzjoni miftuħa" lanqas ma hija kkontestata.

453 Dan premess, għandu jitfakkar li, fis-suq tal-kambji spot, id-differenzjal bejn it-talba u l-offerta jikkostitwixxi l-kumpens li jirċievi t-trader, b'mod partikolari għar-riskju li huwa jsostni billi jkollu munita partikolari fil-portafoll tiegħu, minħabba l-espożizzjoni għall-pożizzjonijiet ta' riskju miftuħa minħabba l-veloċità tal-varjazzjonijiet fir-rati tal-kambju fis-suq (ara l-punt 21 iktar 'il fuq u l-premessi 35 u 36 tad-deċiżjoni kkontestata, li ma humiex ikkontestati mir-rikorrenti).

454 Għalhekk, għandu jiġi kkunsidrat li l-approċċ adottat mill-Kummissjoni sabiex tikkalkola l-fattur ta' aġġustament marbut man-negozjar għan-nom proprju, ibbażat fuq differenzjal bejn it-talba u l-offerta, għandu jitqies li huwa konformi mar-realtà tas-suq tal-kambji spot. L-approċċ tal-Kummissjoni msemmi iktar 'il fuq huwa konsistenti wkoll mal-loġika li fuqha hija bbażata l-għażla tal-valur ta' sostituzzjoni, peress li dan jieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, id-dħul iġġenerat mill-attivitajiet ta' negozjar ta' Credit Suisse għan-nom proprju.

455 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti, li sempliċement isostnu li d-differenzjal bejn it-talba u l-offerta ma huwiex rilevanti għall-kalkolu tad-dħul miksub mill-attivitajiet ta' negozjar għan-nom proprju mingħajr madankollu ma jipproponu metodu alternattiv iktar xieraq, ma jistgħux validament jinvokaw l-użu allegatament żbaljat mill-Kummissjoni tad-differenzjal bejn it-talba u l-offerta sabiex tiddetermina d-dħul li Credit Suisse setgħet tikseb mill-attivitajiet ta' negozjar għan-nom proprju.

456 B'mod iktar ġenerali, l-allegazzjoni tar-rikorrenti li, fil-kuntest tal-attivitajiet ta' negozjar għan-nom proprju, it-traders iħallsu, u mhux idaħħlu, differenzjal għandha titqies bħala kontrointuwittiva mill-perspettiva tal-loġika kummerċjali u tar-razzjonalità ekonomika tal-attività għan-nom proprju u, b'mod partikolari, bħad-deċiżjoni kkontestata, mhux ikkontestata fuq dan il-punt mir-rikorrenti, li tgħid li "[h]uma jistgħu jżidu, inaqqsu jew jillikwidaw pożizzjonijiet ta' riskju billi 'jirbħu d-differenzal' ta' traders oħra […]; fil-fatt, dan jirrifletti l-essenza ta' ġeneratur tajjeb tas-suq u ta' trader b'mod ġenerali u juri li l-ġenerazzjoni tas-suq u n-negozjar għan-nom proprju huma marbuta mill-qrib" (premessa 630).

457 Fl-aħħar nett, għalkemm ir-rikorrenti jikkontestaw formalment il-proporzjonalità tad-dħul medju tan-negozjar għan-nom proprju għad-differenzjal bejn it-talba u l-offerta abbażi tad-"differenzjali frekwenti ħafna" ta' studju, huma ma jagħtu ebda spjegazzjoni konkreta insostenn ta' din il-kontestazzjoni. Fil-fatt, huma sempliċement isostnu li l-"frekwenza għolja tat-tranżazzjonijiet hija irrilevanti f'din il-kawża". Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti ma jistgħu validament jikkritikaw lill-Kummissjoni b'ebda inverżjoni tal-oneru tal-prova, sa fejn din tal-aħħar għandha marġni ta' evalwazzjoni fil-kalkolu tal-multa. Barra minn hekk, ma jistax jintlaqa' l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq l-allegata natura arbitrarja u mhux xierqa tal-applikazzjoni ta' 10 % ta' differenzjal bejn it-talba u l-offerta "intertraders" sabiex jiġi ddeterminat il-fattur ta' aġġustament inkwistjoni li jirriżulta minn sempliċi allegazzjoni, li bl-ebda mod ma hija ssostanzjata.

458 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Kummissjoni ddeterminat b'mod korrett il-fattur ta' aġġustament marbut man-negozjar għan-nom proprju. Għaldaqstant, l-argumenti tar-rikorrenti mressqa fil-konfront tagħha għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

3) Fuq il-metodoloġija alternattiva proposta mir-rikorrenti għall-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni

459 Ir-rikorrenti jqisu li l-metodoloġija alternattiva proposta minn Credit Suisse matul il-proċedura amministrattiva tikkostitwixxi bażi iktar xierqa u iktar affidabbli għad-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ tagħha. Din il-metodoloġija tikkonsisti, essenzjalment, fil-kalkolu tal-ammonti nozzjonali għal kull kombinazzjoni ta' pari ta' muniti u ta' xhur ta' negozjar li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet li fil-kuntest tagħhom Credit Suisse kienet tipprovdi likwidità, li jiġu mmultiplikati b'fattur ta' aġġustament relatat ma' differenzjal bejn it-talba u l-offerta li jikkorrispondi għal nofs id-differenzjal bejn it-talba u l-offerta għal kull kombinazzjoni ta' pari ta' muniti u ta' xhur ta' negozjar, abbażi ta' data li tirriżulta minn terz indipendenti.

460 Skont ir-rikorrenti, din il-metodoloġija tippermetti li tinkiseb approssimazzjoni iktar preċiża tal-valur ta' sostituzzjoni. Issa, il-Kummissjoni ma eżaminatx serjament l-argumenti u l-metodoloġija alternattiva proposti minn Credit Suisse. Ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni naqset milli twettaq l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha f'dan ir-rigward.

461 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

462 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-metodoloġija proposta mir-rikorrenti hija differenti minn dik applikata fid-deċiżjoni kkontestata sa fejn din teskludi mill-kalkolu l-ammonti nozzjonali marbuta mat-tranżazzjonijiet ta' xiri kif ukoll il-fattur ta' aġġustament marbut man-negozjar għan-nom proprju, iżda tapplika ponderazzjoni tad-differenzjali bejn it-talba u l-offerta marbuta mal-attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq.

463 Issa, kif jirriżulta mill-punti 410 sa 416 iktar 'il fuq, huwa b'mod żbaljat li r-rikorrenti jipprovaw jistabbilixxu li l-kalkolu tal-ammonti nozzjonali annwalizzati kellu jieħu inkunsiderazzjoni biss it-tranżazzjonijiet ta' bejgħ tal-muniti. Fil-fatt, tali kalkolu ma jiħux inkunsiderazzjoni t-tranżazzjonijiet rilevanti kollha mwettqa minn Credit Suisse, u dan anki jekk jiġi kkalkolat fuq il-kombinazzjoni tal-pari ta' muniti u tax-xhur ta' negozjar speċifiċi. Fi kwalunkwe każ, kif jirriżulta mir-rapport tal-esperti li jagħmlu riferiment għalih ir-rikorrenti insostenn tal-metodoloġija tagħhom, il-kalkolu alternattiv tal-ammonti nozzjonali ma huwiex ibbażat fuq data preċiża li tippermetti li jiġu ddeterminati biss it-tranżazzjonijiet li fil-kuntest tagħhom Credit Suisse kienet ipprovdiet likwidità.

464 Barra minn hekk, fir-rigward tal-esklużjoni mill-metodoloġija tal-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni tal-valur tad-dħul li jirriżulta mill-attivitajiet għan-nom proprju, għalkemm l-assenza tat-teħid inkunsiderazzjoni tiegħu tippermetti li jitnaqqas il-valur ta' sostituzzjoni allegatament "minfuħ", tali esklużjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni l-importanza ekonomika tal-ksur u l-piż relattiv ta' Credit Suisse f'dan tal-aħħar, sa fejn dan id-dħul jikkostitwixxi sors ta' dħul tal-banek u jagħmel parti mis-sustanza stess tal-attivitajiet tagħhom.

465 Fir-rigward tal-argument dwar l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni bbażata fuq l-assenza ta' spjegazzjonijiet min-naħa tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni minnha tal-metodu alternattiv propost mir-rikorrenti, għandu jiġi nnotat li, kif jirriżulta mill-premessi 626 sa 633 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni esponiet il-motivi li fuq il-bażi tagħhom hija ma qisitx xierqa l-metodoloġija alternattiva proposta mir-rikorrenti. Dwar il-punti l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li, l-imsemmi argument jirrigwarda iktar l-eżami tal-fondatezza tal-evalwazzjoni tal-imsemmija metodoloġija. Fi kwalunkwe każ, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, il-Kummissjoni ma tistax tiġi obbligata tispjega fid-deċiżjonijiet tagħha r-raġunijiet għalfejn hija ma adottatx, fir-rigward tal-kalkolu tal-ammont tal-multa, approċċi alternattivi għal dak effettivament adottat fid-deċiżjoni kkontestata (sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, SLM u Ori Martin vs Il-Kummissjoni, T-389/10 u T-419/10, EU:T:2015:513, punt 206).

466 Għaldaqstant, l-ewwel parti tar-raba' motiv għandha tintlaqa' biss sa fejn il-Kummissjoni ma użatx l-aħjar data disponibbli, fir-rigward ta' Credit Suisse, għad-determinazzjoni tal-fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq.

467 Madankollu, il-Qorti Ġenerali tqis xieraq li tkompli bl-eżami tar-raba' motiv tar-rikors billi tindirizza t-tielet parti, imbagħad it-tieni, ir-raba' u l-ħames parti

b) Fuq it-tielet parti tar-raba' motiv, ibbażata fuq sopravalutazzjoni tal-multa li tirriżulta mill-fattur marbut mal-gravità tal-ksur

468 Skont il-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi, l-ammont bażiku tal-multa huwa marbut ma' proporzjon tal-valur tal-bejgħ, iddeterminat skont il-livell tal-gravità tal-ksur, u mmultiplikat bin-numru ta' snin tal-ksur (punt 19). L-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur għandha ssir każ b'każ għal kull tip ta' ksur, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha tal-każ (punt 20). Bħala regola

ġenerali, il-proporzjon tal-valur tal-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni għandu jiġi ffissat għal livell li jista' jmur sa 30 % (punt 21). Sabiex tiddeċiedi l-livell tal-proporzjon tal-valur tal-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni f'każ partikolari, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni ċertu numru ta' fatturi, bħan-natura tal-ksur, is-sehem mis-suq aggregat tal-partijiet kollha kkonċernati, l-estensjoni ġeografika tal-ksur, u l-implimentazzjoni jew le tal-ksur (punt 22). Barra minn hekk, peress li r-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni l-iktar gravi, bħall-ftehimiet orizzontali ta' ffissar tal-prezz, għandhom jiġu ssanzjonati b'mod sever, il-proporzjon tal-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni għal tali ksur għandu jkun ġeneralment fil-parti ta' fuq tal-iskala (punt 23).

469 Fil-premessi 634 sa 637 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, fid-dawl tar-regoli mfakkra fil-punt 468 iktar 'il fuq, qieset, essenzjalment, li, fid-dawl tan-natura u tal-portata ġeografika tal-ksur, il-fattur ta' gravità kellu jiġi ffissat għal 16 %.

470 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ffissat b'mod żbaljat il-fattur ta' gravità tal-ksur għal 16 %. L-ewwel nett, hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-ishma tas-suq negliġibbli tat-traders, jew saħansitra ma spjegatx in-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn l-ishma tas-suq, meta dawn huma rilevanti sabiex tiġi ddeterminata s-saħħa ekonomika tal-banek parteċipi u l-gravità tal-ksur. It-tieni nett, fl-evalwazzjoni tal-fattur ta' gravità tal-ksur, hija ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-għan leġittimu u favur il-kompetizzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni. It-tielet nett, il-fatturi li jistgħu jaffettwaw il-gravità ta' ksur, jiġifieri n-numru u l-intensità tal-aġir, kellhom raġonevolment iwasslu lill-Kummissjoni sabiex tapplika fattur ta' gravità iktar baxx.

471 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

472 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fir-rigward tal-fatturi mhux eżawrjenti, imsemmija fil-punt 22 tal-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi, meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni sabiex tiddetermina l-proporzjon tal-valur tal-bejgħ li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni f'każ partikolari, il-Kummissjoni stabbilixxiet korrettament li l-ksur kontenzjuż kopra ż-ŻEE kollha u kien fil-forma ta' ftehimiet u/jew ta' prattiki miftiehma li kellhom l-għan, essenzjalment, li jnaqqsu jew ineħħu l-inċertezzi normali inerenti għas-suq tat-tranżazzjonijiet ta' kambju spot. Issa, dan it-tnaqqis jew tneħħija ppermetta li l-banek involuti fil-ksur jingħataw serħan il-moħħ dwar id-deċiżjonijiet tagħhom ta' ffissar tal-prezzijiet u ta' ġestjoni tar-riskji, filwaqt li dawn tal-aħħar jikkostitwixxu l-parametri li fid-dawl tagħhom dawn il-banek kellhom ikunu f'kompetizzjoni ma' xulxin fis-suq tal-kambji spot. Għalhekk, il-ksur inkwistjoni huwa wieħed mir-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni l-iktar gravi. Konformement mal-punt 23 tal-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi, il-proporzjon tal-bejgħ meħud inkunsiderazzjoni għal tali ksur għandu jitqies li jinsab 'il fuq fl-iskala.

473 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li ffissat il-fattur ta' gravità għal 16 %, jiġifieri f'livell li jinsab fost l-iktar rati baxxi tal-iskala tas-sanzjonijiet previsti għal tali ksur skont il-linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi.

474 Tali konklużjoni ma tista' titqiegħed f'dubju minn ebda wieħed mill-argumenti mressqa mir-rikorrenti.

475 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata tieħu inkunsiderazzjoni, fl-iffissar tal-fattur ta' gravità, l-ishma tas-suq tat-traders involuti fil-ksur uniku u kontinwu. Fil-fatt, tali element ma jagħmilx parti mill-fatturi elenkati fil-punt 23 tal-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi. Barra minn hekk, għalkemm, ċertament, sabiex tiġi ddeterminata l-gravità tal-ksur, għandhom jittieħdu

inkunsiderazzjoni l-elementi kollha ta' natura li jidħlu fl-evalwazzjoni tiegħu, b'mod partikolari d-daqs tal-impriżi parteċipi, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li ma teżistix lista vinkolanti jew eżawrjenti tal-kriterji li għandhom neċessarjament jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-gravità ta' ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni, C-99/17 P, EU:C:2018:773, punti 196 sa 198 u l-ġurisprudenza ċċitata).

476 Fit-tieni lok, in-numru u l-intensità tal-aġir antikompetittiv lanqas ma jagħmlu parti mill-fatturi elenkati fil-punt 23 tal-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi. Għalkemm huwa wkoll minnu li, skont il-ġurisprudenza, tali elementi huma ġeneralment rilevanti għad-determinazzjoni tal-ammont tal-multi (ara s-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni, C-99/17 P, EU:C:2018:773, punt 197 u l-ġurisprudenza ċċitata), xorta jibqa' l-fatt li l-Kummissjoni tista' tieħu inkunsiderazzjoni l-gravità relattiva tal-parteċipazzjoni ta' impriża fi ksur u taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża jew waqt l-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur, jew waqt l-aġġustament tal-ammont bażiku abbażi ta' ċirkustanzi attenwanti u aggravanti (sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni, C-444/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:464, punt 104).

477 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni kellha raġun tiffissa koeffiċjent ta' gravità billi tieħu inkunsiderazzjoni l-ksur fl-intier tiegħu u li l-gravità relattiva tal-parteċipazzjoni ta' Credit Suisse f'dan il-ksur setgħet tiġi eżaminata, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi attenwanti u mhux fl-istadju tal-fattur ta' gravità.

478 Fit-tielet u l-aħħar lok, fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni tal-għan leġittimu u favur il-kompetizzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni, għandu jitfakkar, kif sar fil-kuntest tal-eżami tat-tieni parti tat-tieni motiv, li l-Kummissjoni ġustament ċaħdet dawn l-argumenti. Għaldaqstant, hija ma kellha ebda raġuni sabiex tikkunsidrahom fl-istadju tal-iffissar tal-fattur ta' gravità.

479 Minn dan jirriżulta li t-tielet parti tar-raba' motiv għandha tiġi miċħuda bħala infondata.

c) Fuq it-tieni parti tar-raba' motiv, ibbażata fuq żball dwar it-tnaqqis tal-multa mogħtija minħabba ċirkustanzi attenwanti sproporzjonalment dgħajfa

480 Fil-premessi 650 sa 656 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset, essenzjalment, li, skont il-punt 29 tal-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ inkwistjoni, jiġifieri n-nuqqas ta' responsabbiltà ta' Credit Suisse fir-rigward tal-ftehim sottostanti, minn naħa, u tal-każijiet okkażjonali ta' koordinazzjoni, min-naħa l-oħra, kien hemm lok li tingħata 2 % għal kull wieħed minn dawn l-atti ta' aġir u għalhekk b'kollox total ta' 4 % ta' tnaqqis tal-multa minħabba ċirkustanzi attenwanti.

481 Ir-rikorrenti jsostnu li t-tnaqqis mogħti mill-Kummissjoni minħabba ċirkustanzi attenwanti ma jiħux inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-fatt li Credit Suisse ġiet irrikonoxxuta bħala responsabbli għal wieħed biss mit-tliet atti ta' aġir li jikkostitwixxu l-ksur uniku u kontinwu, u dan iktar u iktar peress li dan l-aġir kien l-inqas gravi mit-tlieta. Fil-fehma tagħhom, sabiex tirrifletti din ir-realtà, il-Kummissjoni kellha tapplika tnaqqis ta' madwar 75 % tal-multa jew, tal-inqas, ta' żewġ terzi, jiġifieri 66 %. Barra minn hekk, huma jikkritikaw lill-Kummissjoni talli ma ħaditx inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi attenwanti relatati, l-ewwel nett, mal-involviment allegat limitat ħafna ta' Credit Suisse u, it-tieni nett, mal-fatt li hija evitat li tadotta l-aġir antikompetittiv kontenzjuż, billi kkomunikat informazzjoni miksuba fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni ma' klijenti, ma' uffiċċji ta' bejgħ u ma' traders oħra.

482 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

483 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punt 335 iktar 'il fuq, l-aġir kollu li jikkostitwixxi l-ksur uniku u kontinwu kellu għan komuni li jikkonsisti, essenzjalment, fit-tnaqqis tal-inċertezzi normali inerenti għas-suq tat-tranżazzjonijiet tal-kambji spot, mingħajr madankollu ma tkun tista' tiġi stabbilita kwalunkwe allegata differenza fir-rigward tal-gravità tagħhom. Għalhekk, ir-rikorrenti ma għandhomx raġun meta huma jaffermaw, b'mod ġenerali u mhux issostanzjat, li l-iskambji ta' informazzjoni jikkostitwixxu l-aġir "l-inqas gravi" fost it-tliet atti ta' aġir li jikkostitwixxu l-imsemmi ksur, li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni bħala ċirkustanzi attenwanti.

484 Fit-tieni lok, l-argumenti mressqa mir-rikorrenti intiżi sabiex jistabbilixxu l-eżistenza ta' ċirkustanzi attenwanti minbarra dawk ammessi mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata lanqas ma jistgħu jintlaqgħu.

485 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, sa fejn Credit Suisse kienet inżammet responsabbli għall-ksur uniku u kontinwu għall-iskambji ta' informazzjoni, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta minn iktar minn mitt diskussjoni analizzati fid-deċiżjoni kkontestata, l-aġir ta' Credit Suisse kien simili ħafna għal dak tal-banek l-oħra parteċipi fl-istess perijodu. Għalhekk, il-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur ma kinitx sostanzjalment imnaqqsa, u dan seta' jikkostitwixxi ċirkustanza attenwanti fis-sens tal-punt 29 tal-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi.

486 It-tieni nett, fir-rigward tal-allegat aġir kompetittiv ta' Credit Suisse, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, sa fejn dan l-argument huwa bbażat, essenzjalment, fuq l-argumenti miċħuda fl-istadju tal-analiżi tat-tieni u tat-tielet motiv, il-Kummissjoni fl-ebda każ ma kienet obbligata tapplika dan l-element bħala ċirkustanza attenwanti.

487 It-tielet u l-aħħar nett, għandu jiġi analizzat l-effett tal-iżball tal-Kummissjoni kkonstatat waqt l-eżami tal-ewwel motiv tar-rikors dwar il-klassifikazzjoni tad-diskussjoni tad-9 ta' Mejju 2012 (premessa 276 tad-deċiżjoni kkontestata) sa fejn din il-klassifikazzjoni taqa' taħt l-evalwazzjoni tal-gravità tal-parteċipazzjoni ta' Credit Suisse fil-ksur inkwistjoni, li setgħet tnaqqasha minħabba ċirkustanzi attenwanti (ara l-punti 107 sa 117 iktar 'il fuq).

488 F'dan ir-rigward, għandu madankollu jiġi kkonstatat li dan l-iżball ta' klassifikazzjoni mwettaq mill-Kummissjoni ma għandux effett fuq in-natura proporzjonata tal-ammont tal-multa fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' din il-kawża. Fil-fatt, fid-dawl ta' iktar minn mitt diskussjoni eżaminati fid-deċiżjoni kkontestata, li parti minnhom tippreċedi u l-oħra ssegwi d-diskussjoni tad-9 ta' Mejju 2012, li la jippermettu li jinterrompu u lanqas li jaffettwaw l-iżvolġiment tal-aġir allegat fil-konfront ta' Credit Suisse, il-fatt li din l-unika diskussjoni ġiet ikkonstatata b'mod żbaljat fil-konfront ta' din tal-aħħar lanqas ma jippermetti li titnaqqas il-gravità tal-ksur imputat lilha fid-dawl tan-numru għoli ta' manifestazzjonijiet u tal-gravità tal-aġir li bih huwa akkużat dan il-bank.

489 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-tieni parti tar-raba' motiv għandha tiġi miċħuda.

d) Fuq ir-raba' parti tar-raba' motiv, ibbażata fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament

490 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament billi naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni, minn naħa, il-fatt li Credit Suisse hija miżmuma responsabbli għal element wieħed li jikkostitwixxi l-ksur uniku u kontinwu, li t-tnaqqis ta' 4 % applikat mill-Kummissjoni ma jiħux inkunsiderazzjoni b'mod suffiċjenti u, min-naħa l-oħra, il-parteċipazzjoni limitata ta' Credit Suisse fil-ksur allegat filwaqt li l-banek l-oħra involuti fil-fatti allegati bbenefikaw minn tnaqqis minħabba koinċidenza *ratione temporis*. Għalhekk, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni r-responsabbiltà individwali ta' Credit Suisse. Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni ma eżerċitatx korrettament is-setgħa diskrezzjonali tagħha fl-iffissar tal-multi f'din il-kawża.

491 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

492 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 445 iktar 'il fuq, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament jinkiser biss meta sitwazzjonijiet paragunabbli jiġu ttrattati b'mod differenti jew sitwazzjonijiet differenti jiġu ttrattati bl-istess mod, sakemm dak it-trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat.

493 Min-naħa l-oħra, għandu jitfakkar li, għall-kalkolu tal-multi imposti fuq l-impriżi li pparteċipaw f'akkordju, trattament differenti bejn l-impriżi kkonċernati jifforma parti inerenti mill-eżerċizzju tas-setgħat li l-Kummissjoni għandha l-Kummissjoni f'dan il-qasam. Fil-fatt, fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tindividwalizza s-sanzjoni skont l-aġir u l-karatteristiċi partikolari tal-impriżi kkonċernati sabiex tiggarantixxi, f'kull każ, l-effikaċja sħiħa tar-regoli tal-kompetizzjoni (ara s-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2013, Caffaro vs Il-Kummissjoni, C-447/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:797, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

494 F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-allegazzjoni ta' inugwaljanza fit-trattament minħabba l-allegat nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-parteċipazzjoni limitata ta' Credit Suisse fil-ksur, għandu jitfakkar li, kuntrarjament għal dak li jallegaw ir-rikorrenti, it-tul tal-parteċipazzjoni tagħha, f'dan il-każ l-iqsar fost il-parteċipanti kollha fil-ksur, ittieħed inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni waqt il-kalkolu tal-multa (premessi 643 sa 645 tad-deċiżjoni kkontestata). Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li Credit Suisse pparteċipat biss f'att ta' ksur wieħed uniku u kontinwu, sa fejn huma kkonċernati l-iskambji ta' informazzjoni, imsemmija fid-deċiżjoni kkontestata f'din il-kawża, għall-kuntrarju ta' banek oħra li pparteċipaw f'diversi atti ta' ksur f'diversi fora ta' diskussjoni. Issa, it-trattament differenti tas-sitwazzjonijiet ta' Credit Suisse u ta' banek oħra għandu, għaldaqstant, jitqies li huwa oġġettivament iġġustifikat, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 492 u 493 iktar 'il fuq, mid-differenzi li jikkonċernaw it-tul u n-numru ta' atti ta' ksur imwettqa f'diversi fora ta' diskussjoni.

495 Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tal-argumenti tagħhom, ġenerali u mhux issostanzjati, dwar allegat ksur mill-Kummissjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament li jirriżulta mir-rifjut li Credit Suisse tingħata tnaqqis ta' 66 sa 75 % tal-ammont bażiku tal-multa bħal partijiet oħra li pparteċipaw f'diversi atti ta' ksur f'dan is-suq sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-koinċidenza *ratione temporis*, ir-rikorrenti jipprovaw, essenzjalment, li jinvokaw ċirkustanza attenwanti bbażata fuq l-aġir tal-parteċipanti l-oħra fil-ksur.

496 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, bħala prinċipju, il-parteċipant fi ksur ma jistax jinvoka ċirkustanza attenwanti bbażata fuq l-aġir tal-parteċipanti l-oħra f'dn il-ksur (ara s-sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, Huhtamäki u Huhtamaki Flexible Packaging Germany vs Il-Kummissjoni, T-530/15, mhux ippubblikata, EU:T:2019:498, punt 193 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għalhekk, il-fatt li l-membri l-oħra tal-akkordju kienu involuti b'mod differenti fiż-żmien jew f'diversi atti ta' ksur f'diversi fora ta' diskussjoni jista' jikkostitwixxi, skont il-każ, ċirkustanza aggravanti li għandha tiġi applikata kontrihom, iżda mhux ċirkustanza attenwanti favur Credit Suisse (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2019, Huhtamäki u Huhtamaki Flexible Packaging Germany vs Il-Kummissjoni, T-530/15, mhux ippubblikata, EU:T:2019:498, punt 194 u l-ġurisprudenza ċċitata).

497 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi kkonstatat li t-tnaqqis mogħti lill-parteċipanti l-oħra fid-deċiżjoni ta' riżolviment ma ġiex applikat fuq l-ammont bażiku li għalih ir-rikorrenti jinvokawh, iżda fil-kuntest tal-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni. Għalhekk, it-tnaqqis mitlub ma huwiex paragunabbli ma' dak li bbenefikaw minnu l-parteċipanti l-oħra fil-ksur.

498 Għaldaqstant, hemm lok li tiġi miċħuda r-raba' parti tar-raba' motiv.

e) Fuq il-ħames parti tar-raba' motiv, ibbażata fuq l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-proporzjonalità tal-kalkolu tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti meta mqabbla ma' dik imposta fuq il-parteċipanti l-oħra fil-ksur

499 Ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni ma mmotivatx b'mod suffiċjenti l-fatturi li jirriżultaw rilevanti għall-kalkolu tal-multi imposti fuq il-partijiet għar-riżolviment. Huma jqisu li għalhekk huma mċaħħda mill-possibbiltà li jevalwaw il-portata tal-ksur tad-dritt għall-ugwaljanza fit-trattament ta' Credit Suisse, bħalma hija l-Qorti Ġenerali fl-evalwazzjoni tagħha tan-natura proporzjonata tat-tnaqqis mogħti lil Credit Suisse għall-parteċipazzjoni limitata tagħha.

500 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

501 F'dan ir-rigward, huwa rrilevat li l-argument tar-rikorrenti relatat mal-allegata insuffiċjenza ta' motivazzjoni fir-rigward tal-proporzjonalità tal-ammont tal-multa, kif imressaq fir-rikors, huwa bbażat, essenzjalment, fuq il-paragun impossibbli tat-tnaqqis tal-multa ta' Credit Suisse mat-tnaqqis tal-multa mogħti lill-partijiet l-oħra li waslu għal riżolviment, u dan minħabba li r-rikorrenti ma kellhomx id-deċiżjoni ta' riżolviment meta ppreżentaw ir-rikors. Madankollu, ladarba din id-deċiżjoni saret disponibbli matul il-proċedura pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali, huma ma ressqu ebda argument addizzjonali dwar l-imsemmija insuffiċjenza ta' motivazzjoni fl-istadju tar-replika.

502 Mistoqsija waqt is-seduta, ir-rikorrenti kkonfermaw li, essenzjalment, huma ma kinux jinvokaw iktar l-argumenti tagħhom ifformulati fil-kuntest tal-ħames parti tar-raba' motiv f'dak li jirrigwarda l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata dwar il-"fatturi li jirriżultaw rilevanti għall-kalkolu tal-multi imposti fuq il-partijiet għar-riżolviment". Madankollu, huma qiesu li t-tieni parti tal-argument tagħhom, dwar il-proporzjonalità tal-multa, kienet għadha valida għall-finijiet ta' dan ir-rikors.

503 Issa, f'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-ispjegazzjoni tar-rikorrenti, imressqa waqt is-seduta, dwar il-proporzjonalità tal-multa, bl-ebda mod ma hija sostnuta mill-argumentazzjoni li tinsab fil-ħames parti tar-raba' motiv, kif miġbura fil-qosor fil-punti 499 u 501 iktar 'il fuq. Fil-fatt, l-allegazzjoni dwar il-proporzjonalità tat-tnaqqis tal-multa, ġenerali u mhux

issostanzjata, indirizzata f'żewġ sentenzi fir-rikors, fejn it-tieni waħda tikkostitwixxi konsegwenza li r-rikorrenti jisiltu mill-indisponibbiltà tad-deċiżjoni ta' riżolviment, fl-ebda każ ma hija fformulata b'mod awtonomu min-nuqqas ta' motivazzjoni. Għaldaqstant, peress li din l-allegazzjoni hija marbuta ma' argument abbandunat fil-mori tal-kawża, ma hemmx iktar lok li tiġi eżaminata.

504 Fi kwalunkwe każ, it-tnaqqis tal-multa imposta fuq Credit Suisse, abbażi taċ-ċirkustanzi attenwanti, minħabba t-tnaqqis mogħti lil parteċipanti oħra fil-ksur, ma jistax jikkostitwixxi element xieraq sabiex jiġi ddeterminat nuqqas possibbli ta' proporzjonalità tal-multa (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2006, Hoek Loos vs Il-Kummissjoni, T-304/02, EU:T:2006:184, punt 85). Fil-fatt, l-imsemmi tnaqqis huwa, b'mod partikolari, il-konsegwenza ta' diversi ċirkustanzi marbuta mal-aġir individwali ta' Credit Suisse u dak tal-parteċipanti l-oħra fil-ksur, u li t-teħid inkunsiderazzjoni tagħhom fil-kalkolu tal-multa huwa ġġustifikat mill-prinċipju ta' individwalizzazzjoni tas-sanzjoni. Issa, kif jirriżulta mill-punti 492 sa 498 iktar 'il fuq, fid-dawl tal-fatt li l-banek l-oħra involuti fil-ksur inkwistjoni kienu jipparteċipaw ukoll fi ksur ieħor li seħħ f'fora oħra ta' diskussjoni u għalhekk kienu jinsabu f'sitwazzjonijiet oġġettivament differenti minn Credit Suisse, il-Kummissjoni setgħet tapplika tnaqqis differenti. Għaldaqstant, dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

505 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-raba' motiv huwa parzjalment fondat f'dak li jirrigwarda l-ewwel parti tiegħu relatata mal-fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq. Madankollu, dan il-motiv għandu jiġi miċħud għall-kumplament.

2. Konklużjoni dwar l-Artikolu 2(a) tad-deċiżjoni kkontestata

506 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-iżball tal-Kummissjoni dwar id-data użata għad-determinazzjoni tal-fattur ta' aġġustament li għandu jiġi applikat għall-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni jwassal għall-annullament tal-Artikolu 2(a) tad-deċiżjoni kkontestata.

C. Fuq it-talba għal tnaqqis tal-ammont tal-multa

507 Permezz tat-tielet kap tat-talbiet tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu lill-Qorti Ġenerali tnaqqas l-ammont tal-multa imposta fuq Credit Suisse, u dan indipendentement mit-talbiet tal-Qorti Ġenerali dwar l-ewwel kap tat-talbiet tagħhom intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

508 Għalhekk, hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa mressqa mir-rikorrenti, b'applikazzjoni tal-ġurisdizzjoni sħiħa rrikonoxxuta lill-Qorti Ġenerali mill-Artikolu 261 TFUE u mill-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003.

509 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, filwaqt li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-ġurisdizzjoni sħiħa rrikonoxxuta lill-qorti tal-Unjoni mill-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003 konformement mal-Artikolu 261 TFUE, tawtorizza lill-qorti, lil hinn mis-sempliċi stħarriġ tal-legalità tas-sanzjoni, tissostitwixxi bl-evalwazzjoni tagħha dik tal-Kummissjoni u, konsegwentement, tħassar, tnaqqas jew iżżid il-multa jew il-penalità imposta, l-eżerċizzju ta' din il-ġurisdizzjoni sħiħa ma huwiex ekwivalenti għal stħarriġ *ex officio* u l-proċedura tibqa' kontradittorja. Hija r-rikorrenti li bħala prinċipju għandha tinvoka l-motivi kontra d-deċiżjoni kontenzjuża u li għandha tipproduċi l-provi insostenn ta' dawn il-motivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni, C-99/17 P, EU:C:2018:773, punti 193 sa 194 u l-ġurisprudenza ċċitata).

510 L-eżerċizzju mill-Qorti Ġenerali tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha jippreżupponi, skont l-Artikolu 23(3) tar-Regolament Nru 1/2003, li tittieħed inkunsiderazzjoni l-gravità tal-ksur inkwistjoni kif ukoll it-tul tiegħu, b'osservanza tal-prinċipji, b'mod partikolari, ta' motivazzjoni, ta' proporzjonalità, ta' individwalizzazzjoni tas-sanzjonijiet u ta' ugwaljanza fit-trattament, u mingħajr ma tkun marbuta bir-regoli indikattivi ddefiniti mill-Kummissjoni fil-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi tagħha, minkejja li dawn tal-aħħar jistgħu jiggwidaw lill-qrati tal-Unjoni meta jeżerċitaw il-ġurisdizzjoni sħiħa tagħhom (sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Galp Energía España *et* vs Il-Kummissjoni, C-603/13 P, EU:C:2016:38, punt 90 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

511 Għandu jiġi osservat ukoll li, min-natura tiegħu, l-iffissar ta' multa mill-Qorti Ġenerali ma huwiex eżerċizzju aritmetiku preċiż. Barra minn hekk, meta tiddeċiedi bis-saħħa tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, il-Qorti Ġenerali għandha twettaq l-evalwazzjoni tagħha stess, billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ (ara s-sentenza tal-15 ta' Lulju 2015, Trafilerie Meridionali vs Il-Kummissjoni, T-422/10, EU:T:2015:512, punt 398 u l-ġurisprudenza ċċitata).

512 Fil-kuntest tal-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, hija l-Qorti Ġenerali li għandha tispjega b'mod iddettaljat il-fatturi li hija tieħu inkunsiderazzjoni meta tiffissa l-ammont tal-multa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Settembru 2016, Trafilerie Meridionali vs Il-Kummissjoni, C-519/15 P, EU:C:2016:682, punt 52).

513 F'dan il-każ, sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-multa intiża biex tippenalizza l-aġir li jikkostitwixxi ksur ta' Credit Suisse, kif jirriżulta mill-eżami tal-ħames motivi invokati f'dan ir-rikors, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi li ġejjin.

514 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-gravità u tat-tul tal-ksur, għandu jiġi osservat dan li ġej.

515 Huwa xieraq li tintuża l-metodoloġija li, bħal dik segwita f'dan il-każ mill-Kummissjoni, tidentifika, għall-ewwel, l-ammont bażiku tal-multa, li jista', wara dan, jiġi aġġustat fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża.

516 Qabel kollox, fir-rigward tal-valur tal-bejgħ bħala data inizjali, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, bħala valur ta' sostituzzjoni, l-ammonti nozzjonali annwalizzati ta' Credit Suisse assoċjati ma' tranżazzjonijiet ta' xiri u ma' tranżazzjonijiet ta' bejgħ ta' pari ta' muniti matul il-perijodu rilevanti. Sussegwentement, dawn l-ammonti nozzjonali annwalizzati għandhom jiġu aġġustati bl-applikazzjoni ta' fattur, ikkostitwit minn somma, minn naħa, ikkostitwit mid-differenzjal bejn il-prezz tal-offerta u tat-talba tad-dħul li jirriżulta mill-attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq u, min-naħa l-oħra, minn 10 % ta' differenzjal bejn it-talba u l-offerta tad-dħul li jirriżulta mill-attivitajiet għan-nom proprju.

517 Kif jirriżulta mill-punti 428 sa 436 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat li d-data li tirriżulta minn kampjun tal-iskambji ta' informazzjoni li seħħew fil-forum ta' diskussjoni inkwistjoni kienet tikkostitwixxi l-"aħjar data disponibbli" għall-finijiet tal-kalkolu tal-fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq, b'tali mod li vvizzjat b'irregolaritajiet il-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni ta' Credit Suisse, filwaqt li dan huwa komponent tal-kalkolu tal-ammont bażiku tal-multa, u, għaldaqstant, tal-ammont finali tal-multa li ġiet imposta fuqha. Għaldaqstant, id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi emendata sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni, fid-determinazzjoni tal-valur ta' sostituzzjoni, id-data Bloomberg BFIX (ara l-punti 437 sa 448 iktar 'il fuq).

518 Minn naħa, fir-rigward tal-fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq, ir-rikorrenti jqisu li, abbażi ta' din id-data, id-differenzjal bejn it-talba u l-offerta kien jammonta għal 1.47 punt bażi u li, konsegwentement, dan il-fattur ta' aġġustament, li jirrappreżenta 50 % tal-imsemmi differenzjal, kien jammonta għal 0.73 punt bażi. Ir-rikorrenti kkalkolaw dan id-differenzjal bejn it-talba u l-offerta ta' 1.47 punt bażi billi bbażaw ruħhom fuq medja ponderata tad-differenzjali bejn it-talba u l-offerta li jirriżultaw mid-data Bloomberg BFIX li tikkonċerna l-pari ta' muniti G10 komposti minn tal-inqas munita waħda taż-ŻEE għall-perijodu rilevanti, billi rrelataw dawn id-differenzjali mal-ammonti nozzjonali ta' Credit Suisse għal kull wieħed minn dawn il-pari ta' muniti. Huma jqisu, fil-fatt, li l-pari ta' muniti li jiġu skambjati ta' spiss huma iktar likwidi u, konsegwentement, għandhom differenzjali bejn it-talba u l-offerta iktar baxxi. Għalhekk, l-applikazzjoni ta' medja sempliċi tkabbar b'mod sinjifikattiv il-valur tal-bejgħ ta' Credit Suisse.

519 Il-Kummissjoni qieset, min-naħa tagħha, fir-risposta tagħha għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura deċiża mill-Qorti Ġenerali, li, abbażi tad-data Bloomberg BFIX, id-differenzjal bejn it-talba u l-offerta kien jammonta għal 2.3 punti bażi u li, konsegwentement, il-fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq kien jammonta għal 1.15 punt bażi. Il-Kummissjoni kkalkolat dan id-differenzjal bejn it-talba u l-offerta billi bbażat ruħha fuq medja sempliċi tad-differenzjali bejn it-talba u l-offerta li jirriżultaw mid-data Bloomberg BFIX dwar il-pari ta' muniti G10 komposti minn tal-inqas munita waħda taż-ŻEE għall-perijodu rilevanti. Il-Kummissjoni tqis li l-metodu li jikkonsisti fl-applikazzjoni ta' medja sempliċi għad-differenzjali bejn it-talba u l-offerta huwa dak li l-iktar joqrob lejn il-metodoloġija segwita fid-deċiżjoni kkontestata.

520 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-ammonti nozzjonali ta' Credit Suisse diġà ttieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni fil-kalkolu tal-ammonti nozzjonali annwalizzati. Kif irrilevat il-Kummissjoni, essenzjalment, fil-kontroreplika tagħha, għalkemm dawn l-ammonti huma intiżi sabiex jirriflettu l-attività ta' Credit Suisse, id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta, għall-finijiet tal-kalkolu tal-fattur ta' aġġustament, huma intiżi b'mod partikolari sabiex jirriflettu l-importanza ekonomika tal-ksur u l-istruttura reali tat-tranżazzjonijiet tal-impriżi parteċipi relatati mal-prodotti finanzjarji kkonċernati mill-ksur. Issa, dan ma jkunx il-każ li kieku dawn id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta kellhom jiġu pponderati skont l-ammonti nozzjonali ta' Credit Suisse għal kull par muniti. Barra minn hekk, peress li d-differenzjali bejn it-talba u l-offerta li jirriżultaw mid-data Bloomberg BFIX ma jikkonċernawx biss tranżazzjonijiet imwettqa minn Credit Suisse, il-ponderazzjoni ta' dawn id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta fir-rigward tal-ammonti nozzjonali ta' Credit Suisse għal kull par muniti tista', għall-kuntrarju, timminimizza b'mod sinjifikattiv il-valur tal-bejgħ ta' Credit Suisse. Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li l-metodu ta' kalkolu tad-differenzjal bejn it-talba u l-offerta propost mir-rikorrenti huwa inqas xieraq minn dak propost mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq u li konsegwentement hemm lok li jiġi applikat l-imsemmi fattur propost mill-Kummissjoni, jiġifieri 1.15 punt bażi.

521 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-fattur ta' aġġustament marbut man-negozjar għan-nom proprju, ir-rikorrenti ma rnexxilhomx jikkontestaw l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li dan jammonta għal 0.1 punt bażi (ara l-punti 449 sa 458 iktar 'il fuq). Konsegwentement, il-fattur ta' aġġustament totali marbut mal-valur ta' sostituzzjoni, ikkalkolat abbażi tad-data Bloomberg BFIX, jammonta għal 1.25 punt bażi (jew 0.0125 %).

522 Għaldaqstant, peress li r-rikorrenti ma rnexxilhomx jikkontestaw il-valur ta' EUR 1 060 802 752 528 tal-ammonti nozzjonali annwali ta' Credit Suisse kkunsidrat fid-deċiżjoni kkontestata (ara l-punti 407 sa 416 iktar 'il fuq), wara l-multiplikazzjoni tal-valur ta' dawn l-ammonti bil-fattur ta' aġġustament ta' 1.25 punt bażiku, il-valur ta' sostituzzjoni tal-valur tal-bejgħ għal Credit Suisse huwa ta' EUR 132 600 344, kif ikkalkolat il-Kummissjoni fir-risposta tagħha għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura deċiża mill-Qorti Ġenerali.

523 Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali tqis xieraq li tieħu inkunsiderazzjoni n-natura tal-ksur kif ukoll il-portata ġeografika tiegħu u li tapplika 16 % tal-valur tal-bejgħ bħala riflessjoni tal-gravità tiegħu għar-raġunijiet esposti fil-punti 472 u 473 iktar 'il fuq.

524 Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat it-tul tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-ksur kif jirriżulta mid-deċiżjoni kkontestata, peress li dan ma ġiex ikkontestat mir-rikorrenti u ma huwiex affettwat mill-konklużjoni, li tinsab fil-punt 117 iktar 'il fuq, dwar id-diskussjoni tad-9 ta' Mejju 2012. Konsegwentement, hemm lok li jiġi applikat 0.42 sena bħala t-tul tal-parteċipazzjoni fil-ksur.

525 Fl-aħħar nett, bħalma għamlet il-Kummissjoni, għandu jiżdied ammont addizzjonali ta' 16 % tal-valur tal-bejgħ sabiex tiġi żgurata n-neċessità li tiġi imposta multa ta' ammont dissważiv indipendentement mit-tul tal-ksur.

526 Fit-tieni lok, huwa xieraq, bħall-kunsiderazzjonijiet li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata, li l-ammont bażiku tal-multa jitnaqqas, minħabba ċirkustanzi attenwanti, b'2 % għan-nuqqas ta' responsabbiltà ta' Credit Suisse għall-każijiet okkażjonali ta' koordinazzjoni u ta' b'2 % għan-nuqqas tar-responsabbiltà tagħha fil-ftehim sottostanti.

527 Fit-tielet lok, l-ammont tal-multa ddeterminat mill-Qorti Ġenerali jieħu debitament inkunsiderazzjoni n-neċessità li tiġi imposta multa ta' ammont dissważiv, kif jirriżulta mill-punt 525 iktar 'il fuq.

528 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, il-Qorti Ġenerali tqis li ssir evalwazzjoni ġusta taċ-ċirkustanzi tal-każ b'teħid inkunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' individwalizzazzjoni tas-sanzjoni u tal-prinċipju ta' proporzjonalità tagħha bl-iffissar tal-ammont tal-multa għal EUR 28 920 000, li UBS Group, aventi kawża ta' Credit Suisse Group, UBS, aventi kawża ta' Credit Suisse, u Credit Suisse Securities (Europe) huma responsabbli *in solidum* għaliha.

IV. Fuq l-ispejjeż

529 Skont l-Artikolu 134(3) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

530 F'dan il-każ, ir-rikorrenti rebħu fir-rigward tat-talba tagħhom għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn huwa kkonċernat l-Artikolu 2(a) tagħha, kif ukoll fir-rigward tat-talba tagħhom għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa, iżda tilfu fir-rigward tat-talba tagħhom għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Seba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 2(a) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2021) 8612 final tat-2 ta' Diċembru 2021 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.40135 – FOREX (Sterling Lads)) huwa annullat.**

2) **L-ammont tal-multa li UBS Group AG, aventi kawża ta' Credit Suisse Group AG, UBS AG, aventi kawża ta' Credit Suisse AG, u Credit Suisse Securities (Europe) Ltd huma responsabbli *in solidum* għaliha, hija ffissata għal EUR 28 920 000**.

3) **Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.**

4) **Kull parti hija kkundannata għall-ispejjeż rispettivi tagħha.**

Kowalik-Bańczyk Buttigieg Ricziová

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-23 ta' Lulju 2025.

Firem

Werrej

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża . . . 2

A. Fuq il-proċedura li tat lok għad-deċiżjoni kkontestata . . . 2

B. Id-deċiżjoni kkontestata . . . 3

1. Prodotti inkwistjoni u s-settur ikkonċernat . . . 3

2. Aġir allegat fil-konfront ta' Credit Suisse . . . 5

3. Multa . . . 7

a) Ammont bażiku tal-multa . . . 7

b) Ammont finali tal-multa . . . 7

II. It-talbiet tal-partijiet . . . 8

III. Id-dritt . . . 8

A. Fuq l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata . . . 8

1. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 101 TFUE u fuq motivazzjoni insuffiċjenti fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni online bħala ftehimiet u/jew prattiki miftiehma antikompetittivi . . . 8

a) Osservazzjonijiet preliminari . . . 9

b) Fuq l-ewwel parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma pproduċietx prova tal-eżistenza ta' ftehim sottostanti u konsegwentement li l-iskambji ta' informazzjoni online jikkostitwixxu ftehim antikompetittiv u/jew prattika miftiehma . . . 9

c) Fuq it-tieni parti tal-ewwel motiv, ibbażata fuq l-assenza ta' provi li jistabbilixxu li l-iskambji ta' informazzjoni online kienu jikkostitwixxu ftehimiet u/jew prattiki miftiehma awtonomi . . . 11

1) Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq l-interpretazzjoni żbaljata ta' ċerti provi kontemporanji mill-Kummissjoni u t-tieni lment, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-iskambji ta' informazzjoni online ma jikkostitwixxux ftehimiet u/jew prattiki miftiehma antikompetittivi . . . 12

i) Fuq l-ammissibbiltà ta' ċerti argumenti u provi tar-rikorrenti . . . 12

ii) Fuq in-natura antikompetittiva tad-diskussjonijiet speċifikament ikkontestati mir-rikorrenti . . . 14

– Fuq id-diskussjonijiet tal-14 ta' Ġunju, tal-5 ta' Awwissu u tal-4 ta' Ottubru 2011 u tas-7 ta' Frar u tal-1 ta' Ġunju 2012 . . . 15

– Fuq id-diskussjoni tal-14 ta' Mejju 2012 15

– Fuq id-diskussjoni tal-11 ta' April 2012 16

– Fuq id-diskussjoni tat-13 ta' April 2012 18

– Fuq id-diskussjoni tad-9 ta' Mejju 2012 19

– Fuq id-diskussjoni tal-5 ta' Ġunju 2012 21

– Fuq id-diskussjoni tal-25 ta' April 2012 22

– Fuq id-diskussjoni tal-10 ta' Frar 2012 24

– Fuq id-diskussjonijiet tal-25 ta' April, tad-19 ta' Ġunju, tat-3 u tal-4 ta' Lulju 2012 25

– Konklużjonijiet dwar id-diskussjonijiet speċifikament ikkontestati mir-rikorrenti 28

iii) Fuq in-natura antikompetittiva tad-diskussjonijiet mhux speċifikament ikkontestati 28

2) Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq l-iżball ta' liġi mwettaq mill-Kummissjoni meta kkonkludiet li l-ispjegazzjoni leġittima tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni pprovduta minn Credit Suisse kienet irrilevanti 31

2. Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 101 TFUE u fuq motivazzjoni insuffiċjenti fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni online bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" 32

a) Osservazzjonijiet preliminari 32

b) Fuq l-ewwel parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq l-assenza ta' prova tal-eżistenza ta' restrizzjoni minħabba l-għan 34

1) Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq żbalji mwettqa mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tagħha tal-kuntest tas-suq ikkonċernat 35

i) Fuq it-trasparenza tas-suq tal-kambji spot 35

ii) Fuq l-istruttura tas-suq inkwistjoni 37

iii) Fuq ir-rwol doppju tat-traders 38

2) Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni kellhom l-għan li jirrestrinġu l-kompetizzjoni hija bbażata fuq ipoteżijiet fattwali ineżatti mhux ivverifikati . . 39

i) Fuq l-iskambji ta' informazzjoni dwar id-differenzjali bejn it-talba u l-offerta ("bid-ask spreads") 39

ii) Fuq l-iskambji ta' informazzjoni dwar l-ordnijiet tal-klijenti 41

iii) Fuq l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-pożizzjonijiet ta' riskju miftuħa . . 42

iv) Fuq l-iskambji ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' trading attwali jew prospettivi 42

3) Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq żbalji mwettqa mill-Kummissjoni billi bbażat ruħha fuq il-klassifikazzjoni legali tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni ppreżentata fil-provi prodotti sabiex tinkiseb il-klemenza u fil-proposti ta' riżolviment 43

4) Fuq ir-raba' lment, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni ma setgħetx tibbaża ruħha fuq l-esperjenza tagħha fil-qasam tal-iskambju ta' informazzjoni f'kuntesti oħra tas-suq jew f'każijiet finanzjarji oħra sabiex tnaqqas l-oneru tal-prova impost fuqha 46

5) Konklużjoni dwar l-ewwel parti tat-tielet motiv 47

c) Fuq it-tieni parti tat-tieni motiv, ibbażata fuq żbalji mwettqa mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-analiżi tan-natura leġittima jew favur il-kompetizzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni inkwistjoni 47

3. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 101 TFUE u fuq l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni fir-rigward tal-klassifikazzjoni bħala ksur uniku u kontinwu adottata fid-deċiżjoni kkontestata 53

a) Fuq l-ewwel parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq l-insuffiċjenza ta' provi u ta' motivazzjoni tal-eżistenza ta' pjan globali li jsegwi għan komuni li għalih Credit Suisse kellha l-intenzjoni li tikkontribwixxi, li hija kienet taf bih jew li kellha tipprevedi 55

1) Fuq l-eżistenza ta' "pjan globali" li jsegwi għan komuni 55

2) Fuq l-għarfien u l-intenzjoni li jingħata kontribut għall-għan komuni segwit . . . 57

3) Fuq it-tbegħid mill-iskambji ta' informazzjoni 59

b) Fuq it-tieni parti tat-tielet motiv, ibbażata fuq żball ta' liġi fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-ftehim sottostanti bħala element tal-ksur uniku u kontinwu li jista' jkun is-suġġett ta' diversi livelli ta' parteċipazzjoni 60

4. Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba 61

5. Konklużjoni dwar l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata 64

B. Fuq l-Artikolu 2(a) tad-deċiżjoni kkontestata 64

1. Fuq ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003, tal-Linji Gwida għall-Kalkolu tal-Multi, tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-obbligu ta' motivazzjoni 64

a) Fuq l-ewwel parti tar-raba' motiv, ibbażata fuq żball fil-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni 65

1) Fuq l-ammonti nozzjonali annwalizzati ta' Credit Suisse 66

2) Fuq il-fattur ta' aġġustament uniformi kkunsidrat fid-deċiżjoni kkontestata . . . 68

i) Fuq il-fattur ta' aġġustament marbut mal-ġenerazzjoni tas-suq 68

ii) Fuq il-fattur ta' aġġustament marbut man-negozjar għan-nom proprju . . . 74

3) Fuq il-metodoloġija alternattiva proposta mir-rikorrenti għall-kalkolu tal-valur ta' sostituzzjoni 75

b) Fuq it-tielet parti tar-raba' motiv, ibbażata fuq sopravalutazzjoni tal-multa li tirriżulta mill-fattur marbut mal-gravità tal-ksur 76

c) Fuq it-tieni parti tar-raba' motiv, ibbażata fuq żball dwar it-tnaqqis tal-multa mogħtija minħabba ċirkustanzi attenwanti sproporzjonalment dgħajfa 78

d) Fuq ir-raba' parti tar-raba' motiv, ibbażata fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament 80

e) Fuq il-ħames parti tar-raba' motiv, ibbażata fuq l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-proporzjonalità tal-kalkolu tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti meta mqabbla ma' dik imposta fuq il-parteċipanti l-oħra fil-ksur 81

2. Konklużjoni dwar l-Artikolu 2(a) tad-deċiżjoni kkontestata 82

C. Fuq it-talba għal tnaqqis tal-ammont tal-multa 82

IV. Fuq l-ispejjeż 85